



Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**Il-153 sessjoni plenarja tal-KtR, 8.2.2023–9.2.2023**

2023/C 157/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-risposta tal-bliet u r-reġjuni għall-kriżi tal-enerġija: lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġenwina . . . . .	1
---------------	--	---

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**Il-153 sessjoni plenarja tal-KtR, 8.2.2023–9.2.2023**

2023/C 157/02	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Progress fl-implimentazzjoni tal-SDGs” . . . . .	6
2023/C 157/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Rapport ta’ rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza” . . . . .	12
2023/C 157/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE” . . . . .	18
2023/C 157/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Il-ħolqien ta’ ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali — il-perspettiva lokali u reġjonali” . . . . .	23
2023/C 157/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-“Istrateġija Ewropea għall-Kura” . . . . .	28
2023/C 157/07	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Introjtu minimu adegwat għall-inklużjoni soċjali: il-perspettiva lokali u reġjonali” . . . . .	33
2023/C 157/08	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Il-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura” . . . . .	38

### III *Atti preparatorji*

#### **II-Kumitat tar-Reġjuni**

##### **II-153 sessjoni plenarja tal-KtR, 8.2.2023–9.2.2023**

2023/C 157/09	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Strategġiji reġjonali ta’ adattament sabiex tinkiseb agrikoltura b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju” . . . . .	58
2023/C 157/10	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa” . . . . .	64
2023/C 157/11	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku” . . . . .	82

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-153 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 8.2.2023–9.2.2023

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-risposta tal-bliet u r-reġjuni għall-kriżi tal-enerġija: lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġenwina**

(2023/C 157/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

- wara li kkunsidra l-Pjan REPowerEU tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Mejju 2022 <sup>(1)</sup>;
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/1032 tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass <sup>(2)</sup>;
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass <sup>(3)</sup>;
- wara li kkunsidra l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija <sup>(4)</sup>;
- wara li kkunsidra l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, tal-iskambji transfruntieri tal-gass u parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet <sup>(5)</sup>;
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2022 <sup>(6)</sup>;
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2578 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jiproteġi liċ-ċittadini u lill-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin <sup>(7)</sup>;
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jiġi tnaqqas il-varar tal-enerġija rinnovabbli <sup>(8)</sup>;
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar ir-risposta tal-UE għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa <sup>(9)</sup>.

<sup>(1)</sup> COM(2022) 230 final.

<sup>(2)</sup> ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17.

<sup>(3)</sup> ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1.

<sup>(4)</sup> COM (2022) 473 final.

<sup>(5)</sup> COM (2022) 549 final.

<sup>(6)</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/60872/2022-12-15-euco-conclusions-en.pdf>

<sup>(7)</sup> ĠU L 335, 29.12.2022, p. 45.

<sup>(8)</sup> ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36.

<sup>(9)</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0347\\_EN.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0347_EN.html)

**Il-bliet u r-reġjuni tal-UE: protagonisti tal-kriżi tal-enerġija**

1. jenfasizza r-responsabbiltajiet legali u r-rwol li għandhom il-1,2 miljun mexxej lokali u reġjonali tal-UE minn 90 000 raħal u villaġġ, 900 belt u 280 reġjun fl-indirizzar tal-kriżi tal-enerġija billi jipprovdu għajjnuna ekonomika u soċjali lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Minkejja l-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'mod qawwi u l-inflazzjoni għolja, l-awtoritajiet lokali u reġjonali komplew jipprovdu servizzi essenzjali u ħadu miżuri biex jiżguraw l-iffrankar tal-enerġija, il-kontinwità tan-negozju tal-enerġija u l-pjani ta' kontinġenza bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-enerġija;
2. jirrikonoxxi l-isforzi mingħajr preċedent li saru mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew (PE) fit-twaqqif ta' miżuri urġenti, jinnota madankollu, li l-inizjattivi attwali mhumiex qed jipprovdu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali l-appoġġ immedjat meħtieġ;
3. jistieden lill-Presidenza Żvediża tibni fuq l-isforzi eżemplari tal-Presidenza Ċeka u taċċellera l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi li fadal tal-pakkett "lesta għall-mira ta' 55 %" u tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun adatta għall-iskop tagħha biex tindirizza l-kriżi tal-enerġija, filwaqt li tqis l-Opinjoni rilevanti tal-KtR <sup>(10)</sup>;
4. jenfasizza li ħafna bliet u reġjuni adottaw miri aktar ambizzjużi mill-gvernijiet nazzjonali tagħhom fil-Pjani Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) tagħhom; jistieden lill-Istati Membri kollha jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'mod attiv fir-reviżjoni u fl-aġġornament tal-NECPs fl-2023 f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Governanza <sup>(11)</sup>;
5. jitlob li l-inizjattivi differenti tal-UE tal-enerġija u tal-klima <sup>(12)</sup> jiġu armonizzati u ssemplifikati aktar, u li jiġi pprovdut l-appoġġ finanzjarju u tekniku meħtieġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

**L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa fil-bliet u fir-reġjuni fid-dawl ta' Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġenwina**

6. jinsab imħasseb ħafna li l-eżitu tal-COP27 tal-UNFCCC jonqos milli jżid u jaċċellera t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar id-dinja u naqas milli jintroduċi sejħa biex il-fjuwils fossili kollha jitnaqqsu gradwalment. Jisħaq li, filwaqt li huwa importanti li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u li tintemm id-dipendenza tagħna mill-fjuwils fossili, is-sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju xorta jgħinu biex jiprovdu enerġija stabbli u affordabbli, f'konformità mat-taħlita tal-enerġija proprja tal-Istati Membri;
7. jitlob li tiġi stabbilita Unjoni Ewropea tal-Enerġija ġenwina b'suq integrat bis-sħiħ u interkonness sew madwar l-UE, b'sistema ta' governanza li tiffunzjona sew fil-qalba tagħha. L-integrazzjoni sħiħa titlob li l-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom biex jiżguraw provvista tal-enerġija adegwata u robusta, bil-għan li jiġi evitat li nuqqasijiet fil-produzzjoni u prezzijiet għoljin jaffettwaw ukoll lil Stati Membri oħra;
8. itenni l-importanza kbira tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jilqa' l-isforz li qed isir biex jiġu promossi miżuri għall-iffrankar tal-enerġija fil-livelli kollha madwar l-UE. Jinnota li, filwaqt li xi Stati Membri għadhom ma introduċew l-ebda miżura biex inaqqsu l-konsum tal-gass u tal-elettriku fl-unitajiet domestiċi, fin-negozji jew fil-korpi pubbliċi <sup>(13)</sup>, ħafna bliet madwar l-UE nġhaqdu ma' Cities Energy Saving Sprint billi introduċew miżuri għall-iffrankar tal-enerġija fuq it-tisħin, id-dawl, il-mobilità, u s-sensibilizzazzjoni, fost oħrajn;
9. iqis li dawn il-miżuri m'għandhomx ikunu limitati għall-kriżi attwali u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi proposta għas-suffiċjenza enerġetika biex tissimplifika l-iffrankar tal-enerġija fiż-żoni kollha ta' politika; jitlob li jiġu promossi u ppremjati b'mod adegwat bidliet sinifikanti fl-imġiba;

<sup>(10)</sup> Ara: l-Opinjoni tal-KtR dwar ir-reviżjonijiet tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u l-qafas tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass.

<sup>(11)</sup> L-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Governanza jiddikjara li kull Stat Membru għandu jstabbilixxi djalogu fuq diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija, li fih l-awtoritajiet lokali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jkun jistgħu jinvolvu ruħhom u jiddiskutu l-kisba tal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament.

<sup>(12)</sup> Bħall-Patt tas-Sindki, il-Missjonijiet Ewropej dwar il-"Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti" u l-"Adattament għat-Tibdil fil-Klima", il-Patt Klimatiku Ewropew, l-Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE, u oħrajn.

<sup>(13)</sup> Saving-Energy-for-Europe-Ex.Summary.pdf (eeb.org)

10. itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz fil-livelli reġjonali u lokali biex jaċċelleraw l-investimenti fil-konstruzzjoni effiċjenti fl-enerġija, fir-rinnovazzjoni tal-bini u fil-proġetti tal-iffrankar tal-enerġija, fid-dawl tal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw il-fondi REPowerEU għal dan l-għan, u jimplementawhom f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment;

11. jilqa' l-ftehim dwar proċeduri aktar rapidi tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u jistieden lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom bis-sħiħ mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mal-komunitajiet lokali sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent u titrawwem l-aċċettazzjoni soċjali. Jinnota l-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati proċeduri amministrattivi rapidi u li jiġu eliminati l-ostakli burokratiċi għall-installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fid-djar rurali. Jenfasizza li ż-żoni rurali għandhom potenzjal kbir għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-użu sostenibbli tal-bijomassa tal-foresti bħala enerġija rinnovabbli, u jistgħu jiggwadanjaw minn konnettività akbar mal-grilja u minn opportunitajiet ġodda ta' impjeg, speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa;

12. jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim għal projbizzjoni tal-magni ta' kombustjoni interna tal-fjuwils fossili għal karożżi tal-passiġġieri u vannijiet ġodda mill-2035 'il quddiem. Jenfasizza l-ħtieġa għal fjuwils alternattivi, affordabbli u aċċessibbli u għall-istazzjonijiet korrispondenti tar-riforniment u tal-irriċarġjar fir-reġjuni kollha tal-UE. Jisħaq fuq it-talba tal-Alleanza tar-Reġjuni Awtomobilistiċi tal-KtR għal mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġusta biex tiġi appoġġjata n-nisġa soċjoekonomika tar-reġjuni bi preżenza qawwija tal-industrija tal-karożżi u tal-provvista tal-karożżi;

13. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' infrastrutturi internazzjonali u interreġjonali tat-trażmissjoni tal-elettriku, li jippermettu l-kondiviżjoni tal-elettriku ġġenerat mid-diversi riżorsi rinnovabbli, li huma kkonċentrati f'reġjuni differenti minħabba l-klima u l-karatteristiċi tagħhom. Meta l-elettriku disponibbli f'żoni remoti jkun jista' jiġi trażmess minn żona għall-oħra, jitnaqqsu s-siġhat ta' nuqqas ta' disponibbiltà u tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tas-sistemi elettriċi, u b'hekk titwitta t-triq għall-ġenerazzjoni 100 % tal-elettriku rinnovabbli;

14. ifakkar fil-ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata u dekarbonizzata l-mobilità urbana u rurali u jappella għal miżuri b'saħħithom biex jiġu promossi infrastruttura sikura u riallokazzjoni tal-ispazju pubbliku fiż-żoni urbani; jenfasizza li r-reġjuni u l-bliet jhejtieġu qafas flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-linja gwida dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku;

15. f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tniedi proġett pilota konġunt dwar l-akkwist pubbliku biex numru ta' bliet tal-UE u l-inħawi tal-madwar tagħhom jiġu pprovduti b'karożżi tal-linja tal-idroġenu, li għandhom jiġu estenzi aktar f'fażi sekondarja, għal bliet u reġjuni oħra madwar l-UE;

16. jenfasizza kif is-soluzzjonijiet tal-enerġija nadifa spiss għandhom jiswew ħafna flus u li l-proċeduri ta' investment għal proġetti ta' enerġija nadifa spiss jieħdu ħafna ħin u jkunu burokratiċi ħafna. Jappella għal proposti aktar ambizzjużi biex is-soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jsiru l-aktar għażliet faċli u rħas fis-suq, u għaldaqstant aċċessibbli wkoll għal familji b'introjt baxx;

17. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiddedikaw parti mill-fondi tar-REPowerEU biex jiżviluppaw faċilitajiet ta' appoġġ fuq il-mudell tal-Faċilità tal-Bliet Ewropej<sup>(14)</sup>, jipprovdu fondi diretti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżviluppaw pjani ta' investment reżistenti għas-suq speċjalment dawk żgħar u ta' daqs medju u dawk li jiffaċċjaw ostakli strutturali għat-tranżizzjoni tal-enerġija tagħhom, u jappoġġjaw il-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' djar effiċjenti fl-enerġija speċjalment f'żoni rurali; Jappella wkoll għal għotjiet ġenerużi għal unitajiet domestiċi vulnerabbli li ma jistgħux ikopru l-ispejjeż bil-quddiem;

18. iwissi kontra proposti ulterjuri għat-trasferiment ta' riżorsi mill-FSIE għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġi ffinanzjat il-pjan REPowerEU, u joġġezzjona għal kwalunkwe tentattiv biex ir-reġjuni jittiħdulhom ir-riżorsi peress li dan imur kontra l-prinċipji tal-UE, b'mod partikolari dak tas-sussidjarjetà attiva, u l-ftehimiet fis-seħħ dwar il-ġestjoni kondiviża;

19. jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fl-abbozzar tal-kapitoli l-ġodda dwar ir-REPowerEU tal-pjani tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġi żgurat li dawn il-kapitoli l-ġodda jiffinanzjaw proġetti strateġiċi żviluppati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u magħhom, kif ukoll infrastrutturi transfruntiera ġodda;

20. jirrikonoxxi l-ewwel impatt pożittiv immedjat li l-miżuri ta' solidarjetà enerġetika kellhom fuq il-prezzijiet tal-enerġija, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija;

(14) EUCF – Paġna tal-bidu (eucityfacility.eu)

21. jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-disinn tas-suq tal-elettriku, u jistenna li din tinkludi l-miżuri biex ir-rabta bejn il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku titnaqqas għal livell proporzjonat għas-sehem li l-gass ikollu fil-ġenerazzjoni finali tal-elettriku;

22. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi d-dritt li l-komunitajiet tal-enerġija, il-prosumaturi u l-awtoritajiet lokali jinvolvu ruħhom fil-provvista lokali tal-elettriku rinnovabbli mingħajr ma jsiru fornitur bl-immut regolat bis-sħiħ, u tiżgura li dawn l-atturi tas-suq mhux professjonali jkollhom drittijiet ta' aċċess ugwali għall-grilja;

23. jišhaq li kwalunkwe azzjoni fuq terminu qasir, bħal żieda fl-importazzjonijiet tal-LNG, trid tkun temporanja u m'għandhiex toħloq sitwazzjonijiet addizzjonali ta' intrappolament. Jenfasizza li l-investimenti infrastrutturali għandhom ikunu "lesti għall-gass ekoloġiku", bi tnejn għan-newtralità klimatika bl-idroġenu rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli oħrajn;

24. itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-koleġiżlaturi biex iżidu l-investimenti fir-riċerka u fl-innovazzjoni inkluż f'soluzzjonijiet newtrali għall-klima fir-reviżjoni li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali, bħall-Missjonijiet tal-UE dwar il-"Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti" u l-"Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u s-Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali, u biex jiżviluppaw linji ta' finanzjament ġodda biex jiffaċilitaw konsorzji pubbliċi-privati għall-bini u għas-soluzzjonijiet newtrali għall-klima fil-livell distrettwali, skont il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

25. jenfasizza li l-kriżi tal-enerġija attwali tirrappreżenta wkoll opportunità biex jiżiedu b'mod sinifikanti l-elettrifikazzjoni u l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli kif ukoll biex jiġi appoġġjat aktar l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi bħall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS) bħala soluzzjonijiet nodfa għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-investimenti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-infrastrutturi tal-idroġenu rinnovabbli permezz tal-bank tal-idroġenu li jmiss, filwaqt li tikkapitalizza fuq l-aħjar Prattiki eżistenti fil-livell reġjonali u lokali u billi tippromovi r-replikazzjoni tagħhom madwar l-UE;

26. jirrimarka li l-investment fl-iżvilupp tal-ħiliet u fit-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa essenzjali biex jiġu aċċellerati t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jniedu inizjattiva speċifika b'dan il-kamp ta' applikazzjoni fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023;

#### **L-indirizzar tal-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà mingħajr ma jitħalla jibqa' lura l-ebda reġjun, belt u ċittadin**

27. jiddeplora l-impatti soċjali tal-kriżijiet tal-enerġija u tal-ikel fuq iċ-ċittadini u l-SMEs. Jistieden lill-Istati Membri kollha jstabilixxu objettiv ċar għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku fl-NECP tagħhom. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri integrati fil-politiki kollha tal-enerġija u soċjali biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jeqirduh, filwaqt li jibnu wkoll fuq l-esperjenza miksuba mill-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE u miċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku;

28. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-koleġiżlaturi jiżguraw li l-istrumenti ta' politika ġodda u eżistenti jiġu akkumpanjati minn pakkett soċjali robust u minn miżuri ta' ridistribuzzjoni ġusta biex titwitta t-triq għal tranżizzjoni tal-enerġija ġusta, speċjalment għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għaż-żgħażaġh. L-implimentazzjoni tal-politiki tat-tranżizzjoni tal-enerġija, bħal rinovazzjonijiet li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew l-użu ta' enerġiji rinnovabbli, għandha tkun akkumpanjata minn għajjnuna finanzjarja, teknika u soċjali li tkun immirata b'mod adegwat sabiex tiġi faċilitata l-inklużività ta' dawn il-miżuri;

29. jenfasizza li l-kriżi tal-enerġija għandha impatt proporzjonalment ogħla fuq in-nisa u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis il-proofing tal-ġeneru fil-mekkaniżmi ta' appoġġ tagħha biex tiżgura li dawn ma jwasslux għal aktar inugwaljanza bejn il-ġeneri;

30. jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment ta' kontribuzzjonijiet temporanji ta' solidarjetà biex id-dħul żejjed tas-settur tal-enerġija jitqassam mill-ġdid lill-klijenti finali u jistieden lill-Istati Membri jipprovdu fondi mmirati lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà fil-livell lokali;

31. jenfasizza li l-kriżi tal-enerġija għandha impatt proporzjonalment ikbar fuq il-familji b'introjtu baxx f'żoni rurali li jridu jużaw il-karozzi tagħhom biex ikollhom aċċess għal servizzi essenzjali; jenfasizza li żviluppi fit-trasport pubbliku għandhom inaqqsu l-inugwaljanzi spazjali u l-faqar tal-mobbiltà;

32. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea toffri soluzzjonijiet urġenti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'każ ta' appoġġ insuffiċjenti mill-gvernijiet nazzjonali u jħeġġeġ l-eżenzjoni ta' investimenti mmirati relatati mal-kriżi tal-enerġija mill-kalkolu tad-defiċit fi ħdan ir-regoli fiskali;
33. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ddgħajjef ir-rabtiet bejn is-swieq tal-enerġija u tal-agrikoltura sabiex titnaqqas l-intensità enerġetika tal-produzzjoni agrikola; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq riforma profonda u strutturali tas-sistema tal-ikel li ttejjem l-ispekulazzjoni fis-swieq internazzjonali, iżżid ir-regolamentazzjoni u tkompli tippoteġi d-dħul tal-bdiewa;
34. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi l-kompostjar bħala l-użu preferut tal-bijomassa għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza minn fertilizzanti sintetiċi li jiġu mill-gass naturali u ż-żejt, bil-kundizzjoni li t-teknoloġija magħżula ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-kwalità tal-arja. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi mudelli ta' produzzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħall-agrikoltura sostenibbli ta' konservazzjoni, u fl-istess ħin tiġbed l-attenzjoni għar-rwol doppju tal-produtturi tal-bijomassa u tal-utenti potenzjali ta' din il-bijomassa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-enerġija tagħhom;
35. Jenfasizza li domanda akbar għall-bijofjuwils tista' taggrava l-kriżi tal-ikel; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-użu tal-prodotti agrikoli għall-ikel;
36. jemmen li l-istrumenti u l-prattiki finanzjarji eżistenti tal-Unjoni għandhom jiġu żviluppatti aktar u jiġu adattatti għal sitwazzjonijiet differenti, sabiex ikunu jistgħu jinstabu sinerġiji bejn il-programmi differenti<sup>(15)</sup>. F'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw ir-reġjuni rurali u r-reġjuni bi żvantaġġi ġeografiċi;
37. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li għamlet il-KE fil-kuntest tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku biex il-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet jiġi trasformat għal Qafas Temporanju għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni, li għandu jżid l-investimenti għal distribuzzjoni iktar veloċi tal-enerġiji rinnovabbli. Dan għandu jinkludu l-inċentivar tal-investimenti li jwassal għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet billi jiġu previsti limiti massimi ogħla ta' għajjnuna u kalkoli tal-għajjnuna semplifikati, kif ukoll appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u l-produzzjoni tat-tagħmir neċessarju biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050. B'mod ġenerali, il-KtR jappoġġja l-approċċ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet sottonazzjonali jingħataw aktar flessibilità biex jappoġġjaw miżuri f'setturi ewlenin għat-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata, bħall-idroġenu rinnovabbli, il-prestazzjoni enerġetika tal-bini, il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u l-vetturi b'emissjonijiet żero;
38. jenfasizza, madankollu, li jridu jiġu evitati kemm jista' jkun distorsjonijiet ikkawżati minn regoli tal-għajjnuna mill-Istat laxki, u li l-Kummissjoni Ewropea jeħtiġilha taħdem biex issib bilanċ bejn it-talbiet differenti tal-Istati Membri. Inkella, is-Suq Uniku jista' jsofri minn aktar frammentazzjoni, minħabba l-kapaċità finanzjarja li tvarja bejn Stat Membru u ieħor biex jappoġġjaw lin-negozji tagħhom, u b'hekk ikomplu jiżdi d-differenzi territorjali;
39. jinsab lest li jkompli jappoġġja t-tixrid u r-replikazzjoni tal-aħjar Prattiki u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-enerġija permezz tal-inizjattiva tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali tal-KtR u b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-Manwali tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali;
40. jimpenja ruħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija mal-pajjiżi ġirien fil-livell lokali u reġjonali;
41. itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi lill-KtR bħala msieħeb istituzzjonali fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Faqar Enerġetiku u l-Konsumaturi Vulnerabbli u jinsab lest li jikkontribwixxi għal din il-kooperazzjoni interistituzzjonali permezz tal-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali;
42. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jibgħat din ir-Riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Presidenza Żvediża u lill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE u lill-President tal-Kunsill Ewropew.

Brussell, id-9 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

<sup>(15)</sup> Ara: l-Opinjoni tal-KtR dwar *Tranżizzjoni ġusta u sostenibbli fil-kuntest tar-reġjuni intensivi fl-enerġija u fil-faħam* (ĠU C 498, 30.12.2022, p. 36).

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-153 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 8.2.2023–9.2.2023

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Progress fl-implimentazzjoni tal-SDGs”

(2023/C 157/02)

**Relatur:** Ricardo RIO (PT/PPE), Sindku ta' Braga

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

1. jenfazizza l-impenn tar-reġjuni u l-bliet għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), kunċett universali favur dinja aktar ekwa u aktar ġusta, inklużiva, sostenibbli u reżiljenti, u l-importanza tagħhom għal irkupru Ewropew sostenibbli u tkabbir sostenibbli fit-tul;
2. jenfazizza r-rwol attiv li huma jaqdu fil-livell Ewropew b'rabta mal-SDGs. L-adozzjoni tal-Opinjoni tal-KtR dwar *It-tweġġ ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030* is-sena l-oħra kienet pass importanti, peress li allinjat mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Ġunju 2021 u trid tiġi segwita b'aktar azzjonijiet;
3. jišhaq li l-Aġenda 2030 qed toqrob nofs triq fil-fażi ta' implimentazzjoni tagħha, u jenfazizza t-twemmin tiegħu fis-siwi tal-SDGs, speċifikament għall-promozzjoni tal-koerenza u l-inklużività tal-politiki fil-livelli kollha ta' governanza;
4. jinnota b'dispijacer li l-pandemija, il-gwerra fl-Ukrajna, iż-żieda fl-inflazzjoni, il-kriżi tal-enerġija fl-Ewropa u xejriet reċenti oħra kkontribwew għal xkiel fil-progress lejn it-tilħiq tal-SDGs, jenfazizza t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis fir-ritmu tal-azzjoni klimatika u ż-żieda fir-riskju tal-faqar, speċjalment fost gruppi vulnerabbli, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u r-refuġjati; madankollu jtenni l-appoġġ tiegħu biex tinżamm l-enfasi fuq l-SDGs fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, b'konformità mal-livelli ta' kompetenza rispettivi tagħhom;
5. iqis, tabilħaqq, li l-isforzi u l-inizjattivi kollha biex jissolvew il-kriżijiet jistgħu jitqiesu wkoll bħala opportunità biex jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-SDGs u biex tingħata spinta ġdida lil dan il-proċess;
6. jafferma li l-SDGs huma potenzjalment l-uniku pjan ta' azzjoni olistiku għall-futur, li jista' jibbilanċja l-multiplikazzjoni tal-oqfsa fil-livelli kollha – il-Ftehim ta' Pariġi, il-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-Aġenda Urbana l-ġdida, eċċ.; jenfazizza, barra minn hekk, in-natura olistika u l-universalità tal-SDGs, li jinkludu x-xjenza, l-ekonomija, il-politika, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini kollha f'kull livell ta' governanza;
7. jappella għal involviment aktar b'saħħtu tal-UE u għal strateġija ġenerali għall-implimentazzjoni tal-SDGs; jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rwol u r-riżorsi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u għan-nuqqas, b'xorti ħażina, ta' referenzi għall-SDGs u għad-dimensjoni territorjali fl-RRPs;
8. jenfazizza li għadd dejjem akbar ta' bliet u reġjuni fl-Ewropa qed jużaw l-SDGs biex jappoġġjaw l-istrateġija ġenerali tagħhom għat-tkabbir/l-irkupru, u li din id-dimensjoni territorjali trid tiġi inkluża fil-kontribut tal-UE għas-Summit tan-NU dwar l-SDGs f'Settembru 2023; iqis li l-istrateġija l-ġodda ta' implimentazzjoni tal-SDGs tan-NU għandhom ikunu bbażati fuq approċċ minn isfel għal fuq, peress li l-livelli lokali u reġjonali jistgħu jadottaw approċċ aktar inklużiv fir-rigward tal-involviment tad-diversi partijiet interessati fil-post;



9. jenfasizza l-ħtieġa li tittiejeb il-koordinazzjoni tas-Summit tal-SDGs ma' proċessi rilevanti oħra, bħall-Aġenda Komuni Tagħna, is-Summit dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni, is-Summit dwar il-Futur, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas ta' Sendai, u d-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, ipplanat ukoll għal Settembru 2023;
10. iqis li huwa rakkomandabbli li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jabbozzaw Rieżamijiet Lokali Volontarji /Rieżamijiet Sottonazzjonali Volontarji li jikkontribwixxu għar-Rieżamijiet Nazzjonali Volontarji: hemm bżonn ta' approċċ ġenwin ta' koordinazzjoni tal-governanza f'diversi livelli, il-bini tal-kapaċità u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kif diġà huwa l-każ bil-proġett URBACT – Global Goals for Cities (Għanijiet Globali għall-Bliet) u fejn huwa applikat il-Qafas ta' Referenza għal Bliet Sostenibbli;
11. jirrimarka li hemm opportunità li trid tinhatat biex ikun hemm involviment fi djalogu interistituzzjonali tal-UE aktar b'saħħtu, ferm qabel is-Summit, biex jiġi promoss interess imġedded fl-SDGs fi ħdan l-UE biex jiġu integrati b'mod aktar effettiv fl-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u ssir ħidma fuq kwistjonijiet ta' inklużività, governanza f'diversi livelli, miri u koerenza politika; għalhekk jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jinvolvu ruħhom mal-KtR f'dan ir-rigward u, f'dan il-kuntest, jilqa' l-ħolqien tal-Alleanza tal-SDG, grupp transparlamentari u informali fi ħdan il-Parlament Ewropew;
12. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea favur l-SDGs b'ħala l-linja gwida u l-boxxla komuni għall-azzjonijiet kollha tagħha, inkluż permezz tal-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2023 u l-abbozzar tal-ewwel Rieżami Volontarju tal-UE li jirrapporta lin-Nazzjonijiet Uniti din is-sena;
13. jifraħ lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħidma tagħha biex tintegra l-SDGs fis-Semestru Ewropew u biex tintegrahom fl-għodod ta' Regolamentazzjoni Aħjar;
14. jinnota madankollu li dawn huma proċessi kontinwi u jitlob aktar sforzi, kif ukoll viżibbiltà akbar għall-SDGs fl-għodod kollha tal-UE, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
15. jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar in-nuqqas ta' integrazzjoni tal-SDGs fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-maġġoranza tal-Istati Membri sempliċement isemmu l-SDGs b'mod impliċitu. Huma vera ftit dawk l-Istati Membri li jorbtu b'mod espliċitu l-komponenti tal-RRP mal-SDGs, kif żvelat minn studju tal-KtR <sup>(1)</sup>. Barra minn hekk, il-livell ġenerali ta' integrazzjoni tal-SDGs fl-NRRPs huwa pjuttost baxx, bl-ogħla punteġġ (li għadu inqas minn 50 %) mill-huq fl-SDGs ekonomiċi <sup>(2)</sup>;
16. jirrimarka li l-SDGs għandhom jiġu integrati fid-dokumenti tas-Semestru Ewropew, u jitlob li jkun hemm tmexxija fl-ogħla livell fil-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill biex jiġi razjonalizzat u ssemplifikat Semestru Ewropew imġedded, jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru u jkun hemm enfasi fuq "sostenibbiltà kompetittiva";
17. jirrakkomanda li tingħata aktar viżibbiltà lill-SDGs fi ħdan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u li l-SDGs jiġu kkwotati b'mod espliċitu fil-premessi tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, filwaqt li jiġi ċċarat li r-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jimplimentaw l-SDGs;
18. itenni s-sejħa tiegħu għall-adozzjoni rapida ta' Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew, u jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea għandha tmexxi bl-eżempju u toħloq djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati dwar is-Semestru Ewropew, speċjalment fid-dawl tal-lakuna li ħalla n-nuqqas ta' tiġdid tal-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati ta' livell għoli tal-UE dwar l-SDGs;

#### Kontribut lokali u reġjonali

19. jafferma mill-ġdid li l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku tista' tirnexxi biss jekk titwettaq fi ħdan il-qafas tal-SDGs, li jirrikjedi pontijiet bejn il-lokalizzazzjoni tal-SDGs u l-Patti Ekoloġiċi Lokali; f'dan id-dawl, jenfasizza l-kontribut importanti tal-KtR permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali b'mod partikolari fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;

<sup>(1)</sup> KtR (2022) *Synergies between the Sustainable Development Goals and the National Recovery and Resilience Plans – Best practices from local and regional authorities* (Sinerġiji bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza – L-aħjar prattiki mill-awtoritajiet lokali u reġjonali), paġna 16 (mhux diponibbli bil-Malti).

<sup>(2)</sup> KtR (2022) *Synergies between the Sustainable Development Goals and the National Recovery and Resilience Plans – Best practices from local and regional authorities* (Sinerġiji bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza – L-aħjar prattiki mill-awtoritajiet lokali u reġjonali), paġna 17 (mhux diponibbli bil-Malti).

20. jinnota li d-data disponibbli turi li, minn meta l-SDGs ġew adottati min-NU fl-2015, il-livell ta' implimentazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet lokali u reġjonali kien iwarja. L-aħħar stħarriġ tal-KtR-OECD dwar L-SDGs *bħala qafas għall-irkupru fil-bliet u r-reġjuni wara l-COVID-19* <sup>(3)</sup> jikkonferma dan l-impenn fi żmien meta xi pajjiżi qed iwettqu rievalwazzjoni tal-impenn tagħhom, bir-riżultat li l-irkupru jaħdem kontra l-SDGs. Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jqisu l-SDGs bħala qafas ideali għall-irkupru fit-tul mill-pandemija;

21. jenfasizza li l-governanza f'diversi livelli hija wieħed mill-valuri ewlenin tal-SDGs u jenfasizza r-rwol ewlieni tar-reġjuni u l-bliet, fejn l-OECD tistma li 65 % tal-miri taħt l-SDGs ma jistgħux jintlaħqu mingħajr il-koordinazzjoni jew l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

22. japprezza l-kontribut ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni tal-SDGs, u jstieden lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jirrikonossu dan bl-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni intra-UE, inkluż fl-livell deċentralizzat fost ir-reġjuni u l-bliet. Skont rapport tal-OECD ibbażat fuq stħarriġ imwettaq b'mod konġunt mal-KtR, 40 % mill-145 awtorità lokali u reġjonali li rrispondew kienu diġà qed jużaw l-SDGs qabel il-pandemija u bdew jużawhom biex isawru l-fażi ta' rkupru. 44 % oħra minnhom għadhom ma bdewx jużaw l-SDGs fl-irkupru iżda qed jipplanaw li jagħmlu dan fil-futur. 68 % tar-reġjuni u l-bliet li rrispondew jużaw l-SDGs biex ifasslu pjani, politiki u strateġiji ġodda jew biex jadattaw dawk eżistenti għall-Aġenda 2030 <sup>(4)</sup>;

23. ifaħħar il-ħidma tal-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-livell nazzjonali u Ewropew fl-appoġġ tar-reġjuni u l-bliet fil-lokalizzazzjoni tal-SDGs, bħas-CEMR u Platforma bil-pubblikazzjonijiet, manwali u gwidi tagħha, kif ukoll diversi rapporti, korsijiet ta' taħriġ, għodod u sessjonijiet ta' ħidma dwar il-lokalizzazzjoni tal-SDGs, Eurocities bil-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar l-SDGs u Regions4 u l-komunità ta' Prattika dwar l-SDGs;

24. jilqa' l-ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-UE biex jappoġġja lill-bliet fir-rappurtar dwar l-SDGs permezz tar-Rieżamijiet Lokali Volontarji tagħhom stess, kif ukoll il-proġett il-ġdid REGIONS2030, appoġġjat mill-Parlament Ewropew <sup>(5)</sup>;

25. jappoġġja bil-qawwa l-kontributi ewlenin li qed isiru b'mod kostanti mill-OECD, permezz tal-proġett pilota tagħha u s-sett ta' għodod tagħha għal approċċ territorjali għall-SDGs, diskussjonijiet madwar mejda għad-djalogu dwar il-politiki, stħarriġiet u rapporti bil-appoġġ tal-KtR, biex ir-reġjuni u l-bliet jiġu meġhuna jimplementaw l-SDGs;

26. huwa tal-fehma li l-isforzi tal-istituzzjonijiet tan-NU bħal UNECE, UN Habitat u UN DESA biex jippromovu u jappoġġjaw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs madwar id-dinja huma importanti ħafna u għandhom ikunu allinjati aħjar mal-politiki u l-inizjattivi tal-UE;

27. jargumenta li dawn l-isforzi qed iħallu l-frott u għandhom jiġu riflessi f'implimentazzjoni tal-UE aktar konsistenti u strutturata tal-SDGs, potenzjalment bi strateġija ġenerali u pjattaforma tal-partijiet ikkonċernati biex ifasslu b'mod konġunt u jinkoraġġixxu azzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati kollha;

28. jinsab lest li jikkoordina l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-UE għad-djalogu u l-iskambju biex il-bliet u r-reġjuni jkunu jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jibbenefikaw minn attivitajiet addizzjonali ta' bini tal-kapaċità u ta' tagħlim bejn il-pari fl-UE u lil hinn minnha, bejn organizzazzjonijiet u inizjattivi kif ukoll networks esterni;

#### **Monitoraġġ, rappurtar u allinjament aħjar tal-politiki**

29. jilqa' l-integrazzjoni tar-rapport annwali ta' monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat fil-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew kif ukoll fir-rieżami volontarju tal-UE;

30. jinsab imħasseb li r-rapport ta' monitoraġġ mhuwiex ibbażat fuq miri li jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien u għalhekk ma jistax verament jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-SDGs fl-UE. Strateġija u pian ta' azzjoni kienu jagħmluha possibbli li jiġu stabbiliti miri u jitkejjel il-progress. Bħala alternattiva, ir-rieżami volontarju regolari tal-UE jista' jgħin fil-valutazzjoni tal-progress lejn il-miri rilevanti fejn applikabbli u f'konformità mal-livelli differenti ta' kompetenzi legali, u jidentifika l-lakuni;

<sup>(3)</sup> L-aħħar riżultati tal-istħarriġ qegħdin fir-rapport tal-OECD: <https://doi.org/10.1787/6d25b59b-en>

<sup>(4)</sup> L-aħħar riżultati tal-istħarriġ qegħdin fir-rapport tal-OECD: <https://doi.org/10.1787/6d25b59b-en>

<sup>(5)</sup> Il-lokalizzazzjoni tal-SDGs f'diversi livelli ta' gvern wasslet għal żieda fir-Rieżamijiet Lokali Volontarji u r-Rieżamijiet Sottonazzjonali Volontarji: fir-reġjun ta' Nordrhein-Westfalen biss ħdax-il belt ipproduċew rapport ta' sostenibbiltà lokali, u Bonn u Düsseldorf ippreżentaw ir-Rieżami Lokali Volontarju tagħhom fin-NU. L-akbar bliet fil-Finlandja (Espoo, Helsinki, Tampere, Turku u Vantaa) abbozzaw ukoll ir-Rieżami Lokali Volontarju. Globalment, hemm 126 Rieżami Lokali Volontarju, li terz minnhom jinsabu fl-Ewropa.

31. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti għodod ta' analiżi tal-impatt ekonomiku/soċjali kemm fil-livell tal-amministrazzjonijiet pubbliċi ċentrali kif ukoll f'dak territorjali biex jintużaw fuq bażi regolari, anke sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u maċ-ċittadini;

32. jinsab imħasseb ukoll dwar il-fatt li r-riżultati ta' dan ir-rapport qed jintużaw biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-SDGs f'kull Stat Membru fir-Rapporti tal-Pajjiżi. Minħabba l-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-punteġġi huma bbażati fuq il-medja tal-UE u spiss ikunu qarrieqa. Għalhekk huwa impossibbli li jitkejjel il-livell ta' progress lejn l-SDGs meta r-riżultati jitqabblu mal-medja tal-UE;

33. jinsab imħasseb ukoll li l-indikaturi użati għall-valutazzjoni tal-SDGs huma kollha fl-livell nazzjonali. Għall-pajjiżi ta' daqs medju u kbar, dawn il-valutazzjonijiet ma jirriflettux ir-realtà fil-prattika, peress li hemm disparitajiet kbar fi ħdan il-pajjiżi. Filwaqt li għandu jiġi mfaħħar l-impenn tal-Eurostat għal data ta' kwalità għolja, u dan jiddependi ħafna fuq id-data magħmula disponibbli mill-istituti nazzjonali tal-istatistika, huwa tal-akbar importanza li r-rapport annwali ta' monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat ikun fih data fil-livell NUTS-2 kif ukoll prattiki tajbin illustrattivi fil-livell reġjonali u lokali, u biex jiġi enfasizzat fejn għad hemm lok għal titjib;

34. jenfasizza li d-data reġjonali u lokali hija wkoll kundizzjoni għal politiki bbażati fuq l-evidenza. Inqas minn nofs l-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw indikaturi u sistemi ta' kejl biex isegwu l-progress lejn l-SDGs. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu appoġġ minn livelli oġhla ta' gvern biex jimmonitorjaw l-SDGs. Il-qafas ta' indikaturi lokalizzati tal-OECD għall-kejl ta' kemm fadal biex jintlaħqu l-SDGs fil-bliet u r-reġjuni jista' jkun punt tat-tluq għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jużaw qafas ta' indikaturi lokali għall-SDGs<sup>(6)</sup>.

35. jenfasizza li l-KtR, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom huma kolletturi importanti tad-data u jistgħu jagħtu kontribut prattiku biex jarrikkixxu r-rapport ta' monitoraġġ tal-SDGs tal-UE;

36. jilqa' l-ħidma tal-JRC biex jidentifika indikaturi adatti għall-monitoraġġ tal-SDGs fil-livell reġjonali, u jappella għall-integrazzjoni rapida ta' din il-ħidma fir-rapport tal-UE dwar il-monitoraġġ tal-SDGs;

37. iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri kollha jappoġġjaw din ix-xejra, speċjalment dawk li se jippreżentaw rieżami nazzjonali volontarju din is-sena;

38. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Aġenda 2030 biex jiżguraw li dawn l-isforzi jkunu riflessi fir-rieżami volontarju tal-UE u r-Rieżamijiet Nazzjonali Volontarji rilevanti, li jgħinu biex il-politiki jiġu allinjati aħjar fil-livelli kollha u juru l-firxa sħiħa tal-isforz tal-Unjoni Ewropea (b'mod ġenerali) dwar l-SDGs. Hemm potenzjal sinifikanti għal titjib, peress li nofs il-bliet u r-reġjuni jirrapportaw li ma kinux involuti fl-abbozzar tar-Rieżamijiet Nazzjonali Volontarji fl-UE;

39. jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex taħdem mar-reġjuni u l-bliet, kif ukoll mas-soċjetà ċivili, dwar ir-rieżami volontarju tal-UE, u jappella sabiex il-kontribut tal-KtR jiġi inkorporat fid-dokument tar-rieżami volontarju, bi spazju adegwat għall-governanza f'diversi livelli;

40. jappella sabiex ir-rieżami volontarju tal-UE jiġi ppreżentat uffiċjalment fin-NU, minn rappreżentanti tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, biex jirrifletti l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli għall-SDGs;

41. iħeġġeġ lit-tmexxija tal-Kunsill tiżgura li l-UE ma tillaxkax l-isforzi tagħha fir-rigward tal-SDGs;

(6) OECD (2022) "The Sustainable Development Goals as a framework for COVID-19 recovery in cities and regions" (L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala qafas għall-irkupru mill-COVID-19 fil-bliet u r-reġjuni), *OECD Regional Development Papers*, Nru 26, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti).

42. ihegġegħ lill-Presidenza Spanjola futura torganizza dibattitu ta' livell għoli dwar l-ispinta meħtieġa fil-livell tal-UE biex jiġu implimentati l-SDGs fil-ħin. Dan id-dibattitu għandu jkun fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-livell ministerjali u jibgħat sinjal ċar lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-importanza tal-SDGs;

#### L-isfidi u t-triq 'il quddiem

43. jenfasizza l-ħtieġa ta' rabtiet aħjar bejn l-SDGs u l-RRPs, peress li l-finanzjament huwa l-ostaklu ewlieni għal 47 % tal-bliet u r-reġjuni fl-implimentazzjoni tal-SDGs <sup>(7)</sup> u għad hemm EUR 225 biljun disponibbli għall-Istati Membri mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

44. ihegġegħ ukoll lil-livelli kollha tal-gvern jintegraw l-SDGs fl-għodod baġitarji u finanzjarji tagħhom biex jindirizzaw id-diskrepanza fil-finanzjament;

45. jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-UE biex jiġu żviluppatti attivitajiet ta' taħriġ u bini tal-kapaċità, peress li l-kapaċità f'termini kemm ta' ħilet kif ukoll ta' persunal hija sfida għal 44 % tal-bliet u r-reġjuni <sup>(8)</sup>;

46. jistieden lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji ta' sostenibbiltà fin-negozji tagħhom, peress li bħalissa 24 % tal-SMEs biss għandhom pjani speċifiċi biex inaqqsu l-marki tal-karbonju tagħhom <sup>(9)</sup>; jenfasizza l-ħtieġa li l-SMEs jingħataw appoġġ f'dan il-proċess u li jiżiedu l-miżuri korrispondenti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali;

47. jappella għal koordinazzjoni aħjar u aktar strutturata bejn il-livelli tal-gvern filwaqt li l-UE tmexxi bl-eżempju, inkluż permezz ta' governanza aktar inklużiva tas-Semestru Ewropew u djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati dwar l-SDGs;

48. jappella għal aktar tmexxija mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-komunikazzjoni dwar l-SDGs. Mhux il-partijiet ikkonċernati kollha huma familjari mal-qafas, u l-prijoritizzazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-UE u dak nazzjonali tista' tgħin biex jissaħħa l-impenn politiku fil-livelli kollha u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-SDGs fil-prattika;

49. jirrakkomanda, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD, l-użu tal-SDGs biex tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u t-tisħiħ tas-servizzi soċjali u komunitarji għall-gruppi soċjalment żvantaġġati, tiġi iċċentivata d-dekarbonizzazzjoni tal-bini; tiġi estiża l-infrastruttura sostenibbli għaċ-ċiklisti, għall-persuni bil-mixi u għall-vetturi elettriċi, u tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-lokalizzazzjoni tal-SDGs għall-irkupru;

50. iqis li, filwaqt li tikkomplementa t-tassonomija ekoloġika bħala kontribut għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta b'mod urġenti biex tistabbilixxi tassonomija soċjali. Mingħajr tassonomija soċjali, l-investituri u l-impriżi m'għandhomx gwida ċara dwar liema investimenti jipprovdu valur miżjud mil-lat soċjali. B'riżultat ta' dan, huwa diffiċli li jiġu ffinanzjati attivitajiet motivati soċjalment fil-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni soċjali u s-servizzi soċjali, fost oqsma oħrajn.

51. jipproponi li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw u jiffinanzjaw it-tnejja ta' inizjattivi ta' taħriġ u edukazzjoni biex jippromovu l-bini tal-kapaċità fl-entitajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet privati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-rapporti u l-pjani strateġiċi tal-SDGs;

52. jenfasizza li l-edukazzjoni hija dritt fundamentali, irrispettivament mill-mezzi finanzjarji, u jissuġġerixxi wkoll lil dawk il-livelli ta' gvern responsabbli għall-edukazzjoni li kunċetti ta' żvilupp aktar sostenibbli jistgħu jiġu introdotti fil-kurrikuli edukattivi, mil-livell preprimarju sa dak universitarju;

53. jipproponi t-tnejja ta' kampanja ta' komunikazzjoni interistituzzjonali tal-UE li torbot b'mod ċar it-twertiq tal-SDGs ma' titjib fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fit-territorji kollha;

<sup>(7)</sup> OECD (2022) "The Sustainable Development Goals as a framework for COVID-19 recovery in cities and regions" (L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala qafas għall-irkupru mill-COVID-19 fil-bliet u r-reġjuni), *OECD Regional Development Papers*, Nru 26, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(8)</sup> OECD (2022) "The Sustainable Development Goals as a framework for COVID-19 recovery in cities and regions" (L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala qafas għall-irkupru mill-COVID-19 fil-bliet u r-reġjuni), *OECD Regional Development Papers*, Nru 26, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(9)</sup> Kummissjoni Ewropea, 2022: Ewrobarometru: SMEs tal-UE li jaħdmu lejn is-sostenibbiltà:

[https://single-market-economy.ec.europa.eu/news/eurobarometer-eu-smes-working-towards-sustainability-2022-03-28\\_mt](https://single-market-economy.ec.europa.eu/news/eurobarometer-eu-smes-working-towards-sustainability-2022-03-28_mt)

54. jissuġġerixxi li tinħoloq pjattaforma interkontinentali għall-iskambju tal-aħjar prattiki fl-iżvilupp ta' Rieżamijiet Lokali Volontarji u Rieżamijiet Sottonazzjonali Volontarji, bejn bliet Ewropej u bliet minn lokalitajiet oħra, filwaqt li l-Ewropa tiġi promossa bħala msieħba b'saħħitha dwar dan is-suġġett; tali pjattaforma tkun tista' tibbaża fuq il-koordinazzjoni tal-KtR;

55. jappella għal tixrid ħafna aktar effettiv ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament li jistgħu jkunu disponibbli minn istituzzjonijiet bħall-Bank Ewropew tal-Investment biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-pjani strateġiċi tal-SDGs fil-livell lokali u reġjonali;

56. permezz ta' din l-Opinjoni qed iniedi diskussjoni kollettiva dwar l-importanza li l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa jinżamm fiċ-ċentru tal-azzjonijiet politiċi kollha anke wara l-2030, filwaqt li jenfasizza l-opportunità li tiġi stabbilita ekonomija ta' benesseri reali, iffokata fuq in-nies u l-pjaneta u li ssir ħidma favur UE sostenibbli fit-tul;

57. fl-aħħar nett, jistieden lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-UE, kif ukoll lill-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, biex jikkunsidraw kif huma stess jistgħu jsiru aktar sostenibbli; dan japplika b'mod partikolari għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, rinnovazzjoni enerġetika tal-binjiet u servizzi tal-catering aktar sostenibbli, kif ukoll il-promozzjoni ta' trasport u akkomodazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima u l-iżvilupp ta' avvenimenti u laqgħat ibridi fil-binjiet tal-uffiċċji tagħhom, iżda wkoll il-għlieda kontra l-faqar u l-ġuħ; impenn biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi miġġielda l-inugwaljanza, tiġi promossa l-innovazzjoni u tittejjeb l-infrastruttura, jiġu bbilanċjati l-konsum, il-produzzjoni u l-użu tal-art u jsir kontribut għall-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom fl-Ewropa u fid-dinja.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni*

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Rapport ta’ rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”**

(2023/C 157/03)

<b>Relatur:</b>	Rob JONKMAN (NL/PPE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta’ Opsterland
<b>Dokument ta’ referenza:</b>	Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Rapport ta’ rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza COM(2022) 383 final

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA’ POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

**Kummenti ġenerali**

1. Jilqa’ r-rapport ta’ rieżami, li jipprovdi aġġornament utli u valutazzjoni ġenerali dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-issodisfar tal-obbligi tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, iżda jinnotta li r-rapport ma għandux informazzjoni kritika u aktar fil-fond meħtieġa biex tinkiseb stampa aħjar tal-implimentazzjoni reali fil-livell lokali u reġjonali;

2. Iqis li hija opportunità mitlufa, minkejja r-rekwiżiti tal-Artikolu 16 tar-Regolament, li ma hemm l-ebda valutazzjoni kwalitattiva fir-rapport ta’ rieżami. Għaldaqstant, mhuwiex ċar kif il-Kummissjoni Ewropea (KE) se timmonitorja l-progress li qed isir fil-livell kwalitattiv tal-investimenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-riformi nazzjonali fit-tul, u kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali se jiġu involuti f’dan il-proċess;

3. Barra minn hekk, jiddispijaċih li r-rapport ta’ rieżami ma janalizzax għadd ta’ punti li huma kruċjali għal implimentazzjoni tajba tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bħal:

— il-governanza tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-proċessi relatati;

— l-addizzjonalità vera tal-proġetti appoġġati;

— is-sinerġiji u r-riskji ta’ duplikazzjoni ma’ sorsi oħra ta’ finanzjament tal-UE;

— il-kontribut effettiv tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-koeżjoni, minkejja li dan huwa l-bażi ġuridika tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

— l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

4. Jaqbel mal-KE li s-suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiddependi mill-involviment mill-qrib tal-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Li jissemmew b’mod kollettiv biss, ħafna drabi taħt it-terminu ġenerali “partijiet ikkonċernati”, mhuwiex biżżejjed. Implimentazzjoni kosteffiċjenti u demokratika għandha timxi id f’id mal-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità li huma ankrati fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>;

<sup>(1)</sup> Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

<sup>(2)</sup> Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

5. Kif iddikjarat fir-rapport ta' rieżami, jaqbel li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tista' tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel permezz ta' miżuri li jiffukaw speċifikament fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u billi tappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fis-sitt pilastri ta' politika <sup>(3)</sup>;

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-faзи ta' implimentazzjoni u tiżgura li d-data dwar dan tinġabar b'mod effiċjenti bħala parti mis-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni, jiġifieri t-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza, u billi tagħmel użu mir-riċerka u l-istudji li twettqu s'issa mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), mill-European Policy Centre (EPC), mill-fondazzjonijiet politiċi u mill-Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi (CPMR);

7. Jirrimarka li r-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità japplika bis-sħiħ għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa fl-Istati Membri kollha meta l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jiġu affettwati b'mod suffiċjentement dirett, minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, u tieħu azzjoni meta jkun meħtieġ;

### **Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

8. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kienu mill-bidu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha, kemm permezz ta' azzjonijiet ta' politika tagħhom stess f'ħafna oqsma, kif ukoll permezz tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-gvernijiet nazzjonali;

9. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jipprovdu l-maġġoranza tas-servizzi pubbliċi lir-residenti u lin-negozji tagħhom u jinvestu f'oqsma ta' politika koperti mill-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, speċjalment fil-qasam tal-irkupru ekonomiku u soċjali, kif ukoll fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Jekk l-awtoritajiet lokali u reġjonali – l-eqreb livell politiku għaċ-ċittadini – jitħallew barra, hemm ir-riskju li l-istadji importanti u l-miri stabbiliti fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ma jintlaħqux; jirrimarka li l-istess problema teżisti minħabba n-nuqqas ta' rikonnoxximent tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew;

10. Itenni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-aktar konxji tal-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taċ-ċittadini u n-negozji. Peress li l-biċċa l-kbira tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-oġettivi jiġu fformulati ċentralment mingħajr ma jiġi kkonsultat il-livell lokali u reġjonali, dawn spiss ma jkunux konformi mal-ħtiġijiet lokali, reġjonali u bbażati fuq il-post u l-assi unċi tagħhom;

11. Jargumenta li l-modi li bihom tfasslu l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u li ġew involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jwasslux għall-promozzjoni tas-sjieda tal-pjani ta' rkupru fil-livell lokali u reġjonali. L-esperjenza mis-Semestri Ewropej turi b'mod ċar li l-implimentazzjoni insuffiċjenti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) kienet parzjalment dovuta għal nuqqas ta' sjieda lokali u reġjonali u l-kapaċità li jikkontribwixxu għas-CSR; jirrimarka li r-“riformi strutturali” li l-Kummissjoni Ewropea qed titlob taħt is-Semestru Ewropew għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva tas-sussidjarjetà, sabiex ikopru biss kwistjonijiet li fil-fatt jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE;

12. Jiddikjara li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fit-tweqqif ta' ħafna proġetti u programmi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għandhom setgħat leġislattivi li huma kruċjali għal implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkun involuti direttament fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, skont il-grad ta' awtonomija ekonomika, fiskali u finanzjarja mogħtija skont il-qafas legali nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

13. Ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għal terz tan-nefqa pubblika kollha u għal aktar minn nofs l-investment pubbliku fl-UE, li ħafna minnu jikkonċerna oqsma ta' politika kruċjali għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-impenn attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa meħtieġ matul il-proċess kollu sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess; jiġbed l-attenzjoni għal kompetenzi bħal: ir-rinnovazzjoni tal-bini, il-mobbiltà urbana sostenibbli, ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, il-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli, l-edukazzjoni u riforma aktar effiċjenti tal-amministrazzjoni pubblika;

<sup>(3)</sup> COM(2022) 383 final, 129 miżura tal-25 Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza adottati sat-30 June 2022 jitqiesu li għandhom enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

**Id-dimensjoni territorjali injorata fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

14. Il-konsultazzjonijiet li saru fl-2021<sup>(4)</sup> u fl-2022<sup>(5)</sup> mill-KtR u mis-CEMR, u l-istudju referenzjarju tal-2022<sup>(6)</sup>, tefgħu dawl fuq l-involvement limitat ħafna tal-gvernijiet lokali u reġjonali fit-tfassil, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Minkejja xi eżempji tajbin, dawn aktar jirrappreżentaw l-eċċezzjoni milli r-regola, u l-biċċa l-kbira ta' dawk li wiegħbu jqisu li l-governanza f'diversi livelli u l-prinċipji tas-sussidjarjetà ma ġewx rispettati;

15. Jenfasizza li awtorità lokali jew reġjonali waħda biss minn kull għaxra kienet jew involuta bis-sħiħ (1 %) jew parzjalment involuta (9 %) fl-abbozzar tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, kif enfasizzat mir-riżultati tal-istħarriġ tal-KtR tal-politiċi lokali u reġjonali fl-UE<sup>(7)</sup>, sejba ħażina riflessa f'analizzjiet u konsultazzjonijiet oħra mwettqa mill-KtR, l-EPC, il-fondazzjonijiet politiċi u s-CPMR fost oħrajn;

16. Jiddispjaċih li l-proposta fil-premessa 34 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li tenfasizza l-importanza li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali għet ittraskurata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, minkejja li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għal 53 % tal-investiment pubbliku fl-UE u għandhom kompetenzi ewlenin biex jimplementaw politiki relatati mas-sitt pilastru tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;

17. Ifakkar, kif iddikjarat fir-rapport ta' rieżami, li r-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (premissa 34) jirrikonoxxi l-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali "jistgħu jkunu sħab importanti fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti" u għalhekk għandhom "jiġu kkonsultati u involuti b'mod xieraq, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali", u li l-Artikolu 18 jirrikjedi li l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali (fost oħrajn) u kif l-input tagħhom huwa rifless fil-pjan;

18. Jenfasizza li t-tfassil tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza kien proċess minn fuq għal isfel fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li jinvolvi riskju ta' ċentralizzazzjoni ta' investiment pubbliku sinifikanti u jikkomprometti s-suċċess aħħari tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan imur kontra l-importanza mogħtija lill-governanza f'diversi livelli, il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-proċess ta' deċentralizzazzjoni tal-kompetenzi li seħħ f'ħafna Stati Membri f'dawn l-aħħar deċennji, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);

19. Jirrimarka li l-approċċ ċentralizzat ittraskura d-differenzi territorjali fir-rapport ta' rieżami, mhux biss f'termini ta' sfidi iżda wkoll f'termini ta' opportunitajiet. B'riżultat ta' dan, l-effettività u l-impatt tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jkunu inqas mill-oġettiv mixtieq. Ir-reġjuni li diġà kienu għadhom lura f'termini ta' żvilupp qabel it-tifqigħa tal-pandemija x'aktarx li jesperjenzaw diskrepanza saħansitra akbar f'termini ta' impjiegi, livell edukattiv, appoġġ għan-negozju, diġitalizzazzjoni jew mobbiltà, jew oqsma ta' politika ewlenin oħra;

20. Jenfasizza wkoll li, b'mod partikolari minħabba l-għadd kbir ta' programmi Ewropej u opportunitajiet ta' sussidju finanzjarju, il-kapaċità amministrattiva għandha tissaħħaħ f'ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali. F'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, li diġà kellhom problemi biex jassorbu l-fondi tal-UE fil-passat, biex itejbu l-kapaċità ta' assorbiment tagħhom sabiex l-implimentazzjoni tal-programmi futuri kollha ta' finanzjament tal-UE tkun tista' tittejjeb;

21. Iwissi li nħolqot dikotomija mhux mistennija, li wasslet għal żewġ kategoriji differenti ta' awtoritajiet lokali u reġjonali parteċipanti. L-ewwel kategorja ta' grupp żgħir ta' awtoritajiet lokali u reġjonali li kienu involuti mill-gvern ċentrali sa mill-bidu u issa fil-fażi ta' implimentazzjoni u b'hekk jindirizzaw l-ispeċifità u l-ħtiġijiet territorjali, u t-tieni kategorija ta' grupp akbar ta' awtoritajiet lokali u reġjonali li ma kinux involuti kif suppost mill-bidu tat-tfassil u aktar tard fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. B'konsegwenza ta' dan, il-problemi eżistenti kkawżati mill-esklużjoni tagħhom marru għall-aġħar<sup>(8)</sup>; dan ma jistax ikun oġettiv tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jimmina d-dimensjoni territorjali tal-UE;

<sup>(4)</sup> KtR-CEMR, *L-involvement tal-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni fit-tħejjija tal-Pjani nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza: ir-riżultati tal-konsultazzjoni mmirata tal-KtR-CEMR*, Jannar 2021.

<sup>(5)</sup> KtR-CEMR, *Implementation of the Recovery and Resilience Facility: The Perspective of Local and Regional Authorities – Results of the CoR-CEMR targeted consultation* (L-implimentazzjoni tal-Facilità għall-Irkupru u r-Reziljenza: Il-Perspettiva tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali – Riżultati tal-konsultazzjoni mmirata KtR-CEMR), April 2022 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(6)</sup> Regions for EU Recovery, *Benchmark study on the implementation of the Recovery and Resilience Facility at the regional level – Main results* (Studju referenzjarju dwar l-implimentazzjoni tal-Facilità għall-Irkupru u r-Reziljenza fil-livell reġjonali – Riżultati ewlenin), Ġunju 2022 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(7)</sup> Stħarriġ ibbażat fuq **2 698 intervista** ma' politiċi lokali u reġjonali fl-UE li saru bejn il-25 ta' Lulju u l-11 ta' Settembru 2022. Ara: Kumitat tar-Reġjuni: *Sejbiet tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali*. (Ottubru, 2022) disponibbli online fuq <https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/EURegionalBarometer-Survey-2022.aspx>

<sup>(8)</sup> Stħarriġ ibbażat fuq **2 698 intervista** ma' politiċi lokali u reġjonali fl-UE li saru bejn il-25 ta' Lulju u l-11 ta' Settembru 2022. Ara: Kumitat tar-Reġjuni: *Sejbiet tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali*. (Ottubru, 2022) disponibbli online fuq <https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/EURegionalBarometer-Survey-2022.aspx>, p. 4.



22. Jenfasizza li s-Semestru Ewropew huwa eżerċizzju ċentralizzat iżżejjed, minn fuq għal isfel, fil-biċċa l-kbira nieqes mill-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan għandu jiġi riformat u żviluppat meta jintuża biex jiġu prijoritizzati fondi (reġjonali), investimenti jew programmi futuri peress li attwalment jinjora l-prinċipji ta' governanza tajba u sħubija f'diversi livelli u jonqos milli jirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

### Sinerġiji ma' fondi u programmi oħra tal-UE

23. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, għall-fini ta' monitoraġġ tajjeb, biex tiċċara b'liema mod ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bil-għan li jiġu żgurati l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn il-fondi u l-istrumenti finanzjarji, jiġu ssodisfati fil-livell nazzjonali;

24. Jilqa' l-fatt li, skont ir-rapport ta' rieżami, l-Istati Membri inkludew għadd sinifikanti ta' miżuri biex jappoġġjaw il-koeżjoni soċjali u territorjali<sup>(9)</sup>. Għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-eżekuturi prinċipali u responsabbli għall-politika ta' koeżjoni, madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma mhumiex involuti kif suppost fit-thejjja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; il-Kumitat jibża' li l-oġġettivi tal-koeżjoni territorjali (taħt il-pilastru 4) mhux ser jintlaħqu;

25. Jirrimarka li huwa essenzjali li jiġi evitat il-greenwashing u jenfasizza li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa pedament tal-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ir-rekwiżiti dettaljati fir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza relatati mal-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-kategorizzazzjoni tal-investimenti ekoloġiċi għandhom jiġu segwiti mill-Istati Membri sabiex jiġi evitat ksur potenzjali tar-rekwiżit ta' nfiq ta' 37 % għall-investimenti ekoloġiċi;

26. Jiddispjaċih li r-rapport ta' rieżami ma jurix b'mod ċar kif il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tallinja b'mod effettiv mal-ippjanar reġjonali/lokali u l-programmi operazzjonali għall-koeżjoni. Il-KtR jiddispjaċih dwar in-natura ċentralizzata tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, in-nuqqas ta' dimensjoni reġjonali u n-nuqqas ta' konsultazzjonijiet mal-korpi reġjonali u lokali fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-governanza tagħha;

27. Jiddikjara li f'termini ta' sinerġiji bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u finanzjament ieħor tal-UE, minħabba l-funzjonament, iż-żmien u l-governanza differenti tagħhom, il-kwistjoni ewlenija hija r-riskju ta' duplikazzjoni. Għalhekk, f'termini ta' orjentazzjoni u implimentazzjoni strateġiċi, huma meħtieġa interazzjoni u koordinazzjoni kontinwi bejn il-politika ta' koeżjoni, finanzjament ieħor tal-UE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

28. Jinsab diżappuntat li l-inklużjoni tar-REPowerEU fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippermetti t-trasferiment tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni minkejja l-hteġġa li dawn jintużaw fil-livell lokali u reġjonali għall-irkupru ekonomiku, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tnaqqis tad-diverġenzi fi ħdan l-UE;

29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi aktar informazzjoni u gwida lill-Istati Membri dwar kif jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali. F'dan ir-rigward, jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jikkomunikaw direttament mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ir-regġuni u l-bliet huma l-eqreb amministrazzjoni għaċ-ċittadini, għandhom il-biċċa l-kbira tal-kompetenzi biex jilhq u għani jiet territorjali, u huma l-atturi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni Ewropea;

30. Jiddikjara li hemm bżonn, f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tiġi implimentata sistema ta' monitoraġġ b'saħħitha li ma tirrikjedi l-ebda piż amministrattiv addizzjonali fil-livell lokali u reġjonali, peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu regoli aktar ċari għall-eżekuzzjoni tal-fondi. Barra minn hekk, hemm domanda għal linji gwida u għodod komuni peress li l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li jiġbru d-data u jiġi pprovdut aċċess lill-Kummissjoni Ewropea għall-bażi tad-data uffiċjali tal-benefiċjarji biex jiġi evitat finanzjament doppju;

31. Iħeġġeġ lill-KE tiżgura li l-prinċipji fundamentali bħall-governanza f'diversi livelli u s-sussidjarjetà jiġu rispettati u implimentati b'mod konsistenti. F'dan ir-rigward, il-politika ta' koeżjoni m'għandhiex tkun awtonoma iżda għandha tinteraġixxi u tikkoordina ma' strumenti ġodda inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

### X'jeħtieġ li jsir?

32. Jirrimarka li r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mhumiex limitat għall-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, iżda jikkonċerna wkoll l-ippjanar u l-evalwazzjoni sussegwenti tal-eżekuzzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li għalihom huma meħtieġa għodod ta' analiżi tal-impatt ekonomiku/soċjali, li jkopru l-livell lokali u reġjonali;

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Artikolu 3(d), ir-4 pilastru.

33. Jitlob, għalhekk li r-rapporti annwali tal-Kummissjoni, kif definiti fl-Artikolu 31 tar-Regolament, u li r-rapport ta' evalwazzjoni indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità jiġu pprovduti sal-20 ta' Frar 2024 kif previst mill-Artikolu 32 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li l-KtR ikun involut fit-tħejija, u li tiġi inkluża taqsimha dwar l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li tibni fuq il-kontenut tal-Premessa 34 u tal-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sabiex tinkiseb perspettiva ġenerali aħjar dwar il-proċessi ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri tal-UE;
34. Jenfasizza li l-kapaċità amministrattiva disponibbli tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha tintuża b'mod effiċjenti u tissaħħaħ sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kif suppost tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-adozzjoni adegwata tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-livell lokali u reġjonali, f'konformità mal-oġġettivi tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku;
35. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ix-xejra dejjem tikber fil-bidla fundamentali mill-Fondi Strutturali, ġestiti fil-livell reġjonali, lejn allokazzjonijiet ċentralizzati akbar u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'has-Semestru Ewropew, li huma pprogrammati u implimentati fil-livell nazzjonali; il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija eżempju wieħed, l-istess b'ħaqq-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;
36. Jappella, għalhekk, għall-hteġa li ssir riflessjoni dwar kif jistgħu jiġu ankrati aktar il-prinċipji tas-sussidjarjeta' u l-governanza f'diversi livelli fit-Trattati tal-UE u kif l-applikazzjoni tagħhom tista' tiġi mmonitorjata b'mod aktar effiċjenti fil-prattika. Jenfasizza l-importanza li titqajjem din il-kwistjoni fid-dawl ta' konvenzjoni kostituzzjonali eventwali għar-riforma tat-Trattati tal-UE;
37. Japprezza r-rwol attiv u l-ħidma li saret s'issa mill-Parlament Ewropew (PE) fl-iskrutinju u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Japprezza l-fatt li l-KtR ġie mistieden diversi drabi biex jipparteċipa fil-Grupp ta' Ħidma konġunt ECON-BUDG dwar l-iskrutinju tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
38. Jiddispjaċih li r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni u, b'mod speċjali, ir-referenza tagħha għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ma ġietx ikkunsidrata. Jistieden lill-Parlament jikkunsidra, f'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jabbozza riżoluzzjoni dwar l-effetti u l-impatt tal-allokazzjonijiet ċentralizzati tal-fondi tal-UE abbażi tal-esperjenzi mill-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-livell lokali u reġjonali;
39. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jibdlu n-narrattiva ċentralizzata attwali f'approċċ ta' implimentazzjoni f'diversi livelli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jstabbilixxu fuq bażi strutturali u flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, eż. pjattaformi f'diversi livelli, sessjonijiet ta' informazzjoni u avvenimenti f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u gruppi ta' ħidma f'diversi livelli;
40. Ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta gwida aktar rigoruża lill-Istati Membri u tħeġġiġhom jirrapportaw fid-dettall fil-programmi nazzjonali ta' riforma annwali tagħhom dwar il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mal-partijiet ikkonċernati, skont l-ispirtu tal-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
41. Jenfasizza li t-tabella ta' valutazzjoni għall-kejl tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, kif definita fl-Artikolu 30 tar-Regolament, tista' tiġi żviluppata aktar biex jiġi żgurat li d-"dimensjoni territorjali" tiġi riflessa kif suppost. Jeħtieġ li niżguraw proċess ta' monitoraġġ integrat, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u approċċ oġġettiv għall-implimentazzjoni; dan ma għandux iwassal għal piż amministrattiv eċċessiv għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;
42. Jistqarr li r-riformi u l-investimenti koperti mill-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont il-qafas tas-Semestru Ewropew. Riforma tas-Semestru Ewropew hija meħtieġa biex id-dimensjoni territorjali tiġi inkorporata. Id-dimensjoni lokali u reġjonali għandha titqies, mhux biss fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda attwali bl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, iżda wkoll fil-kuntest tal-programmi futuri tal-UE u biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-Unjoni, kemm il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%", it-tranżizzjoni diġitali, l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030, jew il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050;

43. Itenni, għalhekk, l-appell tiegħu li għamel f'Opinjoniġiet preċedenti <sup>(10)</sup> rigward kodiċi ta' kondotta għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Is-Semestru Ewropew għandu jkun aktar trasparenti, inklużiv u demokratiku bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; b'hekk tissaħħaħ is-sjieda fil-livell lokali u reġjonali, u tittejjeb l-implimentazzjoni tar-riformi mixtieqa u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

<sup>(10)</sup> L-Opinjoni tal-KtR: Pjan ta' rkupru għall-Ewropa li jindirizza l-pandemija tal-COVID-19: Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU C 440, 18.12.2020, p. 160).  
L-Opinjoni tal-KtR: Is-Semestru Ewropew u l-Politika ta' Koeżjoni: l-allinjament tar-riformi strutturali mal-investimenti fit-tul (ĠU C 275, 14.8.2019, p. 1).  
L-Opinjoni tal-KtR: It-titjib tal-governanza tas-Semestru Ewropew: Kodiċi ta' Kondotta għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (ĠU C 306, 15.9.2017, p. 24).

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE”**

(2023/C 157/04)

<b>Relatur:</b>	Pedro DE FARIA E CASTRO (PT/PPE) Sottosegretarju Reġjonali tal-Presidenza tal-Gvern tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE  COM(2022) 198 final

**RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

- jenfasizza r-restrizzjonijiet strutturali li jiffaċċjaw b'mod permanenti r-reġjuni ultraperiferiċi, kif identifikati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19;
- jirrikonoxxi li l-istrategġija tal-UE għar-reġjuni ultraperiferiċi wriet is-siwi tagħha fl-approfondiment tal-miżuri biex tiġi ssalvagwardjata n-natura speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi fi ħdan l-UE. Madankollu, il-kuntest li jirriżulta mill-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali attwali u futuri, enfasizzaw il-ħtieġa li l-istrategġija tal-2017 dwar *Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE* tiġġedded bir-reqqa;
- jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ssegwi r-rakkomandazzjoni li ressaq biex l-istrategġija tal-UE tiġi adattata għar-reġjuni ultraperiferiċi, fid-dawl tal-konsegwenzi serji tal-pandemija, kif ġie propost fl-Opinjoni li adotta dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni ta' sħubija strateġika mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea (relatur: Ángel Víctor Torres Pérez <sup>(1)</sup>), kif ukoll fir-rapport tal-Parlament Ewropew intitolat *Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE* <sup>(2)</sup>;
- ifakkar fid-diversi passi meħuda mir-reġjuni ultraperiferiċi biex iġeddu l-istrategġija tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni politika tal-Presidenti tar-reġjuni ultraperiferiċi adottata fit-3 ta' Mejju 2021 fl-Azores waqt il-laqgħa ta' nofs it-terminu tal-Konferenza tal-Presidenti tar-reġjuni ultraperiferiċi;
- jixħet dawl fuq it-tisħiħ tas-sħubija bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Konferenza tal-Presidenti tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-iżvilupp ta' din l-istrategġija, li ppermettiet djalogu produttiv u kontinwu permezz ta' pjattaformi u gruppi ta' ħidma speċjalizzati;
- jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar *Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE*, li tibni fuq il-pożizzjonijiet espressi mill-Konferenza tal-Presidenti tar-reġjuni ultraperiferiċi, kemm fid-dikjarazzjoni finali tagħha tat-18 ta' Novembru 2021 (Ponte Delgada, l-Azores) kif ukoll fil-kontribut tagħha tad-19 ta' Jannar 2022 adottat b'mod konġunt ma' Franza, Spanja u l-Portugall;
- jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ id-djalogu u tippovdi appoġġ imfassal apposta għal dawn ir-reġjuni sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-politiki tal-UE u jisfruttaw il-potenzjal tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-preżenza tal-UE fl-oqsma ta' influwenza ta' dawn ir-reġjuni;

<sup>(1)</sup> ĠU C 37, 2.2.2021, p. 57.

<sup>(2)</sup> Rapport — Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

8. jirrikonoxxi l-importanza ta' din il-Komunikazzjoni l-ġdida u jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni koordinata mill-awtoritajiet fil-livell sovranazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali u għall-implimentazzjoni rapida tal-miżuri proposti u, fil-kuntest ta' kriżijiet multipli, jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal reazzjonijiet immedjati u effettivi biex jiġi żgurat l-irkupru ekonomiku, soċjali u sostenibbli ta' dawn ir-reġjuni;

9. huwa diżappuntat li, fil-Komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni, uħud mill-politiki essenzjali għall-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi ma ġewx indirizzati biżżejjed;

10. jenfasizza li l-vulnerabbiltajiet ta' dawn ir-reġjuni, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huma aggravati aktar minn diżastri naturali wieħed wara l-ieħor, li l-frekwenza tagħhom qed tiżdied minħabba t-tiżhin globali, u li l-iskala u l-intensità dejjem tikber tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi għadhom ta' tħassib kbir;

11. jinnota li l-gwerra fl-Ukrajna qed tagħmel pressjoni addizzjonali fuq dawn ir-reġjuni diġà vulnerabbli u qed tikkomprometti l-irkupru ta' wara l-kriżi tas-saħħa. Il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi bħalissa qed tiġi affettwata ħażin ħafna u d-diversi setturi ta' attività jiffaċċjaw spejjeż addizzjonali sinifikanti, minbarra l-ispejjeż strutturali addizzjonali marbuta mar-restrizzjonijiet strutturali li jolqtu lil dawn it-territorji;

12. jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju u jenfasizza l-importanza tagħhom għall-implimentazzjoni ta' din l-istrategġja l-ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi;

13. jistieden lill-Istati Membri kkonċernati jappoġġjaw lir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom fit-tiżhin tal-kapaċitajiet amministrattivi u jagħtu spinta lill-iżvilupp tal-ħiliet biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-programmi tal-UE;

14. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tqis li r-reġjuni ultraperiferiċi ma jixbhux, fil-fatt jew fil-liġi, reġjuni Ewropej oħra b'karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi, bħall-gżejjer, iż-żoni muntanjużi jew ir-reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni;

#### **Nindirizzaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini**

15. jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll fuq l-irkupru ekonomiku u t-kabbir sostenibbli u inklużiv li jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet;

16. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi sinifikanti tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-konfront tal-Ewropa kontinentali u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja lil dawn ir-reġjuni fil-proċess ta' konverġenza tagħhom mal-bqija tal-UE;

17. jilqa' b'sodisfazzjon l-insistenza tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-importanza li jingħata appoġġ għall-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi biex jimplementaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u biex jilhqo l-miri tal-2030 tas-Summit Soċjali ta' Porto dwar l-impjeg, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar;

#### **Nagħtu attenzjoni partikolari lill-isfida tal-migrazzjoni**

18. jitlob appoġġ qawwi u deċiżiv mill-istituzzjonijiet Ewropej fid-dawl tal-kriżijiet tal-migrazzjoni, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntieri esterni tal-UE, li waħedhom huma responsabbli għall-akkoljenza u l-aċċess għal servizzi bażiċi għal minorenni mhux akkumpanjati li jasl u fit-territorji tagħhom, kif ukoll biex dawn il-minorenni jingħataw appoġġ fil-ħajja adulta;

19. ifakkar fl-importanza ta' finanzjament adegwat mill-fondi tal-AMIF (Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni) u l-FSI (Fond għas-Sigurtà Interna), li jiżgura r-reġjonalizzazzjoni tagħhom sabiex tiżdied l-aċċessibbiltà tagħhom, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, bħal dawk li jaffettwaw lil ċerti reġjuni ultraperiferiċi fuq bażi rikorrenti, bħal fil-każ tal-Gżejjer Kanarji, il-Guyana u Mayotte, u jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li sar f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni fl-istrategġja l-ġdida tagħha;

20. jistenna bil-ħerqa aktar progress dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, fid-dawl tat-tagħlimiet misluta mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, billi tiġi eżaminata l-possibbiltà li d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE<sup>(3)</sup> tiġi attivata għall-migranti minn żoni oħra ta' kunflitt b'impatt qawwi fuq l-UE, u li jiġu attivati wkoll il-miżuri ġodda introdotti mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(4)</sup> CARE, sabiex jinkisbu solidarjetà ġenwina u kondivizzjoni ġusta tal-piż tal-migrazzjoni fost l-Istati Membri kollha;

### Tranżizzjoni ekoloġika

21. jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li r-reġjuni ultraperiferiċi jeħtieġu miżuri partikolari biex jadattaw għat-tibdil fil-klima, peress li huma partikolarment esposti għall-impatti tiegħu, fosthom eventi ta' temp estrem;

22. jenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tqis kif dovut ir-reġjuni ultraperiferiċi fl-implimentazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, kif ukoll l-impenn tagħha li tappoġġja l-azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju u r-reżiljenza għad-diżastri naturali u li tippromovi l-iskambju tal-għarfien bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-ġirien tagħhom;

23. jitlob li jitqies l-impatt tal-pakkett leġiżlattiv "leste għall-mira ta' 55%", li se jkollu impatt kbir fuq il-kompetittività u l-konnettività tar-reġjuni ultraperiferiċi, permezz tal-applikazzjoni sistematika u eżawrjenti tal-Artikolu 349 tat-TFUE, wara t-tħejjija ta' studji ta' valutazzjoni tal-impatt. Abbażi ta' dawn l-istudji, għandhom jiġu adottati soluzzjonijiet imfassla apposta għal dawn ir-reġjuni, billi tiġi adattata l-leġiżlazzjoni fejn meħtieġ bl-għan li jiġi żgurat trattament ġust għal dawk li diġà qed ikollhom iġarrbu l-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-pożizzjoni remota tagħhom, u li jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi ta' dawn ir-reġjuni vulnerabbli ħafna jkollhom aċċess għall-Fond Soċjali għall-Klima u l-Fond għall-Modernizzazzjoni, kif ukoll aċċess għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala żgħira fil-qafas tal-Fond għall-Innovazzjoni;

24. iwissi, f'dan ir-rigward, dwar iż-żieda fil-vulnerabbiltà ta' dawn ir-reġjuni minħabba d-distanza u l-iżolament tagħhom mill-kontinent Ewropew u, għalhekk, iwissi wkoll dwar l-impatt fuqhom tat-tilħiq tal-miri l-ġodda dwar l-emissjonijiet u t-tassazzjoni fuq il-fjuwil li jirriżultaw mill-pakkett "leste għall-mira ta' 55%";

25. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-reġjuni ultraperiferiċi huma sistemi tal-enerġija iżolati li ma jistgħux jiġu konnessi mal-kontinent, u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jippromovu l-awtonomija enerġetika ta' dawn ir-reġjuni permezz ta' politiki ta' appoġġ u promozzjoni li jippermettu tranżizzjoni adatta li, fid-dawl tad-dipendenza attwali tagħhom mill-fjuwils fossili, twassalhom għal sistemi sostenibbli bi prezz raġonevoli;

### It-tnaqqis tad-distakk fl-aċċessibbiltà

26. ifakkar li, fin-nuqqas ta' alternattivi fuq l-art, ir-reġjuni ultraperiferiċi huma totalment dipendenti mit-trasport bl-ajru u marittimu affidabbli u affordabbli biex tiġi żgurata l-mobilità tal-popolazzjonijiet tagħhom u l-provvista tagħhom ta' oġġetti essenzjali, li jirriżulta f'piż finanzjarju għoli għar-residenti u l-ħsara li jiġib miegħu għall-ekonomiji lokali u l-interess pubbliku;

27. iqis li huwa impossibbli li jiġu promossi l-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll l-iżvilupp tagħhom, mingħajr ma tinbeda strateġija biex jitnaqqsu l-pożizzjoni remota u l-iżolament tagħhom, li bilfors tirrikjedi miżuri li jikkompensaw għan-nuqqas ta' aċċessibbiltà tagħhom u li jitnaqqas id-distakk diġitali, sabiex jiġu żviluppati u msaħħa l-ekonomiji tagħhom, minħabba l-problemi strutturali permanenti marbutin mal-ultraperiferiċità. Ifakkar li huwa importanti li l-istrument għall-emerġenzi fis-suq uniku jqis ir-reġjuni ultraperiferiċi biex jiġu żgurati l-ktajjen ta' provvista fi żminijiet ta' kriżi;

28. kif irrakkomandat mill-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu *Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE*, jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġi implimentat appoġġ fil-qasam tat-trasport bħala għodda addizzjonali biex tikkompensa għall-iżvantaġġi u l-ħsara kumulattiva tal-ispejjeż tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija;

29. jappella għal appoġġ għal proġetti li jsaħħu l-konnettività tar-reġjuni ultraperiferiċi. F'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-appoġġ għall-kejbils sottomarini, li għadha sfida ewlenija għas-sigurtà tal-flussi tad-data, u wkoll għall-kwalità tas-servizz u l-affordabbiltà tat-tariffi. Pereżempju, Réunion u r-Reġjun Awtonomu tal-Azores dalwaqt se jiffaċċjaw l-obsolexenza tal-kejbils sottomarini tagħhom għall-komunikazzjoni elettronika. It-teknoloġija satellitari għandha tiġi kkunsidrata wkoll għal ċerti territorji, bħall-Guyana Franċiża, peress li mhuwiex possibbli li tiġi installata fibra fiż-żoni abitati kollha;

(<sup>3</sup>) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

(<sup>4</sup>) Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1).

### Agrikoltura u żvilupp rurali

30. jenfasizza l-importanza tas-settur agrikolu għall-ekonomija, l-ambjent, il-ġestjoni tat-territorju u l-impjieġ fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxut mill-UE peress li tintroduċi trattament speċifiku permezz tal-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) u derogi speċifiċi għall-Politika Agrikola Komuni (PAK), u jitlob li dawn id-dispożizzjonijiet jinżammu;

31. jinnota b'mod pożittiv li l-istrumenti ta' għajjnuna mill-Istat li jappoġġjaw l-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali jippermettu rati ogħla ta' intensità massima għall-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-għajjnuna operatorja, u li l-Kummissjoni pproponiet li tkompli tipprovdi kundizzjonijiet speċjali għal dawn ir-reġjuni bħala parti mir-reviżjoni li għaddeja ta' dawn l-istrumenti;

32. jenfasizza, madankollu, l-importanza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi rigward l-għajjnuna *de minimis* fid-dawl tal-kostijiet eċċessivi addizzjonali li jaffettwaw kwalunkwe impriża li topera fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

33. huwa tal-fehma li, fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), l-għażla ta' ġestjoni ċentralizzata tal-pjani strateġiċi tmur kontra l-għanijiet ta' semplifikazzjoni, effettività u effiċjenza mixtieqa, u jittama li l-impatt negattiv ta' din l-għażla jista' jiġi minimizzat permezz ta' flessibilità u deċentralizzazzjoni adatti tal-proċeduri f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' pjani strateġiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi;

34. jitlob li titkompla l-kooperazzjoni interistituzzjonali mill-qrib sabiex jissaħħa il-baġit tal-POSEI, li huwa strument essenzjali għall-appoġġ tas-sostenibilità tal-produzzjoni lokali u l-adattament tal-politika agrikola komuni għall-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, billi jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' bbaġitjar kroniku u debitament issostanzjat, u billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet reali ta' dawn ir-reġjuni, sabiex il-programm ikun jista' jimmonitorja l-iżvilupp tas-setturi agrikoli f'dawn ir-reġjuni u jkompli jilħaq l-għanijiet tiegħu;

### Ekonomija blu u sajd

35. jiġbed l-attenzjoni li r-reġjuni ultraperiferiċi jsaħħu d-dimensjoni marittima tal-Unjoni Ewropea, billi permezz tagħhom għandha l-akbar spazju marittimu fid-dinja b'aktar minn 25 miljun km<sup>2</sup> ta' żona ekonomika esklużiva (ŻEE), u opportunitajiet ekonomiċi sostanzjali;

36. jilqa' b'sodisfazzjon l-importanza mogħtija lir-reġjuni ultraperiferiċi fir-rigward tas-settur tradizzjonali tas-sajd u l-istrateġiji tal-ekonomija blu għas-sinjura li ġejjin, kif ukoll l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tirrevedi r-rekwiżiti għall-proċeduri ta' rappurtar tad-data u d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-għajjnuna mill-Istat għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd f'dawn ir-reġjuni, u li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u jingħata appoġġ lis-sajjieda filwaqt li jiġi żgurat sajd sostenibbli;

### L-għajjnuna mill-Istat

37. jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea fil-komunikazzjoni tagħha li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi fir-reviżjoni tar-regolamenti u tal-linji gwida fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat fis-setturi kollha, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ għal dawn ir-reġjuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE b'rabta mal-għajjnuna mill-Istat; jitlob li jkun hemm aktar flessibilità fl-iskemi li jirregolaw tali għajjnuna;

38. jirrimarka li għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat li jsaħħu u jipromovu l-konnettività tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru u l-għajjnuna għat-trasport marittimu, kif ukoll ir-reviżjoni li għaddeja attwalment tar-regolamenti dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali, qasam li fih għandha tiġi pprovduta kategorija addizzjonali ta' għajjnuna għall-investment biex l-impriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-istandards ambjentali tal-UE;

39. jitlob li jinħoloq forum bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajjnuna "b'impatt purament lokali", fid-dawl tal-fatt li aktar minn 90 % tan-negozji li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi huma intrapriżi mikro u żgħar b'kapaciċità finanzjarja baxxa u li l-għajjnuna lil dawn ir-reġjuni ma tistax taffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern, peress li hija mmirata lejn attivitajiet purament lokali;

40. jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistemi tat-taxxa kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi, peress li kwalunkwe interruzzjoni tista' tiddestabilizza serjament l-ekonomiji u l-impjieġi f'dawn ir-reġjuni;

**It-turiżmu**

41. jiġbed l-attenzjoni għar-rwol ewlieni li jaqdi s-settur tat-turiżmu fl-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi, peress li huwa attività ekonomika trasversali li għandha impatt kbir fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjeg u l-iżvilupp reġjonali;
42. ifakkar fl-impatt qawwi tal-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 fuq dan is-settur, li wassal għal reċessjoni bla preċedent fl-attività tiegħu;
43. jenfasizza l-vulnerabbiltà ta' dan is-settur, li huwa espost ħafna għall-esternalitajiet ġeopolitiċi, tas-saħħa u tal-klima u li jiddependi mill-konnessjonijiet bl-ajru u marittimi;
44. jišhaq fuq il-ħtieġa li jiġu promossi investimenti innovattivi, sostenibbli u reżiljenti sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli ta' dan is-settur strateġiku;
45. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiżviluppa politika Ewropea dwar it-turiżmu li tinkludi l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu, li tappoġġja t-tranżizzjoni doppja tad-destinazzjonijiet turistiċi Ewropej, u li tippromovi u tħaffef il-pass tal-irkupru ta' dan is-settur strateġiku għal dawn ir-reġjuni; jappoġġja t-twissija tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet addizzjonali ta' dawn ir-reġjuni fit-tiswir u l-valutazzjoni ta' din il-politika, billi jiġi garantit finanzjament adegwat biex jiġu salvagwardati l-aċċessibbiltà u t-tranżizzjoni klimatika u diġitali tagħhom;

**Dimensjoni esterna**

46. jirrikonoxxi li l-appartenenza tripla (Ewropea, nazzjonali u reġjonali) tar-reġjuni ultraperiferiċi tirrikjedi, minn naħa, li dawn igawdu aktar il-benefiċċji tas-suq intern u, min-naħa l-oħra, li jintegraw aħjar fil-viċinanzi tagħhom, billi jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom mal-pajjiżi terzi u l-imsieħba ġirien, filwaqt li dejjem iqisu l-preokkupazzjonijiet tagħhom fil-kuntest tan-negozjati u l-ftehimiet kummerċjali;
47. jenfasizza li ż-żoni ġeografiki differenti li fihom jinsabu r-reġjuni ultraperiferiċi għandhom karatteristiċi, sfidi u opportunitajiet differenti, u li għalhekk huwa essenzjali li tinbena strateġija għal kull waħda minn dawn iż-żoni, ibbażata fuq dijanjożi minn qabel, sabiex jiġu identifikati l-isfidi komuni ewlenin u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-kooperazzjoni iżjed fil-fond;
48. jirrimarka li din il-valutazzjoni preliminari għandha tkun ibbażata fuq riflessjoni doppja, waħda dwar l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE f'dawn iż-żoni, u t-tieni dwar l-impatt ta' dawn l-isfidi fuq it-territorji Ewropej li jinsabu f'dawn iż-żoni, kif ukoll dwar ir-reazzjonijiet potenzjali tal-Unjoni fil-konfront tagħhom;
49. jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li ħadet il-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha li tidentifika l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni reġjonali u l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, li tidentifika l-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni, li tiżviluppa opportunitajiet ta' kooperazzjoni u li tappoġġja din il-kooperazzjoni, u li tippromovi l-iskambji bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi. Barra minn hekk, il-Kumitat jistieden lill-Istati Membri kkonċernati biex jippromovu l-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji barranin, kif ukoll ma' pajjiżi terzi. Iħeġġeġ lill-Istati Membri l-oħra jippromovu l-kooperazzjoni u l-iskambji bejn ir-reġjuni tagħhom u r-reġjuni ultraperiferiċi;
50. jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-rwol u l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi meta tirrevedi l-istrateġiji ġeografiki u tinkludi r-reġjuni ultraperiferiċi fil-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni;

**Konklużjonijiet**

51. jitlob l-adozzjoni urġenti ta' soluzzjonijiet prammatiċi u rilevanti, bl-applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi evitat li jiġi kompromess l-għan ta' rkupru ekonomiku, soċjali u sostenibbli;
52. josserva li hemm bżonn li tissaħħaħ b'mod effettiv il-promozzjoni tal-kompetittività u l-valutazzjoni minn qabel tal-impatt tal-politiki tal-UE fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi, b'approċċi bbażati fuq il-post li jiggwarantixxu l-protezzjoni tal-introjt taċ-ċittadini tagħhom;
53. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal, flimkien mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri tagħhom, pjan direzzjonali operattiv bi skeda ta' żmien.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*



**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni dwar “Il-ħolqien ta’ ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali — il-perspettiva lokali u reġjonali”**

(2023/C 157/05)

**Relatur:** Ricardo RIO (PT/PPE), Sindku ta’ Braga**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA’ POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

1. japprova l-Pjan ta’ azzjoni għall-ekonomija soċjali (2021) tal-Kummissjoni Ewropea u jqis li kien importanti ħafna li jiġu indirizzati l-isfidi vitali tas-settur;
2. jirrikonoxxi n-natura transsettorjali tal-ekonomija soċjali u l-fatt li tkopri tipi differenti ta’ entitajiet u tifsiriet f’pajjiżi differenti. Hemm sfidi importanti għall-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment fil-livell lokali u reġjonali, li jagħmluha diffiċli li jiġi żvilupp appoċċ effettiv; għal din ir-raġuni, jenfasizza l-valur miżjud tal-involviment tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni fid-djalogi u l-kooperazzjoni dwar l-ekonomija soċjali mal-Kummissjoni Ewropea u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
3. jilqa’ l-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali u t-tħabbira fil-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 ta’ proposta sussegwenti tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta’ kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali. Din l-Opinjoni tirrappreżenta l-kontribut tal-KtR u dak lokali u reġjonali għal dawn l-inizjattivi u tirrifletti r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali fit-territorji;
4. jenfasizza li l-emerġenza klimatika li għaddeja bħalissa, il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-rati rekord attwali ta’ inflazzjoni jagħmlu tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija aktar reżiljenti u sostenibbli saħansitra aktar urġenti, u f’dan il-kuntest, l-interess fl-ekonomija soċjali żdied minħabba l-ħtieġa li jitrawmu politiki u mudelli ġodda għal żvilupp sostenibbli u sostnut. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jkun hemm innovazzjoni mhux biss fil-politiki ta’ appoġġ, iżda wkoll f’diversi politiki soċjali u regolatorji;
5. jirrimarka li wasal iż-żmien li tingħata spinta lill-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali u tinkiseb data ġdida dwarha, inkluż fil-livell lokali u reġjonali, kif ukoll li din id-data, l-aħjar Prattiki u inizjattivi eżistenti jiġu promossi fost udjenzi ġodda, inklużi ż-żgħażaġh;
6. jissuġġerixxi li jinħoloq osservatorju formali għall-ekonomija soċjali fl-Ewropa, li jista’ jinvolvi partijiet ikkonċernati differenti, jimmonitorja l-evoluzzjoni tas-settur tal-ekonomija soċjali u jissuġġerixxi inizjattivi biex jittejjeb il-qafas tal-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali li jipparteċipaw fil-kostruzzjoni konġunta tal-politika pubblika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;
7. isaħħaħ l-importanza ta’ ekosistemi vibranti tal-ekonomija soċjali li jistgħu jibnu fuq oqfsa legali ta’ appoġġ u politiki dwar il-finanzjament, it-tassazzjoni u l-akkwist pubbliku, iżda wkoll li tinħoloq struttura istituzzjonali li tinvolvi appoċċ ta’ sussidjarjetà bejn il-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern;
8. jisfida lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżviluppaw pjan konġunt għall-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, li jsarraf fil-prattika il-viżjoni tas-sussidjarjetà;
9. jenfasizza l-investment prijoritarju kemm fil-bini tal-kapaċità istituzzjonali kif ukoll fit-taħriġ tar-riżorsi umani, biex jissaħħu l-adattabbiltà u r-reżiljenza tas-settur;
10. jappoġġja t-tisħiħ tal-edukazzjoni u l-kampanji ta’ komunikazzjoni dwar l-intraprenditorija tal-ekonomija soċjali, inkluż dwar il-finanzjament u dwar l-appoġġ tal-UE disponibbli għas-settur. Dan għandu jitwettaq f’kooperazzjoni mal-livelli kollha tal-gvern u f’kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati relatati;
11. jappella għal “kunċett operattiv” tal-ekonomija soċjali, li jirrispetta d-diversità tas-sistemi diġà eżistenti u li jinkludi n-negozji kollha li jissodisfaw ċerti kriterji organizzattivi u operattivi, sabiex ma jiġux esklużi minn appoġġ kruċjali għall-iżvilupp ta’ dan is-settur. Dan jippermetti aktar koerenza u konverġenza fil-politiki fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku (il-kapaċità li wieħed jopera fil-livell transfruntier) u l-viżibbiltà tal-mudell tal-ekonomija soċjali;

## L-ekonomija soċjali fl-Ewropa u l-Istati Membri

12. jenfasizza l-hteġa li tiġi indirizzata d-diversità tad-definizzjonijiet u tal-oqfsa legali, kif ukoll il-metodi differenti tal-ġbir tad-data, li jagħmluha diffiċli li jkun hemm tqabbil fil-livell nazzjonali u reġjonali tal-piż u l-kontribut tas-settur;

13. itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex “tiżviluppa qafas legali Ewropew adatt għall-ekonomija soċjali, li jipprevedi definizzjoni komuni u l-organizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' intrapriżi li jissodisfaw ċerti kriterji organizzattivi u operattivi”<sup>(1)</sup>, sabiex ma jiġux esklużi minn appoġġ kruċjali għall-iżvilupp ta' dan is-settur;

14. ihegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jisfruttaw aħjar il-potenzjal tar-regoli attwali dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali biex isir użu sħiħ mill-possibbiltà li jiġu rikonoxxuti l-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jwettqu attivitajiet ekonomika bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali fejn rilevanti; jappella wkoll biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali bil-għan li jiġu żviluppati u mtejba s-servizzi pubbliċi billi jiġu involuti fil-ġestjoni ta' dawn is-servizzi;

15. jirrikonoxxi l-effett pożittiv tal-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali tal-UE u l-attivitajiet ta' segwitu tagħha fuq l-ambjenti operattivi regolatorji u istituzzjonali tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali, iżda jiddispaċiħ li l-punti ta' dħul uniċi u ċari fl-amministrazzjonijiet pubbliċi jeħtieġu li jiġu żviluppati aktar;

16. jappella lil-livelli kollha tal-gvern biex joħlqu strateġiji fit-tul u ffinanzjati tajjeb biex jippromovu l-ekonomija soċjali, żviluppati fi djalogu mas-settur u fkoerenza mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Soċjali u d-definizzjoni tiegħu tal-ekonomija soċjali;

17. jenfasizza li hemm bżonn li jinħolqu sistemi ta' appoġġ aktar informali u sempliċi għall-ekonomija soċjali, peress li — fejn jeżistu — dawn spiss ikunu formalizzati ħafna, u jgħabbu żżejjed lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali b'piż amministrattiv;

18. iqis Prattika tajba li l-Istati Membri jintroduċu uffiċjalment il-kunċett tal-ekonomija soċjali fil-lingwa pubblika, billi jadottaw definizzjoni li tirrifletti l-valuri u l-prinċipji ewlenin espressi fid-definizzjoni tal-UE;

19. jitlob in-nomina ta' “ambaxxaturi nazzjonali u reġjonali” biex l-ekonomija soċjali tagħti spinta lis-settur. Hemm bżonn li jiġu ffaċilitati l-esperimentazzjoni, il-pilotaġġ u l-bini tal-kapaċità fi ħdan l-ekonomija soċjali;

20. jenfasizza r-rwol tal-intraprenditorija soċjali u l-hteġa li tiġi promossa bħala alternattiva siewja kemm għan-negozju bi skop ta' qligħ kif ukoll għal dak mingħajr skop ta' qligħ; jenfasizza r-rwol u l-utilità ta' tali intraprenditorija biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali f'żoni żvantaġġati u inqas żviluppati, fl-impatt konsiderevoli li dawn l-istrutturi għandhom f'termini tal-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u l-eżodu rurali, u biex jitwettqu missjonijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ pubbliku;

21. jinsisti li jiġu implimentati strateġiji li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, fejn jiġi pprovdut appoġġ b'riżorsi u ħliet sabiex ikunu jistgħu jittrasformaw u jtejbu l-prestazzjoni tagħhom;

## Il-ħolqien tal-qafas it-tajjeb għall-ekonomija soċjali

22. jenfasizza l-urġenza li jiġu stabbiliti politiki u oqfsa legali moderni u effettivi tal-ekonomija soċjali li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi u s-swieq biex tinkiseb konverġenza 'l fuq bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri, u l-hteġa li jiġi mobilizzat finanzjament pubbliku u privat imfassal għall-ħtiġijiet tal-ekonomija soċjali; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-hteġa li jkun hemm oqfsa abilitanti biex is-settur jiżviluppa kooperazzjoni u internazzjonalizzazzjoni transfruntiera. F'dan il-kuntest, il-KtR jilqa' t-tħabbira mill-Kummissjoni li fl-2023 ser tiġi ppreżentata inizjattiva leġiżlattiva dwar statut għall-assoċjazzjonijiet transfruntiera u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ Ewropej;

23. jenfasizza l-ostakli addizzjonali li jipprevjenu lill-atturi tal-ekonomija soċjali milli joperaw b'mod transnazzjonali fis-suq uniku, li jirriżultaw mid-diversità — u xi drabi min-nuqqas tagħha — ta' oqfsa legali komprensivi li jkopru l-forom legali kollha fi ħdan l-ekonomija soċjali bħall-kooperattivi, il-kumpaniji proprjetà tal-ħaddiema, is-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali;

<sup>(1)</sup> ĠU C 440, 29.10.2021, p. 62.

24. iqis li l-ekonomija soċjali hija trasversali u għandha tiġi kkunsidrata f'diversi oqsma. Eżempju tajjeb ta' dan l-approċċ diversifikat ħafna huma l-politiki dwar is-suq intern u l-politika tal-intrapriżi, fejn l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju u n-negozji ġodda jistgħu jiġu meġhuna jikkbru, jespandu u b'hekk joħlqu l-impjegi u jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE;
25. jappella għall-integrazzjoni fi statut f'it jew wisq omoġenju fil-livell Ewropew tal-istatuti jew it-tikketti differenti li jeżistu fl-Istati Membri biex jikkarakterizzaw kumpaniji li għandhom skop ta' qligħ filwaqt li jkollhom impatt soċjali u ambjentali pożittiv;
26. jirrikonoxxi l-ħtieġa li tittejjeb id-data relatata mal-ekonomija soċjali, u jissuġġerixxi li l-UE tintroduċi indikaturi xierqa għall-evalwazzjoni tal-investimenti fl-ekonomija soċjali;
27. jenfasizza kif l-awtoritajiet pubbliċi u l-benefiċjarji jistgħu jibbenefikaw aħjar mill-possibiltajiet eżistenti offruti mill-flessibilità fir-rigward tal-ġhajjnuna mill-istat b'appoġġ għall-ekonomija soċjali;
28. jappella għall-promozzjoni ta' alleanzi u proċessi ta' ħidma konġunta bejn it-tielet settur, is-settur pubbliku u s-settur privat biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, ekonomiċi, edukattivi, ambjentali u ekoloġiċi billi jiġu pprovduti ħiliet, riżorsi u għarfien espert biex jintlaħaq għan komuni;

### **L-aħjar prattiki tar-rwol tal-gvernijiet lokali u reġjonali**

29. jinsisti fuq il-fatt li l-atturi fl-ekonomija soċjali għandhom ankraġġ lokali b'saħtu — u għalhekk għandhom potenzjal kbir biex jgħaqqu t-territorju b'mod koeżiv, inaqqsu l-inugwaljanzi, minn naħa, u jergħu jagħtu haġja lill-ekonomija, min-naħa l-oħra — u jappella lill-awtoritajiet nazzjonali jippermettu lill-entitajiet lokali u reġjonali jimplimentaw il-mezzi l-aktar adatti għall-kuntest lokali biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fit-territorju tagħhom. Jenfasizza għalhekk li l-bliet u r-reġjuni għandhom jingħataw skemi ta' finanzjament aċċessibbli, trasparenti, komparabbli u stabbli fir-rigward tal-ekonomija soċjali;
30. iqis li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom funzjoni ta' koordinazzjoni biex joħlqu pjattaformi ta' laqgħat reġjonali jew strutturi ta' kollaborazzjoni esterna għall-ekonomija soċjali. B'mod partikolari, għandhom jipromovu l-ħolqien ta' network pubbliku-privat li jappoġġja l-ħolqien u l-konsolidazzjoni tal-ekonomija soċjali fiż-żona, waqt li jiġu kkoordinati l-entitajiet pubbliċi u privati, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet edukattivi, ibbażati fl-istess żona u impenjati għall-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tagħhom. Funzjoni bħal din għandha tikkoordina wkoll l-iżvilupp u l-esperjenzi tal-iżvilupp tal-politika reġjonali u muniċipali fiż-żona;
31. jitlob il-parteċipazzjoni msaħħa tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi lokali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiżviluppaw proċessi u standards tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, filwaqt li jagħtu biżżejjed attenzjoni lill-atturi ekonomiċi li jippreżentaw perspettiva ta' inklużjoni soċjali u t-tħassib ambjentali;
32. jissuġġerixxi l-istituzzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmi reġjonali ta' djalogu u appoġġ bejn il-gvernijiet reġjonali u lokali u n-networks tal-ekonomija soċjali, biex jiġu diretti l-opportunitajiet finanzjarji, jiġu stabbiliti opportunitajiet ta' bini ta' kapaċità u entitajiet ta' appoġġ aħjar fuq il-post; għal dan l-għan, iqis li kull Stat Membru għandu jkollu ministeri/dipartimenti/aġenziji b'responsabbiltà deżinjata għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u mandat ċar biex jiġu segwiti suġġetti relatati;
33. jitlob l-istabbiliment ta' opportunitajiet ta' taħriġ u bini tal-kapaċità għall-entitajiet ekonomiċi u soċjali fil-livell lokali u reġjonali biex iċaqilqu u jespandu l-mudell tan-negozju tagħhom lejn reżiljenza, awtonomija u attraenza akbar tal-karrieri fl-ekonomija soċjali. Għalhekk, jitlob li t-taħriġ speċjalizzat dwar l-intraprenditorija soċjali jiġi inkluż fid-diversi stadji tal-edukazzjoni formali u t-taħriġ vokazzjonali, fl-universitajiet, u fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;
34. jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa u msaħħa bejn il-livelli lokali u reġjonali tal-gvern, kemm fl-istess Stat Membru kif ukoll madwar l-UE fir-rigward tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali;
35. jissuġġerixxi approċċ ta' mentoraġġ permezz ta' ġemellaġġ bejn territorji diġà esperjenzati fl-iżvilupp ta' ekosistemi lokali u reġjonali u oqfsa legali relatati għall-ekonomija soċjali u dawk li ma għandhom l-ebda esperjenza jew inqas esperjenza;
36. iħeġġeġ l-iżvilupp kontinwu tal-għarfien u l-koordinazzjoni bejn il-muniċipalitajiet u r-reġjuni anke fi ħdan l-Istati Membri fir-rigward tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali. Strateġiji nazzjonali jistgħu jipromovu din il-kooperazzjoni — anke permezz tal-promozzjoni ta' azzjonijiet relatati fin-networks eżistenti tal-awtoritajiet lokali u r-reġjuni fil-livell nazzjonali;

37. jirrakkomanda r-rwol tal-intraprenditorija soċjali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-ekonomija lejn mudell aktar sostenibbli mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali. Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom isibu mezzi biex iżidu l-attrazzjoni tar-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali, pereżempju permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni mifruxa, it-tisħiħ tal-aċċess tal-atturi tal-ekonomija soċjali għall-kuntratti pubbliċi, u permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat;

38. jappella biex jiġi stabbilit it-titolu uffiċjali ta' Kapitali Ewropea tal-Ekonomija Soċjali;

39. jappoġġja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri tal-UE jqisu l-perspettivi lokali u reġjonali kif ukoll it-tixrid ta' inizzjattivi pilota ta' suċċess u prattiki tajba mmexxija mill-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali fi ħdan ir-rakkomandazzjonijiet tal-gvern, u li tiġi promossa r-replikazzjoni tagħhom permezz tan-networks tal-ekonomija soċjali u l-komunikazzjoni pubblika. Dan jista' jsir permezz ta' pjattaforma ġdida ddedikata speċifikament għall-ekonomija soċjali, bil-parteċipazzjoni attiva tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u b'ħidma flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

40. jipproponi t-titjib tal-aċċess tal-gvernijiet lokali u reġjonali għall-informazzjoni dwar il-fondi u l-programmi Ewropej, bħall-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej, u t-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-UE u l-livelli lokali/reġjonali, kif ukoll it-titjib tal-għarfien dwar ir-rwol tas-settur tal-ekonomija soċjali fil-komunitajiet lokali u reġjonali;

#### **Finanzjament, tassazzjoni u aċċess aħjar għas-swieq**

41. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE, li jiġbor inventarju tal-politiki pubbliċi u l-finanzjament għas-settur, u l-proposta tagħha biex tiżied id-disponibbiltà tal-finanzjament pubbliku;

42. jidentifika n-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi bħala wieħed mill-ostakli ewlenin li jipprevjenu l-intraprenditorija soċjali milli tiffjorixxi. Għalhekk huwa importanti li jitrawmu sinerġiji fost l-istrumenti ta' finanzjament u li jkomplu jiġu mobilizzati l-finanzjament privat, il-kapital paċenzjuż u l-appoġġ konsultattiv, imfassla għall-ħtieġijiet tal-intrapriżi soċjali u tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

43. jappella wkoll li jiġi esplorat il-potenzjal tal-ekonomija soċjali fl-oqsma tat-taħriġ vokazzjonali, l-universitajiet u l-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-politiki dwar l-impjieġ attiv, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tappoġġja t-taħriġ u l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja tal-ħaddiema tal-ekonomija soċjali f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, it-tmexxija parteċipattiva, ir-reżiljenza u t-tranżizzjoni ekoloġika, sabiex tappoġġjahom biex jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali;

44. iqis li b'mod komplementari għat-tassonomija ekoloġika bħala kontribut għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta b'mod urġenti biex tistabbilixxi tassonomija soċjali. Tassonomija soċjali tipprovdi lill-investituri u intrapriżi potenzjali bi gwida ċara dwar x'jista' jinftiehem bħala "investiment soċjali". In-nuqqas ta' tassonomija soċjali attwalment ixekkel l-investimenti privati possibbli fl-ekonomija soċjali;

45. jipproponi t-tnaqqis tal-ostakli li jipprevjenu lill-atturi tal-ekonomija soċjali milli jaċċessaw fondi nazzjonali u tal-UE, u adattament aħjar għar-realtajiet lokali. Pereżempju, il-programmi ta' appoġġ finanzjarju tal-UE u nazzjonali għandhom jiffasslu skont il-ħtieġijiet u l-kuntesti territorjali speċifiċi u għandhom ikunu wkoll sistema sigura u prevedibbli ta' finanzjament tas-servizzi soċjali mil-livell ċentrali għall-awtoritajiet lokali. Eżempju tajjeb kien il-fondi għall-innovazzjoni soċjali promossi fl-aħħar baġit Ewropew, li għenu biex jitfaċċaw proġetti soċjali ġodda madwar l-Istati Membri kollha;

46. jilqa' l-progressi fil-politika ta' koeżjoni maħluqa minn NextGenerationEU fir-rigward tal-ekonomija soċjali u l-opportunitajiet ġodda pprovduti. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa li l-bliet u r-reġjuni jkollhom aċċess dirett għal dawn il-fondi;

47. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żvilupp qafas fiskali għall-ekonomija soċjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri li jindirizza l-kompetizzjoni inġusta marbuta mal-fatt li l-atturi tal-ekonomija soċjali jiddependu prinċipalment mill-fondi tagħhom stess;

48. ihegġegħ lill-Istati Membri jimobilizzaw riżorsi mill-finanzjament tal-UE, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jistabbilixxu, bl-għajjnuna ta' InvestEU, "Fond ta' garanzija għall-entitajiet żgħar u medji tal-ekonomija soċjali";

49. iħeġġeġ politika tat-tassazzjoni li tirrikonoxxi funzjonijiet li huma fl-interess ġenerali. Pereżempju: l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tat-taxxa reali għall-appoġġ tas-settur tal-ekonomija soċjali (konċessjonijiet, eżenzjonijiet, kemm fil-livell tat-taxxa fuq l-introjt kif ukoll tal-VAT), it-titjib tal-benefiċċji finanzjarji li wieħed ikun entità tal-ekonomija soċjali jew intrapriża soċjali (kemm direttament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali kif ukoll għal persuni/kumpaniji li jużaw servizzi jew jixtru ċerti oġġetti minn entitajiet tal-ekonomija soċjali). Il-KtR għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lid-dispożizzjonijiet fiskali għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-inizjattiva leġiżlattiva BEFIT (L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt);
50. iqis urġenti l-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali ta' benefiċċju għas-settur tal-ekonomija soċjali, u l-garanzija ta' benefiċċji fiskali aħjar (is-sigurtà soċjali, it-taxxa fuq l-introjt personali) fir-reklutaġġ ta' persuni f'sitwazzjonijiet u/jew friskju ta' vulnerabbiltà, b'appoġġ partikolari għall-mudelli ta' negozju li l-iżjed li jimpjegaw lil dawn il-persuni (ċentri speċjali tal-impjeg u intrapriżi ta' integrazzjoni);
51. jappoġġja r-riżerva u l-istandardizzazzjoni tal-kundizzjonijiet biex jiġi ggarantit l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-adulti b'xi tip ta' diżabbiltà konjittiva: ir-Regolament attwali (kwota ta' riżerva ta' 2 %) mhuwiex biżżejjed u mhux issodisfat f'ħaqqa każijiet. Għandhom jitwettqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati dwar dan is-suġġett;
52. iqis li hemm hteġġa speċjali għall-ħolqien ta' regolamentazzjoni aħjar u sempliċi biex jingħata aċċess għall-kreditu lill-intrapriżi soċjali;
53. jappella biex ikun hemm politiki li jipromovu l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u l-inklużjoni ta' rekwiżiti soċjali fis-sejthiet għall-offerti bħala mezz biex jgħinu fl-iżvilupp tas-settur tal-ekonomija soċjali;
54. jitlob li jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-ekonomija soċjali għall-akkwist pubbliku bl-użu ta' opportunitajiet diġà pprovduti mid-Direttiva Ewropea dwar l-Akkwist Pubbliku, u li jiġi promoss il-bini tal-kapaċità kemm fir-rigward tal-impjegati taċ-ċivil kif ukoll fir-rigward tal-ekonomija soċjali;
55. jitlob regoli aktar ċari dwar l-għajjnuna mill-istat lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u li jiddivrenzjawhom minn tipi oħra ta' kumpaniji. Bl-istess mod, l-ekonomija soċjali għandha tiġi ttrattata b'mod differenti fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna mill-istat mas-suq uniku, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ikun importanti li jkun hemm reġim speċifiku ta' għajjnuna mill-istat għall-atturi u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali attivi fis-settur soċjali, meta dawn jaġixxu fejn ikun hemm falliment tas-suq. Pereżempju, fi Franza hemm fond ta' tfaddil li jiġi kkonvertit f'investiment fl-ekonomija soċjali (10 %). Il-pajjiż għandu wkoll tikketta għal kumpaniji ekoloġiċi u innovattivi ħafna li jissodisfaw funzjoni soċjali, li tagħti benefiċċji tat-taxxa lill-investituri, peress li dawn huma kumpaniji bi profittabbiltà aktar baxxa;
56. jiddefendi l-idea li l-qafas legali Ewropew għandu jippermetti lill-intrapriżi soċjali rikonoxxuti jaċċessaw is-swieq pubbliċi Ewropej mingħajr ma jkun f'kompetizzjoni ma' intrapriżi konvenzjonali, peress li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali jew iwettqu missjonijiet ta' servizz pubbliku filwaqt li jingħataw mandat mill-gvern. Dan jista' jkun ta' vantaġġ għall-awtoritajiet pubbliċi li jistabbilixxu qafas legali għall-ekonomija soċjali li jinvolvi sistema ta' approvazzjoni u finanzjament.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-“Istrateġija Ewropea għall-Kura”**

(2023/C 157/06)

<b>Relatur:</b>	Heinrich DORNER (AT/PSE), Membru tal-Gvern Reġjonali ta' Burgenland
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura COM(2022) 440 final

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

**Prijoritajiet politiċi**

1. jirrikonoxxi li s-servizzi tal-kura ta' kwalità tajba huma meħtieġa kemm fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, biex jiġi żgurat li t-tfal jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-ħiliet konjittivi, lingwistiċi u fiżiċi tagħhom, jgħixu ħajja sana u attiva u ma jkunux esposti għall-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll fil-qasam tal-kura fit-tul, sabiex il-persuni akbar fl-età u/jew il-persuni b'diżabilità jħossuhom kunfidenti jżommu l-awtonomija tagħhom u jgħixu b'dinjità. Barra minn hekk, dawn jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku u ż-żieda esponenzjali fid-domanda għal servizzi tal-kura. L-intervent bikri, il-promozzjoni adegwata tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard jistgħu jappoġġjaw ħajja indipendenti, sana u attiva itwal u jittardjaw il-bżonn għall-kura;
2. huwa tal-fehma li s-servizzi tal-kura ta' kwalità għolja jridu jkunu affordabbli, aċċessibbli, u disponibbli sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u biex tippermetti lill-persuni akbar fl-età u/jew lill-persuni b'diżabilità jgħixu ħajja indipendenti u, fl-istess ħin, biex jiġu appoġġjati l-familji u/jew jittaffa l-piż minn fuq qrabathom;
3. josserva li l-indoktraturi mhux dejjem ikunu apprezzati kif imiss u, f'ċerti oqsma, ħafna drabi, dan jiġi rifless f'pagi baxxi, livell edukattiv baxx, prospetti baxxi ta' avvanz fil-karriera, nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ, nuqqas ta' appoġġ psikoloġiku u kura, u xi kultant nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg;
4. jenfasizza li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat min-nuqqas ta' servizzi tal-kura, peress li l-parti l-kbira tar-responsabbiltajiet addizzjonali jew informali tal-kura għadhom qed jiġu fdati lilhom, u dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jsibu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata u li jsibu impjieg bi ħlas. In-nisa jirrappreżentaw 90 % tal-indoktraturi formali, b'impjiegi li ħafna drabi għadhom imħallsin ħażin u mhumiex siguri. 92 % tan-nisa fl-UE jipprovdu servizzi tal-kura b'mod regolari mingħajr ħlas, jiġifieri aktar minn jum fil-ġimgħa, u 81 % jagħmlu dan kuljum. In-nisa fl-Ewropa li huma mingħajr impjieg bi ħlas minħabba responsabbiltajiet ta' indukrar jammontaw għal 7,7 miljun ruħ<sup>(1)</sup>;
5. jinnota li f'ħafna pajjiżi s-sistemi tal-indukrar setgħu jadattaw malajr u jkomplu jipprovdu kura tajba matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-istess ħin, il-pandemija xeħtet dawl fuq ċertu nuqqas ta' reżiljenza tas-sistemi tal-indukrar, u l-KtR jenfasizza li kemm l-impjiegi kif ukoll il-kontinwità tal-kura jistgħu jiġu ssalvagwardjati billi jiġu stabbiliti strutturi tal-impjegaturi reżiljenti għall-kriżijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrutturi tas-sjieda u l-użu tal-profitti ġenerati;
6. jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' indoktraturi tas-sengħa fl-Ewropa kollha u l-effetti soċjali estensivi tiegħu, b'mod partikolari f'żoni milquta minn depopolazzjoni jew reġjuni li għadhom lura, fejn il-kura għall-anzjani u l-persuni dipendenti hija inqas aċċessibbli, għall-potenzjal enormi tas-settur tal-kura għas-suq tax-xogħol u, f'dan il-kuntest, għall-fatt li, potenzjalment, tmien miljun impjieg se jsiru disponibbli fis-settur tas-saħħa u s-servizzi soċjali matul l-għaxar snin li ġejjin<sup>(2)</sup>;

<sup>(1)</sup> COM(2022) 440 final.<sup>(2)</sup> COM(2021) 50 final.

## Prinċipji

7. jirrikonoxxi l-prinċipju 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jinkludi d-dritt tal-ġenituri u tal-persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar li jkollhom ħin liberu adegwat u ħinijiet tax-xogħol flessibbli kif ukoll aċċess għal servizzi tal-kura;
8. jirrikonoxxi l-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jinkludi d-dritt tat-tfal għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal li jkunu ta' kwalità tajba u affordabbli;
9. jirrikonoxxi l-prinċipju 17 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dritt minqux fih għall-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità u d-dritt tagħhom għal appoġġ għall-introjt, għal ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom u għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà;
10. jirrikonoxxi l-prinċipju 18 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jinkludi d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità tajba, b'mod partikolari l-kura fid-djar u kura bbażata fil-komunità;
11. jirrikonoxxi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li tistabbilixxi d-dritt tal-persuni akbar fl-età li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali;
12. jirrikonoxxi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE <sup>(3)</sup>, li tistabbilixxi d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità;
13. jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx u ma implimentawx il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO biex dan jagħmluh, partikolarment Nru 189 fir-rigward tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi, Nru 190 dwar il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol u Nru 149 dwar il-persunal tal-infermiera;
14. jappoġġja l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-obbligu stabbilit fiha li jiġi promoss it-taħriġ tal-professjonisti u l-persunal li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità fir-rigward tad-drittijiet rikonoxxuti fil-Konvenzjoni sabiex jiġu pprovduti aħjar l-assistenza u s-servizzi garantiti minn dawn id-drittijiet;
15. jimpenja ruħu fil-konfront tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u d-dritt minqux fiha li l-persuni b'diżabilità jingħataw aċċess għal varjetà ta' servizzi ta' kura fid-djar, servizzi residenzjali u servizzi oħra biex jiġu ffaċilitati l-istil ta' ħajja tagħhom u l-inklużjoni tagħhom fil-komunità;

## Kummenti ġenerali

16. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, il-Kummissjoni tindirizza wkoll il-problemi li ġew identifikati f'Opinjoni <sup>(4)</sup> fuq inizjattiva proprja preċedenti tal-KtR dwar it-tema tal-kura u, f'xi każijiet, is-soluzzjonijiet proposti, bħall-istabbiliment ta' sistema effiċjenti ta' għbir komprensiv u l-evalwazzjoni tad-data; jiġbed l-attenzjoni sabiex tiġi attivata sistema ta' interoperabbiltà bejn is-setturi (b'mod partikolari bejn is-setturi tas-saħħa u dawk soċjali);
17. jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġija komuni, kondiviża bejn l-awtoritajiet lokali u reġionali Ewropej kollha responsabbli għas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, u l-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, biex jipprovdu kura fit-tul aċċessibbli li tissodisfa l-ħtiġijiet kemm ta' dawk li jeħtieġu l-kura kif ukoll dawk li jagħtuha, u biex tiġi żgurata kura tat-tfal ta' kwalità tajba, affordabbli u aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea kollha. Din l-istrateġija għandha għalhekk tiġi integrata wkoll fil-proċess tas-Semestru Ewropew. B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, strateġija bħal din trid tibda mill-prinċipju li l-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal huma organizzati b'modi differenti fl-Istati Membri differenti;
18. iqis li l-Istrateġija Ewropea għall-Kura hija l-ewwel pass importanti u pożittiv lejn il-kisba tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u t-titjib tas-sistema tal-kura fl-Ewropa, bil-potenzjal li tikkontribwixxi għat-titjib tal-kura fit-tul u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u biex tingħata spinta lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġustizzja soċjali fis-sistemi tal-kura;
19. jirrikonoxxi li s-servizzi soċjali bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul huma parti minn settur importanti tal-ekonomija li jkopri l-ħtiġijiet tal-kura, joħloq l-impjiegi, jgħin biex jiġu evitati l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u għalhekk għandu diversi benefiċċji għas-soċjetà;

<sup>(3)</sup> Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389).

<sup>(4)</sup> L-Opinjoni tal-KtR dwar *Pjan għall-futur għall-ħaddiema fis-setturi tal-kura u l-indukrar — Sfida Ewropea u opportunitajiet lokali u reġionali* (ĠU C 440, 29.10.2021, p. 56).

20. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tikkoordina u taġixxi b'mod konġunt fi kwistjonijiet ta' kura fit-tul u kura tat-tfal, b'miżuri ta' appoġġ (b'hat-tħejjija ta' analiżijiet konġunti, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-appoġġ għal riformi u investimenti bl-użu ta' fondi tal-UE) fil-livell tal-UE u l-oqfsa ta' politika għar-riformi u l-investiment fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; Il-KtR jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiggwida l-investimenti pubbliċi fis-servizzi tal-kura fit-tul fir-rigward tal-użu tal-programmi u l-istrumenti finanzjarji tal-UE; anke l-komplementarjetà bejn il-fondi tal-UE tad-diversi programmi qed issir neċessarja, sabiex jiġi żgurat impatt massimu;

21. iqis li b'mod komplementari għat-tassonomija ekoloġika bħala kontribut għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta b'mod urġenti biex tistabbilixxi tassonomija soċjali. Tassonomija soċjali tipprovdi lill-investituri u intrapriżi potenzjali bi gwida ċara dwar x'jista' jinftehem bħala "investment soċjali". In-nuqqas ta' tassonomija soċjali bħalissa jimpedixxi l-investimenti privati possibbli fil-kura tas-saħħa u fis-servizzi soċjali;

22. jisħaq li taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, 33 % tan-nefqa soċjali ppjanata fil-25 pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill s'issa huma ddedikati għas-saħħa u l-kura fit-tul (madwar EUR 45 biljun), 33 % oħra għall-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal (EUR 45,7 biljun), u 14 % għall-politiki soċjali (EUR 19,7 biljun);

23. iqis il-ħolqien ta' servizzi tal-kura affordabbli, aktar aċċessibbli, disponibbli u ta' kwalità tajba bħala pass importanti lejn il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u b'hekk lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; huwa importanti li jitwettqu analiżijiet tas-servizzi eżistenti, jiġu identifikati l-komplementarjetajiet u jitnaqqas it-trikkib jew duplikazzjoni sabiex jitwasslu r-riżorsi u jiġi promoss il-valur miżjud tal-multiprofessjonalizmu;

24. jenfasizza l-importanza tal-SMEs lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bħala fornituri tas-servizzi tal-kura. Jirrimarka għal dan il-għan li s-swieq lokali u reġjonali għas-servizzi tal-kura għandhom jippermettu lill-SMEs u lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jikkompetu ma' fornituri akbar tas-servizzi fuq termini ugwali. L-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaħdmu biex jawtonomizzaw għadd kbir ta' fornituri tas-servizzi u jrawmu swieq lokali u reġjonali li jiffunzjonaw tajjeb dwar is-servizzi tal-kura. Fil-qafas tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, il-Kumitat jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jikkunsidraw, fil-kapaċità tagħhom bħala xerrejja pubbliċi, l-impatt soċjali lokali/reġjonali tal-metodi ta' produzzjoni, kisba u forniture tas-servizzi;

### **Osservazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal**

25. iqis ir-reviżjoni proposta tal-għanijiet ta' Barcellona bħala għodda utli għal aċċess aktar usa' għall-kura tat-tfal u jenfasizza l-komplementarjetà tagħha mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>(?)</sup>. Fir-rigward tal-prospetti futuri tat-tfal, huwa fl-aħjar interess tagħhom li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali;

26. jemmen li l-inklużjoni tal-ħin iddedikat għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fil-valutazzjoni tal-progress fil-forniment tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fl-Istati Membri hija żieda utli peress li tippermetti valutazzjoni aktar preċiża tal-progress ta' kull Stat Membru;

27. jagħraf li fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-reputazzjoni u r-rimunerazzjoni ta' dawk li jindukraw, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwu tagħhom, huma ta' importanza kruċjali sabiex tiġi żgurata l-aħjar kura possibbli minn persunal kwalifikat u b'hekk jinkisbu riżultati aħjar ta' żvilupp għat-tfal kollha;

### **Osservazzjonijiet dwar il-kura fit-tul**

28. jenfasizza li l-attrawenza tal-professjonijiet tal-kura hija marbuta mill-qrib mat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, pagi adegwati, l-edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali, u opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li l-2023 se tkun is-Sena Ewropea tal-Ħiliet;

(?) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).



29. jirrikonoxxi l-importanza ta' rappreżentanza b'saħħha tal-impjegati kemm fit-titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tas-servizzi tal-kura kif ukoll fid-djalogu soċjali bħala komponent fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew. Jilqa' f'dan il-kuntest li f'Jannar 2023 il-Kummissjoni Ewropea ħabbret it-twaqqif ta' djalogu soċjali settorjali ġdid għas-servizzi soċjali fil-livell tal-UE, inkluż is-sottosettur tas-servizzi tal-kura, li fih ir-rappreżentanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kapaċità tagħhom ta' impjegaturi fis-settur pubbliku se tkun garantita wkoll;

30. jilqa' l-prinċipji ta' kwalità għall-fornituri kollha tal-kura fit-tul stipulati fil-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità tajba u jenfasizza li fil-futur, is-settur tal-kura fit-tul għandu jiġi ddeterminat minn investimenti regolari f'miżuri li jsaħħu l-kwalità u minn persunal bi kwalifiki għoljin, aktar milli mill-ġenerazzjoni ta' profitti. F'dan l-isfond, il-KtR jappoġġja t-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni biex tippreżenta direttiva qafas dwar il-kura fit-tul, formali u informali li tistabbilixxi prinċipji fundamentali u tipprovdi kriterji bbażati fuq l-evidenza għal servizzi ta' kura u appoġġ fit-tul aċċessibbli u integrati fl-UE kollha <sup>(6)</sup>;

31. jenfasizza li, b'rabta mat-talba li saret lill-Istati Membri biex jiżviluppaw qafas ta' kwalità għas-servizzi tal-kura fit-tul (paragrafu 6 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill <sup>(7)</sup>), ħafna drabi s-sistemi biex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura diġà jeżistu fil-livell nazzjonali jew reġjonali, u għalhekk għandhom jitqiesu b'mod adegwat, anke biex jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

32. iqis l-investment fil-kura bħala parti minn approċċ komprensiv li ma jsegwix biss objettivi ta' politika soċjali, iżda jkis ukoll l-investment fil-kura bħala inċentiv ekonomiku pożittiv;

33. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ psikoloġiku ta' dawk li jipprovdu servizzi ta' kura;

#### **Rakkomandazzjonijiet għall-qasam tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal**

34. iħeġġeġ il-ġbir standardizzat tad-data fil-livell lokali u reġjonali u s-sostenn ta' Prattiki tat-tagħlim reċiproku biex jipprovdu bażi għal appoġġ immirat għar-reġjuni, jippermettu li jsiru paraguni fl-Ewropa kollha fil-livell lokali u reġjonali u jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-indukrar tat-tfal;

35. jirrakkomanda li jiżdied u jiġi estiż l-appoġġ finanzjarju għall-istabbiliment u l-manutenzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal sabiex jiġu indirizzati r-rati differenti ta' żvilupp fir-reġjuni u fil-bliet tal-Unjoni Ewropea;

36. jirrakkomanda li tiġi estiża l-offerta ta' servizzi personalizzati disponibbli b'mod li jiġu inklużi dawk is-servizzi li l-iżjed hemm domanda għalihom u li jiffaċilitaw l-għajxien indipendenti, bħall-assistenza personali jew il-kura fid-djar;

37. jemmen li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-prestiġju, u l-iżgurar ta' paga adegwata, għall-persunal tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huwa parti integrali mill-implimentazzjoni tal-istrategġja tal-kura;

38. jenfasizza l-importanza li jiġu eliminati d-distakki bejn it-tmiejn ta' liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-ġenituri mħallas jew rimborżat b'mod adegwat u l-bidu tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal; għal dak il-għan, jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' intitolament legali għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;

#### **Rakkomandazzjonijiet għall-qasam tal-kura fit-tul**

39. jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat jekk hemmx bżonn ta' strumenti u/jew liġijiet vinkolanti u għaldaqstant, iż-żieda fil-fondi ta' koeżjoni sabiex jiġi żgurat aċċess universali, ugwali u effettiv għal servizzi ta' kura ta' kwalità għolja għall-persuni kollha fil-bżonn fl-Ewropa kollha, jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u tajbin għas-saħħa, appoġġ professjonali u pagi deċenti għall-indoktraturi kollha, jiġu ssalvagwardjati l-impjegati ta' kwalità tajba u tiżdied l-attrazzjoni tax-xogħol fis-settur tal-kura, b'mod li jirrifletti l-valur soċjali u soċjetali tax-xogħol tagħhom;

40. jirrakkomanda li jiżdied u jiġi estiż l-appoġġ finanzjarju għall-istabbiliment u l-manutenzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tal-anzjani sabiex jiġu indirizzati r-rati differenti ta' żvilupp fir-reġjuni u fil-bliet tal-Unjoni Ewropea;

<sup>(6)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura (2021/2253(INI)) (ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30), il-punt 61.

<sup>(7)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1).

41. jirrakkomanda li titfassal strateġija komprensiva dwar id-domanda futura għal ħaddiema tas-sengħa fl-UE, b'mod partikolari bil-għan li jitnaqqas l-eżodu ta' mħuħ fil-blokk għal livell maniġġabbli għar-reġjuni kkonċernati, u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għax-xogħol tal-indoktraturi u l-ħaddiema domestiċi minn pajjiżi terzi;
42. jipproponi wkoll li jiġu stabbiliti objettivi u indikaturi simili għall-objettivi ta' Barċellona fil-qasam tal-kura fit-tul u li tinġabar data korrispondenti fil-livell lokali u reġjonali sabiex tinħoloq bażi għal appoġġ immirat għar-reġjuni u jkun jista' jsir tqabbil fl-Ewropa kollha fil-livell lokali u reġjonali;
43. huwa favur il-ħatra ta' koordinaturi nazzjonali tal-kura fit-tul jew, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, mekkaniżmu ta' koordinazzjoni adegwat ieħor biex iservi bħala punt uniku ta' kuntatt biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-miżuri;
44. iqis li huwa importanti li jiġi rrikonoxxut ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tat-tixjij attiv f'oqsma oħra tal-ħajja bħall-inklużjoni soċjali u s-sħubija fil-komunità, l-aċċess għall-kultura, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni; aħna u nibnu (fuq) il-bażi tas-sħubija dwar it-tixjij attiv u b'saħħtu, huwa importanti li nsaħħu l-ekosistemi reġjonali u lokali li jiżguraw kontribut mill-politiki u s-setturi ewlenin kollha;
45. jappella għal kampanja fl-Ewropa kollha biex il-professjonijiet tal-kura jsiru aktar attraenti u biex jinħoloq bilanċ bejn il-ġeneri fis-setturi okkupazzjonali rilevanti.

Brussell, id-9 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Introjtu minimu adegwat għall-inklużjoni soċjali: il-perspettiva lokali u reġjonali”**

(2023/C 157/07)

<b>Relatur:</b>	Anna KARJALAINEN (FI/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta’ Kerava
<b>Dokument ta’ referenza:</b>	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva COM(2022) 490 final

**I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

**Emenda 1**

Punt 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-inċentivi għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu, l-appoġġ għall-introjtu għandu gradwalment iżid l-introjtu ta’ persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, għal livell li jkun <b>tal-anqas ekwivalenti</b> għal wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) is-soll nazzjonali tar-riskju ta’ faqar; jew</p> <p>(b) il-valur fi flus tal-oġġetti <b>u tas-servizzi</b> neċessarji, inklużi nutrizzjoni adegwata, <b>l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa</b> u s-servizzi essenzjali, skont <b>id</b>-definizzjonijiet nazzjonali; jew</p> <p>(c) livelli oħrajn komparabbli mal-livelli msemmijin fil-punt (a) jew (b), stabbiliti fid-dritt nazzjonali jew mill-prattika nazzjonali.</p>	<p>Filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-inċentivi għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu, <b>sabiex il-persuni tassew jinħarġu mill-faqar jew mir-riskju ta’ faqar</b>, l-appoġġ għall-introjtu għandu gradwalment iżid l-introjtu ta’ persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, għal livell li jkun <b>superjuri</b> għal wieħed minn dawn <b>l-elementi</b> li ġejjin:</p> <p>(a) is-soll nazzjonali tar-riskju ta’ faqar; jew</p> <p>(b) il-valur fi flus tal-oġġetti neċessarji, inklużi nutrizzjoni adegwata, u servizzi <b>ta’ sostenn u dawk</b> essenzjali, skont <b>id-definizzjonijiet msemmija fil-punt (2) u kkomplementati mid</b>-definizzjonijiet nazzjonali; jew</p> <p>(c) livelli oħrajn komparabbli mal-livelli msemmijin fil-punt (a) jew (b), stabbiliti fid-dritt nazzjonali jew mill-prattika nazzjonali.</p>

**Raġuni**

Sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija, l-appoġġ għall-introjtu għandu jżid l-introjtu tal-persuni li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi l fuq mis-soll tal-faqar, inkella l-mira ma tintlaħaqx.

Barra minn hekk, id-definizzjonijiet nazzjonali ta’ servizzi “ta’ sostenn” u “essenzjali” għandhom japplikaw biss meta jkopru aktar servizzi minn dawk inklużi fid-definizzjonijiet proposti fir-Rakkomandazzjoni attwali.

**Emenda 2**

Punt 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri huma rakkomandati jiksbu l-livell adegwat ta’ appoġġ għall-introjtu previst fil-paragrafu (5) sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru <b>2030</b>, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.</p>	<p>L-Istati Membri huma rakkomandati jiksbu l-livell adegwat ta’ appoġġ għall-introjtu previst fil-paragrafu (5) sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru <b>2027</b>, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.</p>

**Raġuni**

L-iskeda ta' żmien għall-Istati Membri biex jiksbu livell adegwat ta' appoġġ għall-introjt għandha tkun iqsar sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-evalwazzjoni tal-impatt ta' din il-politika fuq it-tnaqqis tal-faqar, u biex eventwalment terġa' tiġi rieżaminata l-proposta bil-għan li tittejjeb l-effettività tagħha.

**Emenda 3**

## Punt 9(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u mhux diskriminatorji, li jissalvagwardjaw l-aċċess effettiv għall-introjt minimu għall-adulti żgħażaġh u irrispettivament mill-eżistenza ta' indirizz permanenti, filwaqt li jiġi żgurat li t-tul tar-residenza legali <b>jkun proporzjonat</b> ;	kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u mhux diskriminatorji, li jissalvagwardjaw l-aċċess effettiv għall-introjt minimu għall-adulti żgħażaġh u irrispettivament mill-eżistenza ta' indirizz permanenti, filwaqt li jiġi żgurat li t-tul tar-residenza legali <b>ma jaqbiżx il-5 snin ta' soġġorn legali bla interruzzjoni meħtieġ sabiex jinkiseb l-istatus ta' resident għal żmien twil</b> ;

**Raġuni**

Diverġenzi kbar fir-rekwiżiti relatati mat-tul minimu tar-residenza legali huma rikonoxxuti bħala ostakli sinifikanti għall-aċċess għall-introjt minimu għall-barranin. Għalhekk, ir-razzjonalizzazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti hija ta' importanza kbira.

**Emenda 4**

## Punt 10(d)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
teħid ta' passi sabiex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u l-preġudizzju <b>inkonsapevoli</b> marbut mal-faqar u mal-esklużjoni soċjali;	teħid ta' passi sabiex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u l-preġudizzju <b>marbuta</b> mal-faqar u mal-esklużjoni soċjali;

**Raġuni**

Il-preġudizzju marbut mal-faqar u l-esklużjoni soċjali għandu jiġi miġġieled irrispettivament minn jekk huwiex preġudizzju konsapevoli jew inkonsapevoli.

**Emenda 5**

## Punt 16(e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
tagħmel rendikont tal-azzjonijiet meħudin b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-impatt tagħha fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, taż-żieda fil-livelli ta' impjeg u tat-titjib tal-parteċipazzjoni fit-taħriġ, u tirrapporta lill-Kunsill <b>sal-2032</b> .	tagħmel rendikont tal-azzjonijiet meħudin b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-impatt tagħha fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, taż-żieda fil-livelli ta' impjeg u tat-titjib tal-parteċipazzjoni fit-taħriġ, u tirrapporta lill-Kunsill <b>kull erba' snin, b'rapport finali sal-2030</b> .

**Raġuni**

Aġġustament tal-iskeda ta' żmien għall-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Kunsill dwar l-iskadenza biex jintlaħqu l-miri ewlenin tas-Summit Soċjali ta' Porto.

## II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

### IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

1. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar azzjoni biex jiġi miġġieled il-faqar madwar l-Unjoni Ewropea, li teħtieġ enfasi fuq il-kawżi ewlenin tal-faqar u miżuri effettivi biex dan jiġi miġġieled u evitat. F'dan ir-rigward, l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ għall-introjtu u s-servizzi ta' sostenn relatati jipprovdu bażi fundamentali biex jiġi żgurati li n-nies ikunu jistgħu jgħixu b'dinjità;
2. jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex tintlaħaq il-mira tal-2030 li jitnaqqas l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar u titnaqqas l-esklużjoni soċjali. Fil-passat <sup>(1)</sup>, il-KtR enfasisza l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni adegwata biex jiġi ggarantit introjtu minimu tal-inqas ogħla mil-livell limitu tal-faqar;
3. jinsisti li din ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-implimentazzjoni sħiħa u rapida tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati. F'dan ir-rigward jirrimarka li, għalkemm ir-Rakkomandazzjoni hija l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba, ir-rikonoxximent tal-ħtieġa urġenti għal azzjoni biex jiġi ggarantit introjtu minimu fl-UE jitlob aktar riflessjoni dwar l-aktar qafas regolatorju effettiv biex tiġi implimentata tali azzjoni fil-livell Ewropew;
4. jissottolinja l-appoġġ pubbliku ċar għal Ewropa soċjali <sup>(2)</sup> u qafas komuni ta' introjtu minimu, kif deskritt fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa <sup>(3)</sup>;
5. minkejja l-isforzi, il-faqar u l-esklużjoni soċjali komplew jaggravaw, u fl-2021, aktar minn 90 miljun Ewropew kienu friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. L-urġenza tas-sitwazzjoni teħtieġ skeda ta' żmien aktar stretta għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, u għalhekk il-KtR jipproponi li din titressaq 'il quddiem għall-2027. Il-KtR jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti ħarsa aktar mill-qrib fl-2027 lejn il-progress li jkun inkiseb, b'mod li l-Istati Membri jirrapportaw dwar dan il-progress lill-Kunsill kull erba' snin u jfasslu rapport finali fl-2030;
6. jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fir-Rakkomandazzjoni. Skemi moderni ta' introjtu minimu jistgħu jiżguraw li n-nies jgħixu b'dinjità, isaħħu l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà u jippromovu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol;
7. jirrimarka li l-faqar huwa ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li l-iskemi u s-servizzi ta' introjtu minimu fattibbli għandhom effett stabbilizzanti fuq l-ekonomija ġenerali, peress li l-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu huma importanti mhux biss għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali iżda wkoll għall-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku. It-tnaqqis tal-inugwaljanza fl-introjtu jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu azzjoni mmirata sew f'għadd ta' oqsma ta' politika;
8. jirrimarka li n-nisa għandhom rwol importanti x'jaqdu biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali fil-familji. Iż-żieda fir-rata ta' impjeg tan-nisa u t-tnaqqis tad-differenza fil-pagi se jtejbu wkoll il-pensjonijiet tan-nisa u jnaqqsu r-riskju ta' faqar fl-irtirar. Sabiex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal, huwa importanti li t-tfal ikollhom aċċess għal servizzi komprensivi, bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni primarja, l-ikliet fl-iskejjel, kif ukoll l-aċċess għal attivitajiet ta' divertiment;
9. jissuġġerixxi li l-pjani ta' azzjoni nazzjonali dwar il-faqar jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' skemi ta' introjtu minimu, inklużi miżuri biex jinkisbu pagi ġusti u xogħol deċenti, jiġu żgurati servizzi bażiċi ta' kwalità tajba u jinkiseb appoġġ adegwat għall-introjtu u servizzi soċjali individwalizzati. F'dan ir-rigward, huwa importanti li meta jiġu żviluppati tali skemi ta' servizzi soċjali jitqies li dawn għandhom jiżguraw sensibilizzazzjoni massima u jinkoraġġixxu lil dawk il-benefiċjarji li jistgħu jaħdmu biex jidħlu (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, kif ukoll jiżguraw li dawn jiġu awtonomizzati;
10. jenfasizza li għalkemm il-mira li jitnaqqas l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali testendi sal-2030, il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra li għaddeja fl-Ukrajna, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni li qed tiżdied laqtu l-aktar lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, bil-konsegwenza li żiedu l-faqar u l-inugwaljanza. Fl-istess ħin, din is-sitwazzjoni hija ta' tħassib partikolari għall-gruppi vulnerabbli, speċjalment il-persuni b'diżabilità. Għalhekk hemm bżonn ta' ħsieb ġdid u għandhom jiġu proposti miżuri, li jibnu fuq it-tagħlimiet minn kriżijiet tal-passat u jirvedu l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani biex tintlaħaq din il-mira ewlenija abbażi ta' revizzjonijiet regolari tan-numru ta' persuni friskju ta' faqar;

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali" (ĠU C 166, 7.6.2011, p. 18).

<sup>(2)</sup> Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar kwistjonijiet soċjali, Marzu 2021.

<sup>(3)</sup> Rapport finali 2022.

11. jissottolinja li t-tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju jridu jirriflettu d-dimensjoni soċjali u jappoġġjaw it-titjib tal-ħiliet tal-persuni friskju ta' qgħad, tal-persuni qiegħda jew tal-persuni ekonomikament inattivi. L-iskemi ta' introjtu minimu għandhom ikollhom rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ u inċentivi għar-riintegrazzjoni tan-nies fis-suq tax-xogħol. Bl-istess mod, il-KtR jinnotta b'interess il-progress li sar fir-rigward tal-pagi minimi, u jirrikonoxxi "l-fatt li l-Kummissjoni għabet bidla fundamentali [...], b'pigi minimi adegwati meqjusa bħala dritt fundamentali u prerekwiżit għal ekonomija tas-suq soċjali, ġusta u sostenibbli li tirfed is-suq uniku Ewropew" (4);
12. jenfasizza li t-tibdil fil-klima ser ikompli jżid l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, speċjalment dawk li jgħixu f'żoni fejn l-ekonomija hija żbilanċjata u vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali qed ikollhom iħabbtu wiċċhom mal-ħtieġa urġenti biex jadattaw għat-tibdil fil-klima, minħabba li qed jiżdiedu t-talbiet għall-għajnuna u hemm kategoriji ġodda ta' persuni li jeħtieġu appoġġ;
13. jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex ifittxu miżuri speċifiċi biex inaqsu u jeqirdu l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-faqar enerġetiku. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tagħmilha diffiċli għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-enerġija;
14. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu involuti l-livelli kollha tal-gvern fil-ġlieda kontra l-faqar. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fis-suċċess tar-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ta' kwalità tajba. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jilhqqu b'mod attiv lin-nies li jeħtieġu appoġġ u jidentifikaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-individwi sabiex jiżviluppaw perkorsi ffukati fuq in-nies lejn l-inklużjoni attiva fis-soċjetà;
15. jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas Ewropew aġġornat u komprensiv ta' valutazzjoni komparattiva għal skemi ta' introjtu minimu, ibbażat fuq approċċ trasparenti u data komparabbli, li jiffaċilita fehim komuni tal-kunċett fil-livell Ewropew u fost l-Istati Membri, jirrifletti aħjar is-sorsi differenti ta' introjtu u s-sitwazzjonijiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-unitajiet domestiċi u jgħin lin-nies jibqgħu 'l fuq mil-livell limitu nazzjonali tal-faqar, inkluż permezz ta' opportunitajiet għal dawk li jistgħu jaħdmu biex jiksbu impjieg bi qligħ u mhux prekarju;
16. jissottolinja li, sabiex l-introjtu minimu jilħaq l-objettiv tiegħu li jiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali, irid ilaħħaq mal-inflazzjoni, speċjalment l-ġholi tal-ħajja li qed jiżdied għall-ikel u l-enerġija. Għalhekk, il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni proposta għal rieżami annwali fil-livell tal-Istati Membri, u jqisha prerekwiżit essenzjali għall-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-miżura;
17. jemmen li għandu jkun possibbli wkoll li jitħallas introjtu minimu lil membru wieħed ta' unità domestika, sabiex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni taż-żgħażaġh u tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol;
18. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u nondiskriminatorji fl-Istati Membri. Il-KtR jinsab imħasseb li r-Rakkomandazzjoni ma tispeċifikax xi tfisser azzjoni "proporzjonata" jew "gradwali". Fl-istess ħin, il-Kumitat jitlob li jiġi stabbilit qafas ġenerali għar-rewiżiti ta' residenza legali;
19. jitlob li d-definizzjonijiet ta' servizzi ta' sostenn u essenzjali stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni jiġu kkomplementati u mhux sostitwiti b'definizzjonijiet nazzjonali, sabiex din il-lista indikattiva ta' servizzi tkun tista' tiġi applikata madwar l-UE. Dan japplika b'mod partikolari għall-komunikazzjonijiet diġitali, li ma jingħatawx l-istatus ta' servizz essenzjali madwar l-UE;
20. jissuġġerixxi li l-limiti tal-ittestjar tal-mezzi jiġu stabbiliti b'tali mod li l-persuni ma jiġux esklużi mill-appoġġ għall-introjtu minimu minħabba li l-valutazzjoni tagħti wisq piż lill-assi żgħar, l-akkomodazzjoni għall-użu personali tal-persuna stess, il-mezzi essenzjali tat-trasport jew il-proprjetà mobbli. Dan japplika b'mod speċjali għall-applikanti li jesperjenzaw kriżi akuta jew għall-anzjani;
21. jenfasizza l-ħtieġa ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi fil-livell lokali, reġjonali u tal-UE biex tiġi mmonitorjata l-kopertura tal-iskemi ta' introjtu minimu, u jeħtieġ li tingħata attenzjoni għal aċċessibbiltà diġitali aħjar, aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u ħiliet diġitali;

(4) L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COR-2020-05859) (ĠU C 175, 7.5.2021, p. 89).

22. jenfasizza li l-iskemi ta' introjtu minimu jrid ikollhom elementi effettivi, ġusti u individwalizzati mmirati lejn gruppi fil-mira differenti u li jappoġġjaw l-impjieg, li jneħħu l-ostakli fuq li l-persuni jirritornaw għax-xogħol u jibqgħu fih, u jiżguraw li x-xogħol irodd, filwaqt li tiżdied l-inklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh, inkluż ta' dawk li jkunu telqu mis-sistema tal-protezzjoni tat-tfal. Il-Kumitat jirrimarka wkoll li huwa importanti li jiġu appoġġjati miżuri li jħeġġu lill-gruppi fil-mira biex (jerġgħu) jidħlu fis-suq tax-xogħol lokalment, kull meta jkun possibbli, sabiex jiġu minimizzati l-isfidi ta' rilokazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar l-ostakli għall-impjieg għall-persuni li jirċievu appoġġ għall-introjtu minimu, bħal livelli baxxi ta' edukazzjoni, u jsibu soluzzjonijiet għalihom, bħall-ħolqien ta' swieq tax-xogħol intermedji, is-sussidji tal-pagi u t-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-tagħlim tul il-ħajja;
23. jenfasizza l-importanza li r-riżorsi jitqassmu b'mod ġust, leġittimu u effiċjenti. Għalhekk jaqbel bis-sħiħ mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li jiġu riveduti b'mod regolari l-inċentivi u d-diżinċentivi li jirriżultaw mis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji;
24. iqis li l-użu tajjeb tal-akkwist pubbliku jista' jikkontribwixxi għall-impjieg tal-persuni qiegħda fit-tul u tal-persuni friskju ta' esklużjoni soċjali u faqar;
25. jitlob kjarifika dwar liema awtorità hija responsabbli għat-tfassil ta' pjani individwali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-miżuri. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tad-data meta tiġi skambjata l-informazzjoni.

Brussell, id-9 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Il-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura”

(2023/C 157/08)

<b>Relatur:</b>	Roby BIWER (LU/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Bettembourg, Il-Lussemburgu
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura (COM(2022) 304 final)

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

## Emenda 1

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Filwaqt li jibnu fuq id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti f'dawk id-Direttivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw l-irkupru tal-habitats u tal-ispeċijiet protetti, inklużi għasafar selvaġġi, fiż-żoni tal-Unjoni, ukoll f'żoni li jaqgħu barra min-Natura 2000.	Filwaqt li jibnu fuq id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti f'dawk id-Direttivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw l-irkupru tal-habitats u tal-ispeċijiet protetti, inklużi għasafar selvaġġi, fiż-żoni tal-Unjoni, ukoll f'żoni li jaqgħu barra min-Natura 2000, <b>waqt li jqisu r-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali u kulturali, kif ukoll iċ-ċirkostanzi reġjonali u lokali speċifiċi.</b>

## Raġuni

Il-valutazzjoni ta' liema huma l-miżuri meħtieġa għar-restawr tan-natura f'żona partikolari hija kwistjoni nazzjonali. Għandu jkun hemm lok għal kunsiderazzjonijiet lokali, soċjali u ekonomiċi, mingħajr ma jintesew l-objettivi relatati man-natura.

## Emenda 2

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' rkupru kontinwu, <b>fit-tul</b> u sostnut ta' natura bijodiversa u reżiljenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jaqgħu użu sħiħ mill-possibbiltajiet previsti taħt il-politika komuni tas-sajd. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jieħdu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-limitu ta' 12-il mil nawtiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom il-possibbiltà li jaqblu li jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent. Tali miżuri se jiġu vvalutati u adottati skont ir-regoli u l-proċeduri previsti taħt il-politika komuni tas-sajd.	Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' rkupru kontinwu, <b>dejjemi</b> u sostnut ta' natura bijodiversa u reżiljenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jaqgħu użu sħiħ mill-possibbiltajiet previsti taħt il-politika komuni tas-sajd. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jieħdu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-limitu ta' 12-il mil nawtiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom il-possibbiltà li jaqblu li jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent. Tali miżuri se jiġu vvalutati u adottati skont ir-regoli u l-proċeduri previsti taħt il-politika komuni tas-sajd.



**Raġuni**

It-terminu “fit-tul” jidher li jissuġġerixxi li r-restawr ser jiġi implimentat fuq perjodu twil ta' żmien. Huwa preferibbli li jintuża t-terminu “dejjemi” peress li t-tifsira mhijiex ambigwa.

**Emenda 3**

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>(a) <i>Jenħtieġ li jitqiesu ż-żoni ekoloġiċi urbani identifikati fil-pjani muniċipali eżistenti tal-użu tal-art, jew permezz ta' għodod lokali oħra għall-allokazzjoni tal-funzjoni spazjali, b'mod partikolari dawk adattati għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' networking fi ħdan in-network tal-bijotopi, eż. żoni ekoloġiċi urbani li jippermettu skambji bejn il-flora u l-fawna.</i></p>

**Raġuni**

Il-pjani eżistenti tal-awtoritajiet lokali dwar l-użu tal-art għandhom jitqiesu bis-sħiħ, peress li ħafna bliet diġà jinkludu miżuri kompensatorji/komplementari f'dawn il-pjani jew għodod lokali oħra għall-allokazzjoni tal-funzjoni spazjali.

**Emenda 4**

Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fuq talba permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li jipprovdi appoġġ tekniku mfassal apposta għat-tfassil <b>u għall-implimentazzjoni tar-riformi</b>. L-appoġġ tekniku jinvolti, <b>pereżempju</b>, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa leġislattivi, u l-kondiviżjoni tal-<b>aqwa</b> prattiki rilevanti.</p>	<p>Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fuq talba, tappoġġa lill-Istati Membri, <b>lill-awtoritajiet ta' implimentazzjoni, ta' ġestjoni, kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali</b>, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li jipprovdi appoġġ tekniku mfassal apposta għat-tfassil, <b>l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni, u l-adattament tar-riformi</b>. L-appoġġ tekniku jinvolti <b>l-kapaċità fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' involviment (transsettorjali) ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u fl-istrumenti ta' governanza f'diversi livelli; fir-rigward tal-attrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-investment tas-settur pubbliku u privat; pariri mfassla apposta għall-għarfien espert tekniku, legali u finanzjarju meħtieġ għat-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri ta' restawr; gwida dwar it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa leġislattivi, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki rilevanti. L-istrument ta' Appoġġ Tekniku jenħtieġ li jibni fuq u jkun integrat sew mal-għarfien lokali/reġjonali/nazzjonali eżistenti u l-pjattaformi u s-servizzi, li diġà qed jintużaw minn partijiet ikkonċernati differenti.</b></p>

**Raġuni**

Is-sistema ta' appoġġ tekniku jeħtieġ li tindirizza l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jimplementaw il-Liġi. In-nuqqas ta' għarfien espert tekniku, kif ukoll l-esperjenza bl-istrumenti finanzjarji (tas-settur privat), huma fost l-isfidi ewlenin għat-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' restawr. L-involvement effettiv ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u tas-sħubijiet lil hinn mill-entitajiet tas-soltu huma prerekwiżiti għar-restawr tal-ekosistema fuq skala kbira. Madankollu, l-uffiċjali li jiżviluppaw Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr spiss ma jkollhomx l-esperjenza u r-riżorsi għall-involvement tal-partijiet ikkonċernati għajr l-atturi pubbliċi tas-soltu, pereżempju s-sidien ta' art privata. Għalhekk, hemm ħtieġa urġenti li dawn il-lakuni jintlew b'sistema effettiva ta' appoġġ tekniku.

**Emenda 5**

## Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkontribwixxu għal:</p> <p>(a) l-irkupru kontinwat, <b>fit-tul</b> u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi;</p> <p>(b) l-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima;</p> <p>(c) l-ilħuq tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.</p>	<p>1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkontribwixxu għal:</p> <p>(a) l-irkupru kontinwat, <b>dejjemi</b> u sostnut tan-natura bijodiversa <b>indiġena</b> u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi <b>Ewropej</b>;</p> <p>(b) l-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima;</p> <p>(c) l-ilħuq tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni; <b>jigjifieri restawr bil-għan li jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ ekoloġiku mitluf.</b></p>

**Raġuni**

It-terminu "fit-tul" jidher li jissuġġerixxi li r-restawr ser jiġi implimentat fuq perjodu twil ta' żmien. Huwa preferibbli li jintuża t-terminu "dejjemi" peress li t-tifsira mhijiex ambigwa.

L-introduzzjoni kostanti ta' speċijiet ta' pjanti u animali mhux indiġeni għandha tinftiehem li twassal għal degradazzjoni tal-ekosistemi tagħhom minħabba l-ispostament, il-kompetizzjoni u l-estinzjoni ta' speċijiet indiġeni.

**Emenda 6**

## Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mingħajr dewmien, miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq iż-żona li flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr.</p>	<p>2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mingħajr dewmien, miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq iż-żona li flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art <b>tal-Unjoni</b> u <b>mill-inqas 20 % taż-żoni</b> tal-baħar tal-Unjoni u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr, <b>billi jagħmlu hilitom biex ikunu allinjati mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.</b></p>

**Raġuni**

Il-mira ġenerali ta' restawr trid tinftehem li tkopri ż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE rispettivament, aktar milli magħquda flimkien (jiġifieri mill-inqas 20 % tal-art tal-UE u 20 % taż-żoni tal-baħar tal-UE sal-2030).

**Emenda 7**

## Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(13) “spazju aħdar urban” tfisser iż-żoni urbani hodur kollha; foresti bil-weraq wesgħin; foresti koniferi; foresti mħallta; artijiet bil-ħaxix naturali; xaghrijiet u artijiet moxa; arbuxelli ta' msaġar tranżizzjonali u żoni b'veġetazzjoni skarsa — kif jinsabu <b>fil-bliet jew fl-irħula kkalkolati</b> abbażi tad-data pprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p>	<p>(13)</p> <p>a. “<b>żona urbana</b>” tfisser <b>żona tal-art tal-unitajiet territorjali kklassifikati bħala ċentri urbani u raggruppamenti urbani permezz tal-użu ta' tipoloġija bbażata fuq il-grilja stabbilita skont l-Artikolu 4(b)(2) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;</b></p> <p>b. “spazju aħdar urban” tfisser iż-żoni urbani hodur kollha; foresti bil-weraq wesgħin; foresti koniferi; foresti mħallta; artijiet bil-ħaxix naturali; xaghrijiet u artijiet moxa; arbuxelli ta' msaġar tranżizzjonali u żoni b'veġetazzjoni skarsa; <b>spazju aħdar integrat fl-istrutturi mibnija</b> — kif jinsabu <b>fiċ-ċentri urbani u fir-raggruppamenti urbani u l-viċinanzi tagħhom, ikkalkolati</b> abbażi tad-data pprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. <b>L-ispazji hodur urbani jinvolve iż-żoni hodur urbani kollha bil-potenzjal li jrawmu l-bijodiversità u l-forniment ta' servizzi tal-ekosistema, u li jindirizzaw il-konnettività u d-diversità ekoloġika, u jevitaw kwalunkwe Prattika dannuża għall-bijodiversità fit-tfassil, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030. L-għan huwa li jiġu żviluppati għodod għall-kejl tad-data għal valutazzjoni individwali aktar dettaljata tal-ispazju urban, fejn pereżempju, jistgħu jitqiesu wkoll il-bjut hodur, il-ħitan hodur u s-siġar individwali. L-elementi tad-definizzjoni ta' “spazju aħdar urban” kif elenkati għandhom għalhekk jiġu interpretati f'konformità mat-tipi rispettivi tal-użu tal-art fl-Atlas Urban Copernicus (b'mod partikolari 14100, 3100 u 32000).</b></p>

**Raġuni**

L-ispazji hodur urbani jipprovdu servizzi tal-ekosistema u benefiċċji għall-bijodiversità. Madankollu, il-kapaċità ta' tali żoni li jappoġġaw il-bijodiversità hija relatata b'mod qawwi mal-kwalità, il-konfigurazzjoni, l-istruttura u l-firxa tagħhom. Il-Liġi ma ttiprovdi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kwalità, l-istruttura jew il-ġestjoni tal-ispazji hodur urbani. Huwa essenzjali li jiġi rregolat ukoll “l-ispazju aħdar urban” fir-Regolament propost sabiex jiġu esklużi l-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni ħażina tal-Liġi fil-prattika.

**Emenda 8**

## Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(14) “kopertura urbana bis-siġar” tfisser l-erja totali ta’ kopertura bis-siġar fi bliet u rħula u subborgi, ikkalkolata abbażi tad-data dwar id-Densità tal-Kopertura tas-Siġar ipprovduta mis-Servizz ta’ Monitoraġġ tal-Art ta’ Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p>	<p>(14) “kopertura urbana bis-siġar” tfisser l-erja totali ta’ kopertura bis-siġar fi bliet u rħula u subborgi, ikkalkolata abbażi tad-data dwar id-Densità tal-Kopertura tas-Siġar ipprovduta mis-Servizz ta’ Monitoraġġ tal-Art ta’ Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.  <b>Fi Stat Membru jew f’reġjun, tista’ tintuża wkoll data bażika dwar l-ispazju aħdar li tkun aktar dettaljata mis-sett tad-data ta’ Copernicus.</b></p> <p><i>L-ispeċijiet tas-siġar li jespandu għal kopertura bis-siġar għandhom jintgħażlu fid-diskrezzjoni tal-awtorità urbana rilevanti skont il-kriterji li ġejjin: il-potenzjal li titrawwem il-bijodiversità; speċijiet indiġeni u reżiljenti għat-tibdil fil-klima aktar milli speċijiet aljeni; speċijiet aljeni invażivi jridu jiġu pprojbiti; diversità fl-ispeċijiet tas-siġar aktar milli monokultura li għandha tiġi evitata, fejn possibbli.</i></p> <p><i>L-għażla tal-kriterji għal kopertura urbana tas-siġar ta’ kwalità għandha tqis is-servizzi potenzjali tal-ekosistema li dawn il-koperturi u l-inħawi tagħhom jistgħu joffru, inkluż l-assorbiment tal-ilma mill-maltempati, it-tnaqqis ta’ avvenimenti u effetti avversi estremi tat-temp, u l-iffaċilitar tal-migrazzjoni tal-għasafar u ta’ speċijiet oħra.</i></p>

**Raġuni**

Il-liġi għandha tinkludi speċifikazzjonijiet dwar il-karatteristiċi tal-ispeċijiet tas-siġar u d-diversità li huma importanti għall-forniment ta’ servizzi tal-ekosistema u għal kisbiet fil-bijodiversità.

**Emenda 9**

## Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta’ restawr għall-habitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-habitats tal-art, kostali u tal-ilma ħelu tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE li huma meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità u l-kwantità ta’ dawk il-habitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tissaħħaħ il-konnettività, sakemm jinkisbu kwalità u kwantità suffiċjenti ta’ dawk il-habitats. [...]</p>	<p>3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta’ restawr għall-habitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-habitats tal-art, kostali u tal-ilma ħelu tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE li huma meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità u l-kwantità ta’ dawk il-habitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tissaħħaħ il-konnettività <b>permezz ta’ kurituri ekoloġiċi</b>, sakemm jinkisbu kwalità u kwantità suffiċjenti ta’ dawk il-habitats. [...]</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal konnettività mtejba bejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' habitats.	5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal konnettività mtejba <b>permezz ta' kurituri ekoloġiċi</b> bejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' habitats.

### Raġuni

Huwa importanti li wieħed isemmi li l-konnettività għandu jkollha l-għan li toħloq jew terġa' tgħaqqad il-kurituri ekoloġiċi.

### Emenda 10

#### Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħjar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 <b>ta' dan l-Artikolu. Iż-żoni</b> fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa għandhom <b>jittqiesu bħala li mhumiex f'kundizzjoni tajba.</b>	4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħjar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3. <b>Għal żoni</b> fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa, <b>għandha tiġi ġġenerata malajr kemm jista' jkun l-evidenza xjentifika meħtieġa fuq l-iskala spazjali applikabbli, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri u ż-żoni ta' restawr adegwati. Il-pjan nazzjonali ta' restawr irid jinkludi pjan ta' azzjoni speċifiku, skeda ta' żmien u indikazzjoni tar-riżorsi meħtieġa ddedikati għal dawn il-miżuri.</b>

### Raġuni

Għal diversi tipi ta' habitats, il-bażijiet tad-data eżistenti m'għandhomx informazzjoni lokali u spazjalment espliċita dwar l-istat tal-komunitajiet, il-livelli ta' referenza, jew l-elementi li jwasslu għad-degradazzjoni tal-habitats, u b'hekk ma jipprovdu bażi xjentifikament soda għall-prijoritizzazzjoni taż-żoni jew għall-azzjonijiet ta' restawr. L-evidenza xjentifika miġbura għandha tiġi ppreżentata malajr kemm jista' jkun sabiex ikun possibbli li l-pjani jibdew jitħejjew u jiġu implimentati fil-ħin.

### Emenda 11

#### Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:	8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 <b>jista' jiġi ġġustifikat biss jekk l-Istati Membri jipprovdu evidenza konvinċenti li dan</b> ikun ikkawżat minn:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) force majeure;	(a) force majeure;
(b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; jew	(b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; jew
(c) proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ.	(c) proġett <b>attwali jew futur</b> ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ, <b>dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta miżuri ta' kumpens adegwati, u billi jitqiesu l-isfidi ambjentali nazzjonali u dawk speċifiċi għaż-żona.</b>

### Raġuni

Il-projbizzjoni tad-deterjorament m'għandux isir għad-detriment ta' proġetti attwali li jikkontribwixxu għal sfidi oħra ta' tranżizzjoni, bħat-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u infrastruttura li ssir aktar sostenibbli. It-test huwa allinjat mal-formulazzjoni tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE<sup>(1)</sup> dwar il-Habitats.

### Emenda 12

#### Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħħar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3. <b>Iż-żoni</b> fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa għandhom <b>jitqiesu bħala li mhumiex f'kundizzjoni tajba.</b>	4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħħar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3. <b>Għal żoni</b> fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa, <b>għandha tiġi ġġenerata malajr kemm jista' jkun l-evidenza xjentifika meħtieġa fuq l-iskala spazjali applikabbli, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri u ż-żoni ta' restawr adegwati. Il-pjan nazzjonali ta' restawr irid jinkludi pjan ta' azzjoni speċifiku, skeda ta' żmien u indikazzjoni tar-riżorsi meħtieġa ddedikati għal dawn il-miżuri.</b>

### Raġuni

Għal diversi tipi ta' habitats, il-bażijiet tad-data eżistenti m'għandhomx informazzjoni lokali u spazjalment espliċita dwar l-istat tal-komunitajiet, il-livelli ta' referenza, jew l-elementi li jwasslu għad-degradazzjoni tal-habitats, u b'hekk ma jipprovdux bażi xjentifikament soda għall-prijoritizzazzjoni taż-żoni jew għall-azzjonijiet ta' restawr. L-evidenza xjentifika miġbura għandha tiġi ppreżentata malajr kemm jista' jkun sabiex ikun possibbli li l-pjani jibdew jitħejjew u jiġu implimentati fil-ħin.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

**Emenda 13**

## Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:</p> <p>(a) force majeure;</p> <p>(b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; jew</p> <p>(c) proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ.</p>	<p>8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 <b>jista' jiġi ġġustifikat biss jekk <i>L-Istati Membri jipprovdu evidenza konvinċenti li dan</i></b> ikun ikkawżat minn:</p> <p>(a) force majeure;</p> <p>(b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; jew</p> <p>(c) proġett <b>attwali jew futur</b> ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ, <b>dment li <i>L-Istat Membru kkonċernat ikun adotta miżuri ta' kumpens adegwati, u billi jitqiesu l-isfidi ambjentali nazzjonali u daww speċifiċi għaż-żona.</i></b></p>

**Raġuni**

Il-projbizzjoni tad-deterjorament m'għandux isir għad-detriment ta' proġetti attwali li jikkontribwixxu għal sfidi oħra ta' tranżizzjoni, bħat-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u infrastruttura li ssir aktar sostenibbli. It-test huwa allinjat mal-formulazzjoni tal-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Habitats.

**Emenda 14**

## Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda telfien nett ta' spazju aħdar urban, u ta' kopertura urbana bis-siġar sal-2030, meta mqabbla mal-<b>2021</b>, fil-bliet <b>kollha</b> u fl-irħula u fis-subborgi.</p> <p>2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm żieda fl-erja nazzjonali totali tal-ispazju aħdar urban fil-bliet u fl-irħula u fis-subborgi ta' mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-bliet u tal-irħula u tas-subborgi fl-<b>2021</b>, sal-2040, u mill-inqas 5 % sal-2050.</p>	<p>1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda telfien nett ta' spazju aħdar urban, <b>inkluż il-kopertura urbana bis-siġar sal-2030, meta mqabbla mal-2024, fl-ispazju aħdar urban skont l-Artikolu 3</b> fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi. <b>L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll mal-awtoritajiet ta' ġestjoni biex dan jinkiseb.</b></p> <p>2. <b>Il-miżuri intiżi biex tintlaħaq kwalità ekoloġika aħjar tal-habitats u l-konnettività jridu jinbdew, u fl-istess ħin titqies il-komplementarjetà tal-miżuri mal-pjanijiet tal-użu tal-art lokali u l-ippjanar urban.</b></p> <p>3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm żieda <b>fl-ammont u fil-kwalità</b> fl-erja nazzjonali totali tal-ispazju aħdar urban <b>skont l-Artikolu 3</b> fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi ta' mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-bliet u tal-irħula u tas-subborgi fl-<b>2024</b>, sal-2040, u mill-inqas 5 % sal-2050. <b>Il-miri huma stabbiliti b'mod relattiv għall-ispazju urban totali tal-unitajiet amministrattivi lokali fi Stat Membru — mhux għall-ispazju aħdar urban eżistenti fis-sena ta' referenza 2024 — biex jiġi żgurat approċċ ġust għar-restawr fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali. Minkejja l-istrutturi amministrattivi tal-unitajiet amministrattivi lokali, iż-żoni urbani jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala entitajiet funzjonali.</b></p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:</p> <p>(a) kopertura urbana bis-siġar minima ta' <b>10 %</b> fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi sal-2050; u</p> <p>(b) gwadann nett ta' spazju aħdar urban li huwa integrat fl-iżviluppi ta' bini u infrastruttura eżistenti u ġodda, inkluż permezz ta' rinnovazzjonijiet u tiġdid, fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi.</p>	<p>Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:</p> <p>(a) kopertura urbana bis-siġar minima ta' <b>15 %</b> fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi sal-2050; u</p> <p>(b) gwadann nett ta' spazju aħdar urban li huwa integrat fl-iżviluppi ta' bini u infrastruttura eżistenti u ġodda, inkluż permezz ta' rinnovazzjonijiet u tiġdid, fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi; <b>u</b></p> <p><b>(c) il-kontroll tal-ispeċijiet aljeni invażivi fl-ispażju aħdar urban, li jiffavorixxi wkoll il-bijodiversità u l-ammont ta' insetti, li jtejjeb l-ekosistemi li jiffunzjonaw tajjeb f'dawn l-ispażji.</b></p>

### Raġuni

Il-mira hija fformulata b'mod li ħolqot nuqqas ta' ftehim. Diversi atturi qrawha f'termini ta' żieda ta' 3 % u 5 % tal-erja nazzjonali totali tal-ispażju aħdar, filwaqt li l-valutazzjoni tal-impatt tagħmilha ħara li r-referenza hija ż-żona nazzjonali totali koperta mill-unitajiet amministrattivi lokali.

### Emenda 15

#### Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu inventarju tal-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċje u jidentifikaw l-ostakli li jeħtieġ li jitneħħew biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' restawr stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u tal-oġġettiv li jiġu restawrati <b>mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar</b> fi xmajjar ġerja fl-Unjoni sal-2030, <b>mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/60/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 4(3), 4(5) u 4(7) tagħha, u għar-Regolament 1315/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.</b></p>	<p>1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu inventarju tal-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċje u jidentifikaw l-ostakli li jeħtieġ li jitneħħew biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' restawr stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u tal-oġġettiv li jiġu restawrati <b>15 % tat-tul tax-xmajjar (178 000 km madwar l-UE)</b> fi xmajjar ġerja fl-Unjoni sal-2030, <b>billi tittejjeb il-bijodiversità permezz tat-tneħħija tal-ostakli u r-restawr tal-pjanuri tal-għargħar relatati, u billi titqies id-domanda għall-enerġija rinnovabbli.</b></p> <p><b>Dan l-inventarju għandu jinkludi l-akwiferi ta' taħt l-art, peress li l-livell pjezometriku tagħhom jeħtieġ li jinżamm minħabba li dawn jikkontribwixxu għall-medded lonġitudinali u laterali tal-ilma tal-wiċċ, kif ukoll għall-artijiet mistagħdra u n-nixxigħat.</b></p>

### Raġuni

Il-proposta għandha tinkludi miri kwantifikati u marbuta biż-żmien biex jitneħħew l-ostakli u verament tiġi restawrata l-konnettività tax-xmajjar. L-Istati Membri għandhom jintalbu jirrestawraw 15 % tat-tul tax-xmara fi xmajjar ġerja sal-2030 permezz tat-tneħħija tal-ostakli u r-restawr tal-pjanuri tal-għargħar relatati.



**Emenda 16**

## Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċe identifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-pjan għat-tneħħija tagħhom imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (f). Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw primarjament l-ostakli obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma jew għal użi oħra.</p>	<p>2. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċe identifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-pjan għat-tneħħija tagħhom imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (f). Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw primarjament <b>(i) ostakli li meta jitneħħew iwasslu għal benefiċċji ekoloġiċi, u (ii) l-ostakli obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma jew għal użi oħra. <b>Hawnhekk, "ostakli obsoleti" ma għandhomx jinftiehm u li jfissru dawk l-ostakli li jiffurmaw parti mill-wirt storiku u kulturali, li l-konservazzjoni tagħhom ma tinvolvi ostakli insormontabbli u li kkontribwixxew għall-ħolqien ta' pajsaġġi u bijodiversità uniċi, jew li jgħinu biex jergġu jintlew l-akwiferi billi jnaqqsu l-veloċità tal-ilma.</b></b></p>

**Raġuni**

Flimkien mal-proposta biex l-Istati Membri jindirizzaw primarjament it-tneħħija ta' ostakli obsoleti, kriterju importanti ieħor li jiggwida l-identifikazzjoni tal-ostakli għat-tneħħija għandu jkun assoċjat mal-benefiċċji ekoloġiċi tat-tneħħija.

**Emenda 17**

## Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli, minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).</p>	<p>1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli, <b>li l-għan tagħhom jinkludi l-bilanċ bejn il-fitofaġi, il-parasitojdi u l-predaturi sabiex tiġi ffaċilitata produzzjoni ħielsa minn prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti,</b> minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).</p>

**Raġuni**

L-ekosistemi agrikoli u l-produttività tal-ikel Ewropea huma mhedda mit-tixrid ta' pesti ġodda fit-territorju tagħna, li jikkawżaw telf tal-għelejjeġ, jobbligaw l-użu massiv ta' pestiċidi u li jaffettwaw il-bijodiversità tal-ekosistemi Ewropej.

**Emenda 18**

## Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>4. Għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ tal-anqas fuq:</p>	<p>4. Għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ tal-anqas fuq:</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) 30 % ta' tali żoni sal-2030, li mill-inqas <b>kwart</b> minnhom għandhom jergġhu jiġu mxarrba;	(a) 30 % ta' tali żoni sal-2030, li mill-inqas <b>nofs</b> minnhom għandhom jergġhu jiġu mxarrba;
(b) 50 % ta' tali żoni sal-2040, li minnhom mill-inqas <b>nofs</b> għandhom jergġhu jiġu mxarrba;	(b) 50 % ta' tali żoni sal-2040, li minnhom mill-inqas <b>żewġ terzi</b> għandhom jergġhu jiġu mxarrba;
(c) 70 % ta' tali żoni sal-2050, li minnhom mill-inqas <b>nofs</b> għandhom jergġhu jiġu mxarrba.	(c) 70 % ta' tali żoni sal-2050, li minnhom mill-inqas <b>żewġ terzi</b> għandhom jergġhu jiġu mxarrba.

### Raġuni

It-torbieri huma l-akbar ħażna ta' karbonju terrestri naturali, u jekk issirilhom ħsara huma sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, huwa ssuġġerit li jiżdied it-tixrib mill-ġdid (l-aktar miżura effettiva ta' restawr tat-torbiera), li jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet u sabiex tintlaħaq il-mira ġenerali.

### Emenda 19

#### Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<b>5. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009) biex jinkiseb użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jitnaqqsu r-riskji u l-effetti ta' tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, u biex tiġi promossa ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara u ta' metodi u tekniki alternattivi, bħall-miżuri ta' kontroll mhux kimiċi.</b>

### Raġuni

Huwa essenzjali li jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti u, jekk ikun meħtieġ, dawn iridu jiġu sostitwiti bi prodotti naturali sikuri u tekniki alternattivi li ma jniġġsux.

### Emenda 20

#### Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. L-Istati Membri għandhom jiksbu xejra dejjem tiżdied <b>fil-livell nazzjonali ta'</b> kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi tal-foresti, kif stabbilit ulterjorment fl-Anness VI, imkejla fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull <b>tliet</b> snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):	2. L-Istati Membri għandhom jiksbu xejra dejjem tiżdied <b>f'</b> kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi tal-foresti, kif stabbilit ulterjorment fl-Anness VI, imkejla fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull <b>ħames</b> snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):
(a) injam mejjet wieqaf;	(a) injam mejjet wieqaf;
(b) injam mejjet mal-art;	(b) injam mejjet mal-art;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi;	(c) sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi;
(d) konnettività tal-foresti;	(d) konnettività tal-foresti;
(e) indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti;	(e) indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti;
(f) ħażna ta' karbonju organiku.	(f) ħażna ta' karbonju organiku.

### Raġuni

Evidenti

### Emenda 21

#### Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><b>3. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/2006 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-foresti u l-interazzjonijiet ambjentali fil-Komunità, li jEmenda tal-KtR r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2278/1999 tal-21 ta' Ottubru 1999.</b></p> <p><b>4. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2008) 3 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Pajsaġġ.</b></p>

### Raġuni

Hemm hteġa urġenti li jiġu implimentati l-miżuri diġà previsti mir-Regolamenti u r-Rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-UE fir-rigward tar-restawr tal-foresti.

### Emenda 22

#### Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw l-erja li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 filwaqt li jqisu l-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats imsemmija fl-Artikoli 4(1), 4(2), 5(1) u 5(2) u l-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 5(3) li huma preżenti fit-territorju tagħhom. Il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) għal kull tip ta' habitat:</p> <p>(i) l-erja totali tal-habitat u mappa tad-distribuzzjoni attwali tagħha;</p>	<p>2. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw l-erja li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 filwaqt li jqisu l-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats imsemmija fl-Artikoli 4(1), 4(2), 5(1) u 5(2) u l-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 5(3) li huma preżenti fit-territorju tagħhom. Il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) għal kull tip ta' habitat:</p> <p>(i) l-erja totali tal-habitat u mappa tad-distribuzzjoni attwali tagħha;</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(ii) l-erja tal-ħabitat li mhijiex f'kundizzjoni tajba;</p> <p>(iii) l-erja ta' referenza favorevoli filwaqt li jitqies it-telfien dokumentat matul mill-inqas l- aħħar 70 sena u t-tibdil previst fil- kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;</p> <p>(iv) iż-żoni l-aktar adattati għall- istabbiliment mill-ġdid tat-tipi ta' ħabitats ta' tibdil kontinwu u previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil- klima;</p> <p>(b) il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats tal-ispeċijiet meħtieġa għall-kisba tal-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom, filwaqt li jitqiesu ż-żoni l-aktar xierqa għall-istabbiliment mill-ġdid ta' dawk il-ħabitats, u l-konnettività meħtieġa bejn il-ħabitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb, kif ukoll il-bidliet kontinwi u mbassra fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima.</p>	<p>(ii) l-erja tal-ħabitat li mhijiex f'kundizzjoni tajba;</p> <p>(iii) l-erja ta' referenza favorevoli filwaqt li jitqies it-telfien dokumentat matul mill-inqas l- aħħar 70 sena u t-tibdil previst fil- kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;</p> <p>(iv) iż-żoni l-aktar adattati għall- istabbiliment mill-ġdid tat-tipi ta' ħabitats ta' tibdil kontinwu u previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil- klima;</p> <p>(b) il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats tal-ispeċijiet meħtieġa għall-kisba tal-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom, filwaqt li jitqiesu ż-żoni l-aktar xierqa għall-istabbiliment mill-ġdid ta' dawk il-ħabitats, u l-konnettività meħtieġa bejn il-ħabitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb, kif ukoll il-bidliet kontinwi u mbassra fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima.</p> <p><b>3. Meta jiddeterminaw il-prossimità taċ-ċentri urbani u tar-raggruppamenti urbani bl-għan li jiddefinixxu spazju aħdar urbani skont l-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jinkludu żoni li jinsabu mill-inqas f'distanza ta' 1 kilometru 'l bogħod miċ-ċentri urbani u r-raggruppamenti urbani.</b></p>

## Raġuni

Abbażi taċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet lokali, għandha tkun ir-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li fil-pjan nazzjonali tiegħu jiddefinixxi l-kunċett ta' "prossimità" għal ċentri urbani u raggruppamenti urbani, sabiex ikun kompatibbli mal-istruttura urbana tiegħu, il-fruntieri amministrattivi u fatturi rilevanti oħra fil-livell lokali u nazzjonali.

## Emenda 23

### Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-2030, livelli sodisfaċenti għal kull wieħed mill-indikaturi msemmija fl-Artikoli 8(1), 9(2) u 10(2), permezz ta' proċess u valutazzjoni miftuħa u effettivi, ibbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika u, jekk disponibbli, il-qafas imsemmi fl-Artikolu 17(9).</p>	<p>3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-2030, livelli sodisfaċenti għal kull wieħed mill-indikaturi msemmija fl-Artikoli 8(1), 9(2) u 10(2), permezz ta' proċess u valutazzjoni miftuħa u effettivi, ibbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika, <b>u f'koordinazzjoni ma' Stati Membri oħra</b> u, jekk disponibbli, il-qafas imsemmi fl-Artikolu 17(9). <b>Sabiex jiġi salvagwardjat l-allinjament fl-Istati Membri kollha, għandhom jiġu pprovduti u adottati fil-ħin ir-rekwiżiti minimi u gwida għall-Istati Membri biex jiddefinixxu livelli sodisfaċenti skont l-Artikolu 17(9).</b></p>

**Raġuni**

Huma meħtieġa qafas u gwida ċari u komuni dwar ir-rekwiżiti minimi għall-Istati Membri biex jiddefinixxu livelli sodisfaċenti (japplikaw għall-miri għad-dakkara, għall-ekosistemi agrikoli u tal-foresti).

**Emenda 24**

## Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>6. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-ħejjija tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri għandhom li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux.</p>	<p>6. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-ħejjija tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri għandhom li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux, <b>mingħajr ma jiġu pperikolati l-miżuri tal-bijodiversità u ta' restawr.</b></p>

**Raġuni**

L-identifikazzjoni u l-allokazzjoni ta' żoni rinnovabbli għandhom iqisu l-ispazji u l-funzjonament tal-miżuri ta' restawr tal-ekosistema li għandhom jiġu stabbiliti.

**Emenda 25**

## Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>7. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu dan li ġej:</p> <p>[...]</p> <p>(f) strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppanti f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;</p> <p>[...]</p>	<p>7. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu dan li ġej:</p> <p>[...]</p> <p>(f) strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppanti f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, <b>kif ukoll strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni lokali għall-bijodiversità<sup>(1)</sup> u mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni sabiex l-istrateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jiġu integrati f'dawk lokali u viċi versa.</b></p> <p>[...]</p>

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>(h) <i>il-pjanijiet għall-ekoloġizzazzjoni urbana u l-ambizzjonijiet tagħhom li jespandu l-ispazji u l-erjas urbani ħodor, inklużi miżuri biex jinħolqu foresti urbani, parks u ġonna li jkunu bijodiversi u aċċessibbli, biedja urbana, bjuat u ħitan ħodor, toroq mimlija siġar, merġhat urbani, u hedges urbani; kif ukoll indikaturi użati għar-rappurtar u l-monitoraġġ.</i></p> <p>(<sup>1</sup>) <i>Rikonoxxut mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika fid-Deċiżjoni X/22 fil-COP10 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika</i></p>

### Raġuni

Proċessi u mekkaniżmi ta' involviment simili jistgħu jintużaw bħala referenza, pereżempju, Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Lokali għall-Bijodiversità (LBSAPs), u pjanijiet għall-ekoloġizzazzjoni urbana.

### Emenda 26

#### Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p>7. [...]</p> <p>(i) <i>l-għodda ta' appoġġ tekniku użata biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Liġi. Din l-għodda għandha tinkludi: il-kapaċità fir-rigward ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (transettorjali) u l-mekkaniżmi ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati u approċċi integrati għall-iżvilupp urban u muniċipali, kif ukoll strumenti ta' governanza f'diversi livelli; l-attrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-investment tas-settur pubbliku u privat; pariri mfassla apposta għall-għarfien espert tekniku, legali u finanzjarju meħtieġ għat-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri ta' restawr; l-istabbiliment ta' strumenti u proċessi ta' monitoraġġ li jistgħu jiġu mmaniġġjati u simplifikati; gwida għall-allinjament tal-istrumenti, l-istandards u l-protokoll tar-rappurtar fil-livelli kollha ta' governanza; u prattiki tajbin fir-restawr tal-ekosistema f'ġeografiji u kuntesti fiżiċi differenti.</i></p>

### Raġuni

L-għodda ta' appoġġ tekniku jeħtieġ li tindirizza l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-awtoritajiet lokali u regionali li jimplementaw il-Liġi. In-nuqqas ta' għarfien espert tekniku, kif ukoll l-esperjenza bl-istrumenti finanzjarji (tas-settur privat), huma fost l-isfidi ewlenin għat-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' restawr. Sabiex jiġi żgurat is-suċċess tar-restawr tan-natura, l-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll approċċi integrati lokali.

**Emenda 27**

## Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	<p><b>12. L-Istati Membri għandhom japplikaw approċċ ta' gvern sħiħ u jikkoordinaw l-iżvilupp, il-pre-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll mal-awtoritajiet ta' ġestjoni, u billi jqisu l-ekosistemi kollha li jinkludu l-unitajiet amministrattivi lokali.</b></p> <p><b>L-Istati Membri għandhom jifformalizzaw mekkaniżmi għall-kontribut f'waqtu tal-partijiet ikkonċernati u tal-organizzazzjonijiet għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, l-evalwazzjoni konġunta tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr qabel is-sottomissjoni, ikollhom fis-seħħ proċessi ta' feedback, u jipprovdu gwida u strumenti meħtieġa għall-allinjament tal-protokoll ta' monitoraġġ lokali, reġjonali u nazzjonali.</b></p>

**Raġuni**

Il-kompartimentalizzazzjoni tal-kompetenzi fost l-amministrazzjonijiet ixxejjel viżjoni integrata li hija meħtieġa għall-ġestjoni effettiva tal-habitats jew tal-baċiri tal-iskular li jmorru lil hinn mill-fruntieri amministrattivi. L-involvement tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni fil-pjanijiet nazzjonali ta' restawr huwa essenzjali biex tiġi stabbilita tali viżjoni komuni u integrata għar-restawr, u tiġi evitata l-implimentazzjoni ħażina (pereżempju permezz tal-protezzjoni tal-ispeċijiet f'territorju wieħed, iżda mhux f'dak ġar). Se jkunu meħtieġa strutturi u proċessi ta' governanza formalizzati għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-azzjonijiet ta' restawr.

**Emenda 28**

## Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2</p> <p>(n) sommarju tal-proċess għat- thejjiġa u l-istabbiliment tal-pjan nazzjonali ta' restawr, inkluża informazzjoni dwar il- parteċipazzjoni pubblika u dwar kif ġew ikkunsidrati l-ħtiġijiet tal- komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati;</p>	<p>2</p> <p>(n) sommarju tal-proċess għat- thejjiġa u l-istabbiliment tal-pjan nazzjonali ta' restawr, inkluża informazzjoni dwar il- parteċipazzjoni pubblika u dwar kif ġew ikkunsidrati l-ħtiġijiet tal- komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati, <b>inklużi l- awtoritajiet lokali u reġjonali, l- awtoritajiet ta' ġestjoni rispettivi, u sidien tal-art;</b></p>

**Raġuni**

Huwa pertinenti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u s-sidien tal-art jiġu inklużi fl-abbozzar tal-pjani nazzjonali ta' restawr peress li dawn se jkunu dawk li fl-aħħar mill-aħħar ifasslu, jimplementaw, jimmonitorjaw u jikkofinanzjaw miżuri ta' restawr.

**Emenda 29**

## Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-oġġettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti.	2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-oġġettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja <b>skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 dwar l-Aċċess għall-ġustizzja</b> . Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti.

**Raġuni**

Il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali li saret f'Aarhus fl-1998, tipprovdi qafas adatt biex jiġi żgurat li l-protokolli meħtieġa jiġu segwiti fir-rigward tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura.

**Emenda 30**

## Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1  (b) l-erja ta' spazju aħdar urban u kopertura urbana bis-siġar fil-bliet u fl-irħula u fis-subborgi, kif imsemmi fl-Artikolu 6;	1  (b) l-erja <b>u l-kwalità</b> ta' spazju aħdar urban u kopertura urbana bis-siġar fil-bliet u fl-irħula u fis-subborgi, kif imsemmi fl-Artikolu 6;

**Raġuni**

Evidenti.

**II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA****IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jirrikonoxxi li l-proposta dwar il-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura hija bidla fundamentali għall-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u l-impatti tat-tibdil fil-klima; u japprezza l-approċċ tagħha għal miri legalment vinkolanti, marbuta biż-żmien u sekwenzjati biex jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi kollha fl-Istati Membri, bl-għan li tiġi indirizzata b'mod urġenti d-degradazzjoni tagħhom; iqis li din il-proposta, bil-modifiki meħtieġa, hija pass kruċjali 'l quddiem li se tmexxi l-implimentazzjoni ta' qafas globali ambizzjuż tal-bijodiversità għal wara l-2020;

2. jinnota li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt eżamina l-ammont ta' spazji hodur u l-potenzjal li dan jiġdied permezz ta' tibdil fl-użu tal-art madwar l-UE u b'hekk sab li l-miri huma realistiċi. Madankollu, l-analiżi ma qisix iċ-ċirkostanzi u l-punti tat-tluq differenti f'pajjiżi, reġjuni u bliet differenti. Il-KtR jenfasizza li l-proposta għandha tiġi adattata b'mod urġenti sabiex tqis is-sitwazzjonijiet attwali li jvarjaw ħafna fid-diversi Stati Membri, reġjuni u muniċipalitajiet f'termini tal-kwantità u l-kwalità tal-ekosistemi differenti, l-istruttura reġjonali, urbana, muniċipali u tal-agglomerazzjoni, l-istruttura amministrattiva u s-sjeda tal-art;

3. jiġbed l-attenzjoni għall-qerda ambjentali mifruxa kkawżata mill-aggressjoni brutali u illegali Russa tal-Ukrajna; jenfasizza li d-degradazzjoni tal-ambjent u l-problemi marbuta se jkollhom konsegwenzi transfruntiera, li jaffettwaw kemm is-saħħa tal-bniedem kif ukoll l-ekosistemi lokali; iħeġġeġ li issa jittieħdu passi meħtieġa u ssir riflessjoni dwar azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu implimentati fir-rigward tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistema wara t-tmiem tal-gwerra;



4. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-abbozzar konġunt tal-pjani nazzjonali ta' restawr, l-identifikazzjoni ta' żoni ta' restawr u d-definizzjoni ta' indikaturi bbażati fuq il-prijoritajiet lokali u l-ħtiġijiet tal-komunità, il-kofinanzjament pubbliku u privat, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tal-pubbliku, u t-tweqqif ta' azzjonijiet ta' restawr lokali, integrati u bbażati fuq il-post; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-progress lejn il-miri għall-ekosistemi urbani u ekosistemi oħra li jaqgħu fil-limiti tal-unitajiet amministrattivi lokali; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-monitoraġġ u r-rapportar ma jsirux ta' piż amministrattiv eċċessiv u li l-għodod diġitali jkunu jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw ix-xogħol;
5. jinsisti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiddefinixxu ż-żoni ħodor urbani fil-mira u l-ħtiġijiet ta' żvilupp kwantitattivi u kwalitattivi tagħhom, u jqisu wkoll l-iżvilupp urban integrat lokali, fi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet ta' ġestjoni, biex jiżguraw li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali f'termini ta' struttura urbana u n-natura, kif ukoll jiżguraw approċċ ġust għar-restawr fiż-żoni urbani u periurbani;
6. iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjani nazzjonali ta' restawr iqisu l-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi soċjoekonomiċi, ġeografiċi u ambjentali taż-żona lokali inkwistjoni, il-komunità lokali u l-kuntest reġjonali, kif ukoll il-ħtiġijiet rilevanti ta' restawr, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekosistemi ferm vulnerabbli bħar-reġjuni ultraperiferiċi, il-gżejjer, reġjuni muntanjużi, torbieri u artijiet mistagħdra, jew żoni oħra li għandhom ħafna speċijiet endemiċi jew mħadda, kif ukoll l-ekosistemi urbani; jappella sabiex fil-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura jkun hemm enfasi espliċita fuq l-ekosistemi partikolarment vulnerabbli, u li jiġu rikonoxxuti l-kundizzjonijiet partikolari u l-ħtiġijiet ta' restawr tagħhom;
7. jinsisti li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-interazzjonijiet bijokulturali fit-tiswir tal-identitajiet lokali u fil-promozzjoni ta' pajaġġi tal-biedja ta' valur kulturali u naturali għoli, peress li dawn jirrappreżentaw il-qofol tas-suċċess biex l-identità kulturali tintrabat mill-ġdid mal-ekosistemi fuq skala globali;
8. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea inkludiet valutazzjoni tal-impatt estensiva fil-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura, li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni kemm tas-sussidjarjetà kif ukoll tal-proporzjonalità. Ir-raġunament mogħti dwar il-valur miżjud Ewropew tal-proposta u l-introduzzjoni ta' miżuri li jirriżultaw mill-kompetenzi tal-UE fl-oqsma tal-ambjent u t-tibdil fil-klima huwa f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Madankollu, il-KtR jirrimarka li l-effetti diretti u indiretti tal-Artikolu 6, bħall-konsegwenzi finanzjarji u l-impatt fuq l-amministrazzjoni interna u s-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru, mhumiex speċifikati;
9. jenfasizza r-rwol indispensabbli tal-ekosistemi bħala ħażniet tal-karbonju u protezzjoni kontra l-impatti tat-tibdil fil-klima. Dan ma jeħtieġx biss li jintemmu Prattiki dannużi, bħad-deforestazzjoni tal-foresti, l-issiġillar tal-ħamrija jew l-estrazzjoni tal-pit, iżda wkoll il-protezzjoni u r-rikostruzzjoni mmirati, bħar-restawr ta' nixxigħat, torbieri u artijiet mistagħdra;
10. josserva li r-Regolament jeħtieġ li jqis iċ-ċirkostanzi u l-punti tat-tluq differenti, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali, f'termini ta', pereżempju, diviżjoni amministrattiva, densità u żoni ekoloġiċi, kif ukoll ħtiġijiet lokali u nazzjonali; jemmen li għandhom jissaħħu l-approċċi integrati għall-iżvilupp urban u komunitarju fil-livell lokali għandhom, u li jeħtieġ li d-definizzjonijiet u l-livelli ta' rekwiżiti jkunu ċari u rilevanti fl-Unjoni kollha;
11. jenfasizza l-ħtieġa li l-bliet u l-muniċipalitajiet iżidu r-reżiljenza tagħhom għall-klima billi jipproteġu, jippromovu u jirrestawraw l-infrastruttura blu billi jagħtu haġja ġdida lill-kanali u lill-ixmajriet u joħlqu passaġġi tal-ilma; jistieden lill-Istati Membri, fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament, biex jiżguraw li l-bliet u l-muniċipalitajiet kollha b'aktar minn 20 000 abitant jiżviluppaw, jadottaw u jimplimentaw pjani għall-espansjoni rapida taż-żoni ekoloġiċi u blu;

#### A. Integrazzjoni u koerenza ta' politika

12. itenni l-importanza li l-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura tiġi integrata ma' politiki u strateġiji lokali, reġjonali u sottonazzjonali oħra eżistenti, u jenfasizza l-ħtieġa ta' strumenti u mekkaniżmi adegwati biex tissaħħaħ in-natura obbligatorja tal-liġi fil-livell lokali u sottonazzjonali. Fl-istess ħin, il-KtR jenfasizza li l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi komuni tan-natura permezz tal-għarfien lokali u s-soluzzjonijiet lokali għandha tiżdied, u mhux tiġi mfixkta. Minkejja l-istrutturi amministrattivi tal-unitajiet amministrattivi lokali, iż-żoni urbani jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala entitajiet funzjonali;
13. jenfasizza li l-miżuri ta' restawr, speċjalment fil-livell lokali, huma parti mill-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-ippjanar urban, li jridu jiġu implimentati mill-bliet u r-reġjuni permezz ta' politiki ambizzjużi li jmorru lil hinn mill-fruntieri amministrattivi, b'valutazzjoni tal-effettività ġenerali ta' kull miżura;

14. jenfasizza l-valur tal-integrazzjoni tal-pjani nazzjonali ta' restawr fil-pjani nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-miri vinkolanti skont id-Direttiva attwali dwar l-Enerġija Rinnovabbli (skont il-mira riveduta introdotta mill-pjan RePowerEU); iqis li huwa essenzjali li ż-żoni deżinjati bħala adatti (ġo-to areas) għall-enerġija rinnovabbli ma jikkompetux mal-miżuri għar-restawr tan-natura, iżda jappoġġjaw lil xulxin fil-kisba tal-ambizzjonijiet stabbiliti; f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni dwar il-bżonn li titqies l-erja mnaqqsa tar-reġjuni ultraperiferiċi u tal-gżejjer b'tali mod li jiġu kkonċiljati l-użi diversi tat-territorju sabiex iż-żoni naturali protetti ma jimpedixxux jew jostakolaw it-tranżizzjoni indispensabbli tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tal-infrastutturi rinnovabbli tal-enerġija, b'mod partikolari f'dawk fejn il-konnessjoni man-network Ewropea tal-enerġija mhix possibbli;

15. iħeġġeġ biex jingħelbu inkonsistenzi u interessi konfliġġenti, ma' oqsma oħra ta' politika (bħall-enerġija, is-sajd, il-produzzjoni tal-ikel u l-agrikoltura) li jistgħu jipperikolaw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura jew ikunu kontra l-interess pubbliku; jappella għal perspettivi allinjati bis-sħiħ biex jiżdied "piż" akbar għar-restawr tal-ekosistema fl-isferi tal-użu tal-art u tal-ippjanar tal-użu tal-art, kif ukoll biex tinholq sistema ġusta għall-kumpens għal dawk intitolati għaliha. Interessi speċifiċi fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel u s-sigurtà tal-enerġija, li ħarġu fid-dieher miċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi, għandhom isibu s-sinerġiji t-tajbin mal-implimentazzjoni tal-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura u leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-UE;

#### **B. Il-finanzjament tar-restawr tal-ekosistema, is-semplifikazzjoni tal-investment tas-settur pubbliku, u t-trawwim tal-investment tas-settur privat**

16. jiġbed l-attenzjoni għar-riżorsi finanzjarji sostanzjali meħtieġa għall-miżuri previsti fil-proposta għal Regolament; jenfasizza li għandhom jiġu allokati riżorsi finanzjarji adegwati għar-restawr, peress li l-fondi meħtieġa mhumiex disponibbli fil-programmi ta' finanzjament tal-UE fis-snin li ġejjin jew ma jistgħux jintużaw b'mod flessibbli, u li l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet ma għandhomx marġnijiet finanzjarji adegwati fil-baġits nazzjonali tagħhom; itenni l-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament immirat għar-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistema, u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-użu effettiv u mhux burokratiku tal-istrument ta' finanzjament disponibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

17. jappella għal flussi ta' finanzjament nazzjonali allokati b'allinjament sħiħ mal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet identifikati tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jappella sabiex l-istrutturi reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala korpi importanti li jistgħu jissemplifikaw u jikkoordinaw il-prijoritajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u b'hekk jinħolqu linji ta' appoġġ effettivi għall-kofinanzjament u t-trawwim ta' azzjonijiet effettivi ta' restawr fuq skala/i territorjali;

18. huwa konxju tad-diskrepanza fl-implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttivi dwar in-Natura, u għalhekk jappella għal mekkaniżmi ta' infurzar u infrastruttura ta' konformità aktar b'saħħithom, sabiex ir-restawr tal-ekosistema, barra minn azzjoni biex jitwaqqaf it-tisħin globali, ikollu mill-inqas l-istess livell ta' importanza bħal rekwiżiti oħra dwar l-użu tal-art;

19. jisħaq li l-investment tas-settur privat se jkun kruċjali biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament għar-restawr tal-ekosistema; jenfasizza l-oportunitajiet mhux sfruttati u l-ħtieġa għal miżuri għall-pilotaġġ u l-espansjoni tal-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, bħall-investment b'impatt, il-pagament għal servizzi tal-ekosistema, jew krediti għall-assorbiment tal-karbonju bbażati fuq l-art. Tali proġetti pilota għandhom jimxu id fid mal-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar strumenti ta' finanzjament ta' dan it-tip — idealment wieħed mill-oqsma ta' prijorità tas-sistema ta' appoġġ tekniku;

#### **C. Appoġġ Tekniku u l-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet lokali u reġjonali**

20. jenfasizza li t-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-azzjonijiet ta' restawr se jirrikjedu għarfien espert tekniku konsiderevoli u investment ta' riżorsi min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jimplementaw; jinnota li dan l-għarfien espert bħalissa huwa nieqes mill-awtoritajiet lokali u reġjonali; jappella sabiex dan jiġi żviluppat, jew internament, miġbur fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'territorju ġar wieħed jew aktar, jew esternalizzat;

21. jappella għal sistema komprensiva ta' appoġġ tekniku, li tinkludi: il-bini tal-kapaċitajiet fl-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jinkiseb l-għarfien espert tekniku meħtieġ; it-twaqqif ta' strumenti u proċessi ta' monitoraġġ rispettivi; gwida dwar l-allinjament tal-istrumenti, l-istandards u l-protokoll tar-rapportar fil-livelli kollha ta' governanza, u prattiki tajba dwar ir-restawr tal-ekosistema f'ġeografiji u kuntesti fiżiċi differenti;

22. jenfasizza li tali sistema ta' appoġġ għandha tibni fuq, u tkun integrata ma', għodod/pjattaformi eżistenti għall-bini tal-kapaċitajiet, bħall-Pjattaforma tal-UE għall-Ekoloġizzazzjoni Urbana, NetworkNature, Biodiversa +, BioAgora, UrbanByNature, CitiesWithNature u RegionsWithNature;
23. jappella sabiex ikun hemm sistema ta' monitoraġġ u rappurtar aċċessibbli, inklużiva u standardizzata li tippermetti metodi semplifikati għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' restawr; għall-valutazzjoni tal-istatus tal-ekosistemi; u għall-istabbiliment ta' livelli ta' indikaturi u miri ta' monitoraġġ sodisfaċenti.

Brussell, id-9 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

---

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-153 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 8.2.2023–9.2.2023

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Strateġġi reġjonali ta’ adattament sabiex tinkiseb agrikoltura b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju”**

(2023/C 157/09)

**Dokument ta’ referenza:**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (SEC(2022) 423 final) — (SWD(2022) 377 final) — (SWD(2022) 378 final)

COM(2022) 672 final — 2022/0394(COD)

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA’ POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. ifakkar li l-emerġenza klimatika globali tobligana nilħqu l-għan kollettiv Ewropew tan-newtralità klimatika sal-2050, iżda jeħtieġ li fl-istess ħin nippruvaw innaqqsu kemm jista’ jkun l-effetti ekonomiċi u soċjali negattivi tat-tranżizzjoni għat-territorji, iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE;
2. jissottolinja li l-agrikoltura, li tikkontribwixxi 13 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE, tista’ tagħti kontribut importanti biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, anke permezz ta’ prattiki li jissekwestraw il-karbonju mill-atmosfera permezz tal-fotosinteżi, u permezz tal-bijomassa, il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija, u livell għoli ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet;
3. jappoġġja, kif indika fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni tar-Regolament LULUCF<sup>(1)</sup>, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li l-mira ta’ assorbiment nett tiżdied għal 310 miljun tunnellata ta’ CO<sub>2</sub> ekwivalenti fis-settur tal-art sal-2030;
4. ifakkar fir-rwol ta’ alimentazzjoni tal-agrikoltura Ewropea li tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel għall-popolazzjoni Ewropea;
5. jinnota li, fl-istess ħin li fih għaddejnin kriżijiet ġeopolitiċi ċikliċi bħall-gwerra fl-Ukraina, hemm ukoll l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-kollass tal-bijodiversità li strutturalment jipperikolaw is-sigurtà u l-provvista tal-ikel fl-Ewropa u fid-dinja;
6. jinnota li l-avvenimenti klimatiċi estremi bħan-nixfa, in-nirien, l-għargħar u avvenimenti klimatiċi estremi oħra qegħdin dejjem aktar jiżdiedu u jsiru aktar severi, u b’hekk qegħdin jagħmlu s-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija fl-Ewropa aktar fraġli;

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni tar-Regolament LULUCF u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ĠU C 301, 5.8.2022, p. 221).

7. iqis li tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel Ewropej aktar sostenibbli, ibbażati fuq prattiki użati fl-ambitu tal-agroekoloġija u l-ekonomija ċirkolari, hija indispensabbli biex jintlaħqu l-oġġettivi Ewropej dwar il-klima, is-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni tal-bijodiversità, it-tnaqqis tal-fertilizzanti u tal-pestiċidi, id-deforestazzjoni importata u r-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni kif stabbiliti fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mod aktar wiesa'; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-prodotti agrikoli importati fl-Ewropa għandhom jissodisfaw l-istess rekwiżiti ambjentali bħal dawk prodotti fl-UE;
8. iqis, madankollu, li kwalunkwe politika għat-tranżizzjoni tas-sistemi tal-ikel Ewropej għandu jkollha bħala orizzont tisħiħ tal-awtonomija Ewropea tal-ikel u aċċess universali għal prodotti tal-ikel sostenibbli, sikuri u nutrittivi bi prezz affordabbli;
9. ifakkar fl-importanza li l-bdiewa jiġu appoġġjati biex jimplimentaw din it-tranżizzjoni permezz ta' politiki ta' appoġġ Ewropej li jkunu adegwati;
10. jissottolinja li l-attività agrikola għadha tiżgura introjtu dinjituż għall-bdiewa u li l-bdiewa għandhom ikunu remunerati b'mod ġust għas-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu. Iż-żoni rurali spiss jiġu affettwati mid-depopolazzjoni, konnettività aktar baxxa, u nuqqas ta' infrastruttura adegwata. Minħabba l-importanza taż-żoni rurali għall-produzzjoni tal-ikel, il-professjoni tal-biedja għandha tibqa' attraenti biex jiġi evitat li ġenerazzjonijiet iżgħar jitilqu mill-kampanja biex ifittxu opportunitajiet aħjar;
11. ifakkar fir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jappoġġjaw lill-bdiewa f'din it-tranżizzjoni agroekoloġika;
12. jitlob li dawn il-prattiki jkunu jistgħu jiġġeneraw introjtu addizzjonali għall-bdiewa fil-qafas taċ-ċertifikazzjoni; huwa tal-fehma li jeħtieġ ukoll, bħala prinċipju ġenerali, li jiġu żgurati l-koerenza, it-trasparenza u s-sigurtà tas-sistema b'tali mod li l-kreditu mogħtija f'dan is-settur ikunu jistgħu jitqiesu affidabbli;

### **Il-prinċipji u l-prattiki tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

13. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tanalizza forom ġodda ta' appoġġ għall-ħżin tal-karbonju fis-settur tal-art, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha dwar iċ-ċikli tal-karbonju sostenibbli;
14. madankollu, iqis li huwa importanti li dawn il-prattiki kollha ma jiġux ridotti għal sempliċiment mudell ekonomiku;
15. iqis li l-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju qabelxejn għandha tiġi definita bħala sett ta' prattiki agroekoloġiċi u ta' konservazzjoni tal-ħamrija li għandhom l-għan li jassorbu u jnaqqsu l-emissjonijiet, iżda fi ħdan approċċ aktar globali ta' restawr tal-bijodiversità, tal-ħarsien tal-ilma u tal-kwalità tal-ħamrija, tas-sigurtà tal-ikel, tal-adattament għat-tibdil fil-klima, taż-żamma tal-impjiegi agrikoli fiż-żoni rurali u tat-titjib tal-introjtu tal-bdiewa;
16. jipproponi li d-definizzjoni ta' agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tqis iż-żewġ dimensjonijiet tan-newtralità karbonika, jiġifieri s-sekwestru u t-tnaqqis assolut fl-emissjonijiet, b'tali mod li l-bdiewa jkunu jistgħu jiġu kkompensati mill-ġdid għaż-żewġ aspetti;
17. jinnota f'dan ir-rigward li approċċ ta' prattiki b'livell baxx ta' karbonju bbażat biss fuq l-effettività u l-intensità tal-karbonju ma jqis il-kumplessità tal-metodi tal-produzzjoni agrikola u r-riskju li jwassal għal intensifikazzjoni tal-metodi tal-produzzjoni b'impatti kontroproduttivi għall-ambjent b'mod ġenerali;
18. ifakkar li l-prattiki mmirati lejn il-konservazzjoni jew iż-żieda tal-kontenut tal-karbonju fil-ħamrija jgħibu ħafna benefiċċji għall-ambjent u għall-bdiewa; jenfasizza, madankollu, li dawk il-bdiewa li jużaw teknika ta' żriġ mingħajr ħrit fl-azjenda agrikola tagħhom, li tgħin biex il-karbonju jinżamm fil-ħamrija, jista' jkollhom bżonn jibqgħu jużaw b'mod limitat il-pestiċidi, peress li din it-teknika ta' żriġ mingħajr ħrit tista' tibdel b'mod sostanzjali l-ħtiġijiet marbuta mal-kontroll tal-pesti;
19. jenfasizza li, jekk ma jitwettaqx fuq bażi permanenti, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jirriskja li jitreġġa' lura faċilment, u għalhekk ma jkunx mezz permanenti għat-tneħħija tal-karbonju mill-atmosfera;
20. iqis li l-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għandha tiġi implimentata bħala prijorità f'setturi bħall-protezzjoni u r-restawr tat-torbieri, l-agroforestrija u ż-żamma ta' bwar permanenti bl-akbar potenzjal għall-ħżin u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>;
21. jissottolinja l-importanza ta' prattiki li għandhom l-għan li jsaħħu s-sistemi tal-agroforestrija, bħar-rikostituzzjoni tar-ringieli tas-sġajriet u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom, jew is-sistemi silvopastorali, li, minbarra l-kapaċità tal-ħżin tagħhom, huma sorsi ta' bijodiversità u ta' introjtu addizzjonali għall-bdiewa, kif ukoll l-importanza ta' prattiki f'ekosistemi friskju ta' erożjoni jew degradati b'potenzjal għoli ta' sekwestru tal-karbonju;

22. jesprimi dispaċir li l-ammont ta' artijiet bil-ħaxix permanenti qed ikompli jonqos minħabba li r-regoli tal-kundizzjonalità tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jawtorizzaw il-qlib ta' 5 % ta' dawn l-artijiet f'kull perjodu ta' programmazzjoni minħabba l-aġġornament tas-sena ta' referenza u l-ġestjoni tal-miżura fuq skala aggregata żżejjed;

23. ifakkar li, kif indikat fl-Opinjoni tiegħu dwar l-agroekoloġija, għandha tingħata prijorità lis-sistemi tat-trobbija estensiva u semiestensiva tal-bhejjem bħall-polikultura u t-trobbija mħallta u r-ragħa, li jippromovu t-tnaqqis tal-inputs kimiċi nitroġenużi u ż-żamma tal-bwar li huma ta' benefiċċju għall-klima u jipprovdu servizzi fl-ekosistemi;

24. jinsisti fuq iż-żamma u ż-żieda tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija fir-raba' li jinħadem permezz ta' prattiki agroekoloġiċi, u fl-istess ħin iwissi dwar id-diffikultajiet tal-permanenza fit-tul tal-karbonju maħżun fraba' li jinħadem;

### **Prinċipji ġenerali għal ċertifikazzjoni Ewropea tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

25. jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta sistema ta' ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biex tippromovi s-sekwestru tal-karbonju, inkluż fis-settur tal-art;

26. jiddispaċih, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma tipprovdi dettalji dwar ċerti kwistjonijiet ewlenin li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-governanza tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni, u huwa diżappuntat dwar l-għażla li għamlet il-Kummissjoni Ewropea li tindirizzahom permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja;

27. jistieden lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifitàjiet tas-settur agrikolu u tal-forestrija u tagħmel distinzjoni ċara fiċ-ċertifikazzjoni futura bejn il-prattiki bbażati fuq il-proċessi naturali u l-prattiki teknoloġiċi;

28. jinnota l-eżistenza ta' tikketti u ċertifikazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-karbonju, inklużi għall-agrikoltura, f'diversi Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni tqishom għall-iżvilupp ta' qafas Ewropew impenjattiv; hemm bżonn li tiġi stabbilita metodoloġija ċara u trasparenti li tiggarantixxi l-affidabbiltà tas-sistema u li tippermetti li l-kreditu jkunu trasparenti u, b'hekk, tinkiseb l-aħjar remunerazzjoni possibbli;

29. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara kif biħsiebha tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni biċ-ċertifikati ta' assorbiment mhux tal-UE li mhumiex ibbażati fuq l-istess rekwiżiti;

30. ifakkar li sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika fuq skala globali jeħtieġ li tittieħed azzjoni fuq żewġ fatturi determinanti ewlenin, jiġifieri t-tnaqqis tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra u ż-żieda tal-bjar tal-karbonju permezz tal-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni, ir-ragħa, it-tekniki agrikoli, il-kundizzjonament tal-ħamrija u soluzzjonijiet teknoloġiċi u industrijali oħra;

31. iqis li l-prijorità tal-azzjoni klimatika Ewropea trid tibqa' t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

32. jissottolinja li l-assorbimenti ma humiex alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u jitlob li dawn ikunu riżervati għall-assorbiment ta' emissjonijiet residwi u inevitabbli sabiex jiġu evitati kull dinamika spekulattiva u kull ostakolu għall-isforzi ta' mitigazzjoni;

33. jinnota li l-ksib tan-newtralità fil-livell tal-individwi, tal-atturi ekonomiċi u tal-pubbliku billi jiġu kkompensati l-emissjonijiet permezz tax-xiri ta' krediti tal-karbonju hija bbażata fuq prinċipji xjentifiċi żbaljati peress li bħalissa ma hemm l-ebda ekwivalenza bejn emissjoni ċerta u assorbiment futur u potenzjalment riversibbli;

34. jipproponi li l-qafas ta' ċertifikazzjoni Ewropew jagħmilha possibbli li jsir kontribut għan-newtralità Ewropea u globali, permezz tal-bejgħ taċ-ċertifikati tal-karbonju, fi ħdan il-ktajjen tal-provvista tal-ikel għall-kumpaniji fis-settur, biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' dekarbonizzazzjoni marbuta mal-ħtiġijiet tar-reġjuni;

35. iqis li s-setturi ekonomiċi kollha jridu jikkontribwixxu b'mod proporzjonat għall-kapaċità tagħhom li jiġġieldu t-tibdil fil-klima, u għalhekk jopponi l-użu taċ-ċertifikazzjoni tal-karbonju għall-agrikoltura għal skopijiet ta' kumpens barra mis-setturi agrikoli u agroalimentari, ħlief għas-settur tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agroalimentari; jenfasizza, madankollu, li jeħtieġ li l-użu differenti li jsir mill-art jitqies b'mod olistiku, b'mod li l-qafas regolatorju ma jħeġġiġx il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-art;

36. jiddispaċih li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma tistabilixxi regoli għall-użu ta' dawn iċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju mill-operaturi ekonomiċi u b'hekk tiftaħ il-possibbiltà għal kumpensi mhux mixtieqa;

37. jirrakkomanda li ċ-ċertifikazzjoni futura ma tħeġġiġx prattiki li għandhom esternalitajiet negattivi għall-bijodiversità u l-ambjent fis-sens wiesa', anke jekk ikunu ta' benefiċċju f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, skont il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

38. iquis li ċertifikazzjoni tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha tkun multidimensjonali u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni sistemika tas-sistemi tal-ikel lejn l-agroekoloġija, u jeħtieġ li tintegra indikaturi sempliċi dwar il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma, il-fertilità naturali tal-ħamrija u l-użu tal-inputs, li għandhom jiġu definiti f'konformità mal-metodoloġija miftiehma;
39. jipproponi li kemm it-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli kif ukoll l-assorbimenti għandhom jitqiesu fil-kuntest ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ħarsa ġenerali globali lejn l-impatt ta' proġett fuq il-klima;
40. iquis, bl-istess mod, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċertifikazzjoni Ewropea għall-agrikoltura għandu jintegra u jippromovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fil-livell tal-azjendi agrikoli sabiex tiġi mħeġġa bidla sistemika fis-sistemi tal-produzzjoni u l-prattiki;
41. jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tiffoka biss fuq l-assorbimenti tal-karbonju u ma tippermettix li jiġi vvalutat il-bilanċ globali tal-karbonju u ta' gassijiet serra oħra;
42. jitlob, madankollu, li t-tnaqqis u l-assorbimenti jingħaddu b'mod separat sabiex tiġi promossa t-trasparenza tal-proġetti u jiġu mmonitorjati l-evoluzzjoni tal-bir tal-karbonju, minn naħa, u l-emissjonijiet agrikoli, min-naħa l-oħra, mingħajr ma jingħaqdu ż-żewġ għanijiet;
43. jirrakkomanda li jiġi ddefinit il-livell it-tajeb tal-implimentazzjoni ta' ċertifikazzjoni skont il-prattiki sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ġewwa u barra l-azjenda agrikola;
44. jitlob li l-qafas futur ta' ċertifikazzjoni jiżgura l-konformità mal-kriterji ta' permanenza u li ma jkunx hemm għadd doppju;
45. jappella lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli ġusti sabiex tevita li jinħolqu effetti negattivi li jippenalizzaw lill-aktar amministraturi onesti u l-bdiewa li diġà żviluppaw azzjonijiet u Prattiki agrikoli favorevoli għas-sekwestru tal-karbonju u sabiex, fl-aħħar mill-aħħar, ma jiġux ippremjati l-bdiewa li għażlu Prattiki li huma ta' ħsara għal-livelli tal-karbonju fil-ħamrija;
46. jipproponi, f'dan ir-rigward, li ċ-ċertifikazzjoni għall-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għandha tqis ukoll il-livelli ta' saturazzjoni u ż-żamma tal-ħażniet tal-karbonju, lil hinn mir-rati ta' assorbiment;
47. ifakkar li l-kwistjoni tal-permanenza maż-żmien tal-karbonju maħżun fil-ħamrija u fil-bijomassa għadha waħda mill-problemi ewlenin fil-kuntest ta' ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;
48. jipproponi li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jkunu bbażati fuq kuntratti fit-tul u fuq impenji mhux riversibbli li jestendu lil hinn mill-perjodu tal-kuntratt, b'mod partikolari għall-proġetti tal-agroforestrija u tat-torbieri;
49. jinnota li l-Kummissjoni għażlet li tikkunsidra li l-karbonju jiġi rilaxxat mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ; iżda jqis li huwa importanti li jiġu eżaminati modi kif tiġi żgurata l-profittabbiltà fit-tul tal-prattiki ta' ħżin sabiex jitħeġġeġ ħżin permanenti;
50. jirrakkomanda qafas rigoruż għat-termini kuntrattwali sabiex il-piż u r-riskju ta' riversibbiltà jinqas b'mod ekwu fil-każ ta' problema fit-twettiq tal-kuntratt, indipendentement mir-rieda tal-ġestitur;
51. jipproponi, f'dan ir-rigward, li fiċ-ċertifikazzjoni jiġi inkluż kunċett ta' ġestjoni tar-riskji, bil-għan li l-bdiewa u l-amministraturi jiġu mħarsa minn riskji marbuta ma' avvenimenti klimatiċi bħan-nirien fil-foresti;
52. ifakkar fid-diversità tal-kundizzjonijiet f'termini ta' sistemi tal-produzzjoni fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom u jqis li ċ-ċertifikazzjoni għandha tinkorpora l-flessibbiltajiet meħtieġa biex jitqiesu dawn l-ispeċifitajiet reġjonali;
53. jitlob lill-Kummissjoni twettaq studju tal-impatt dwar il-konsegwenzi ta' ċertifikazzjoni Ewropea għall-prezzijiet tal-art u f'livell soċjoekonomiku;

#### **Sistema ta' monitoraġġ, dikjarazzjoni u verifika**

54. jinnota l-ħafna diffikultajiet marbuta mal-kontabbiltà preċiża tal-karbonju maħżun fil-ħamrija;
55. jipproponi f'dan ir-rigward l-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq Prattiki rikonoxxuti biex jizzied u jinżamm il-kontenut tal-karbonju fil-ħamrija, li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, aktar milli approċċ ibbażat biss fuq ir-riżultati;

56. jistieden fl-istess ħin lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar metodi għall-monitoraġġ tal-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija agrikola u tal-foresti u ttejjeb il-valutazzjonijiet tal-potenzjal tal-ħżin tal-karbonju qabel tvara l-qafas futur taċ-ċertifikazzjoni;
57. jipproponi li l-metodu tal-kontabbiltà għandu jkollha qas l-emissjonijiet kollha fil-livell tal-azjenda agrikola, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, sabiex jiġu evitati r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u biex tiġi mħeġġa tranżizzjoni sistemika tas-sistemi agrikoli;
58. jipproponi, f'dan ir-rigward, li l-qafas ta' monitoraġġ u verifika għandu jmur lil hinn mill-indikaturi għall-kontabbiltà tal-karbonju billi jinkludi indikaturi rilevanti għall-bijodiversità u l-awtonomija tal-azjendi agrikoli, u jissuġġerixxi li jitqiesu l-emissjonijiet għal kull ettaru aktar milli dawk abbażi tal-kwantità prodotta sabiex tiġi mħeġġa bidla lejn agrikoltura aktar estensiva u tiġi skorajaġġata l-ottimizzazzjoni permezz tal-intensifikazzjoni;
59. jirrakkomanda l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni li jkun kemm affidabbli kif ukoll aċċessibbli, mingħajr ma jiġġenera spejjeż amministrattivi u ta' kontroll sproporzjonati;
60. jipproponi l-iżvilupp fil-livell tal-Istati Membri ta' servizzi ta' konsulenza speċifiċi dwar il-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' proġetti agrikoli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, adattati għat-tipoloġiji tal-azjendi agrikoli u l-kuntesti differenti tal-produzzjoni;
61. jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' rieżami sabiex is-sistema ta' monitoraġġ u verifika tiġi adattata għall-iżviluppi fil-prattiki agrikoli u tal-forestrija;
62. jipproponi l-istabbiliment ta' regjistru Ewropew biex jiżgura t-traċċabbiltà tal-kontribuzzjonijiet u l-krediti miċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-agrikoltura, li jibni fuq l-esperjenzi eżistenti fil-livell nazzjonali jew reġjonali;

#### **Il-finanzjament tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

63. ifakkar li l-PAK hija u għandha tibqa' l-għodda ewlenija biex tiggwida u tappoġġja l-produzzjoni agrikola Ewropea lejn sistemi dejjem aktar reżiljenti u sostenibbli;
64. iqis li l-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju parzjalment iffinanzjata mis-settur privat ma hijiex maħsuba biex tissostitwixxi l-finanzjament pubbliku;
65. iqis li l-istabbiliment ta' swieq volontarji ta' kumpens jista' jinvolvi riskji kbar ta' finanzjalizzazzjoni tal-agrikoltura u ħtif tal-art agrikola fuq perjodu ta' żmien medju u twil, u li dawn ir-riskji għandhom jitqiesu minn issa mill-Kummissjoni;
66. jinnota li, bħalissa, il-prezz għal kull tunnellata ta' karbonju fis-swieq volontarji mhuwiex se jkun biżżejjed biex jappoġġja lill-bdiewa biex iwettqu tranżizzjonijiet sistemiċi u, għall-kuntrarju, jista' jiskoraġġixxi lill-ġestituri, b'mod partikolari lill-iżgħar fosthom u lil dawk inqas sensitivi għall-ekonomiji ta' skala; il-finanzjament għandu għalhekk tal-anqas jikkompensa għall-introduzzjoni ta' Prattiki ġodda u għaċ-ċertifikazzjoni;
67. jipproponi, f'dan ir-rigward, klawżoli ta' salvagwardja li, fost affarijiet oħra, ikunu jistgħu jieħdu l-forma ta' prezz massimu għaċ-ċertifikati ta' assorbiment sabiex jipprevjenu l-afforestazzjoni ta' art agrikola produttiva u l-ħtif tal-art agrikola, kif ukoll prezz minimu biex jiġi żgurat li l-iskemi ċertifikati jkunu attraenti biżżejjed għall-bdiewa u dissważivi biżżejjed għall-kumpaniji li ma jridux jagħmlu biżżejjed sforzi biex inaqqsu l-emissjonijiet;
68. jistieden lill-Kummissjoni tiffavorixxi approċċ ibridu bi ħlas inizjali parzjali bbażat fuq l-azzjonijiet u l-prattiki agrikoli, bil-bilanċ jitħallas fi tmiem il-proġett pluriennali ta' bejn 5 u 10 snin skont ir-riżultati reali;
69. jitlob li jiġu implimentati kriterji skont il-prinċipju tal-ġerarkija tal-mitigazzjoni, li jippermettu wkoll l-aċċess għax-xiri u l-finanzjament ta' krediti tal-karbonju possibbli derivati miċ-ċertifikazzjoni biss għax-xerrejja u finanzjaturi li jkunu diġà wrew tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet fis-sors sabiex jiġu limitati d-dinamiki tal-ispekulazzjoni;
70. jitlob li l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jinvolvu finanzjaturi privati jkunu orjentati bħala prijorità lejn il-parteċipazzjoni tal-atturi fil-katina tal-provvista u tal-valur tal-ikel sabiex tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur agroalimentari permezz ta' dinamiki ta' sħubija;
71. jitlob li l-finanzjament relatat maċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jkun jista' jiffunzjona b'mod komplementari għall-finanzjament tal-PAK;
72. jitlob, jekk jiġu stabbiliti swieq volontarji, li l-ispejjeż relatati mas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni jkunu koperti prinċipalment mix-xerrej tal-kreditu;



73. jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma tispeċifikax kif is-sorsi differenti ta' finanzjament (b'mod partikolari l-komplementarjetà mal-PAK) jistgħu jintużaw flimkien sabiex tiġi pprovduta remunerazzjoni li tkun ta' inċentiv suffiċjenti għall-bdiewa;

74. jipproponi li l-qafas taċ-ċertifikazzjoni jintuża bħala tassonomija biex jattira finanzjament pubbliku jew privat addizzjonali lejn proġetti ta' tranżizzjoni multidimensjonali, promossi b'mod partikolari mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'impatt pożittiv ċar fuq it-tnaqqis tal-gassijiet serra;

#### **Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali**

75. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol fundamentali fl-appoġġ għall-bdiewa biex tiġi żviluppata agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'mod partikolari għat-taħriġ tekniku ta' parteċipanti ġodda, l-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh biex jibdeu, il-pariri lill-bdiewa, regoli dwar l-art agrikola u l-urbanistika, il-ħolqien ta' azjendi agrikoli ta' dimostrazzjoni, kif ukoll għodod għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni agroekoloġika, kif ukoll il-promozzjoni tar-riċerka dwar is-sekwestru tal-karbonju skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tar-reġjun, bħall-klima u t-tip ta' ħamrija;

76. jiddispjaċih, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tinjora l-konsegwenzi li dan ir-regolament il-ġdid jista' jkollu fuq il-ġestjoni tat-territorju u l-istrategji agrikoli u tal-ikel reġjonali; huwa diżappuntat, f'dan ir-rigward, li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea mhijiex akkumpanjata minn tabella komprensiva ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà;

77. jinnota li l-bidla, it-trasformazzjoni u l-iżvilupp tal-prattiki ma jistgħux iseħħu b'mod iżolat u uniku, fil-livell tal-azjendi agrikoli biss;

78. jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tieħu kont strutturali tad-dimensjoni territorjali tad-dinamiki tat-tranżizzjoni, inkluż lejn agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u biex tinkoraġġixxi l-involvement akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, inkluża ċ-ċertifikazzjoni futura tal-emissjonijiet tal-karbonju;

79. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom rwol doppju bħala instigaturi u aggregaturi ta' proġetti agrikoli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq skala territorjali, u fl-istess ħin jipromovu l-kooperazzjoni bejn id-diversi partijiet ikkonċernati;

80. jistieden lill-Kummissjoni tinkludi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju bħala l-garanti tal-iżvilupp ta' proġetti bbażati fuq il-kooperazzjoni fi ħdan il-katina tal-provvista u f'konformità mal-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet territorjali kif ukoll l-istrategji agrikoli reġjonali għat-tnaqqis tal-gassijiet serra;

81. jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma ssemmix b'mod speċifiku l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza tal-qafas taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju, li jista' jhedded ċerti bilanċi territorjali fuq terminu medju u twil (prezzijiet tal-art, ħtif tal-art u l-awtonomija u r-reżiljenza alimentari tar-reġjuni);

82. jissuġġerixxi li tiġi analizzata l-possibbiltà li l-awtoritajiet reġjonali jistabilixxu fil-livell territorjali sistemi ta' ċertifikazzjoni taħt ir-responsabbiltà tagħhom, billi jistabilixxu qafas ta' governanza adattat għall-ħtiġijiet lokali u jiddefinixxu għadd ta' krediti disponibbli abbażi ta' kalkolu tal-emissjonijiet agrikoli u l-potenzjal ta' tnaqqis u ħżin;

83. iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jipromovu t-tagħlim bejn il-pari dwar il-prattiki tal-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz ta' azjendi agrikoli ta' dimostrazzjoni u networks ta' konsulenza fil-livell territorjali.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Vasco ALVES CORDEIRO

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa”

(2023/C 157/10)

<b>Relatur:</b>	Daniela CÎMPEAN (PPE/RO), President tal-Kunsill Reġjonali tal-Kontea ta' Sibiu
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa COM(2022) 197 final 2022/0140 (COD)

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

## Emenda 1

Artikolu 1(2), punt (a<sup>1</sup>) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dan ir-Regolament: [...]	Dan ir-Regolament: [...] <i>(a)<sup>1</sup> jagħti lill-utenti tad-data aċċess għad-data dwar is-saħħa għall-finijiet imsemmija fil-Kapitolu IV tar-Regolament.</i>

## Raġuni

L-aċċess tal-utenti tad-data huwa parti importanti mir-Regolament.

## Emenda 2

Artikolu 2(2)(n)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(n) “sistema tal-EHR” (sistema ta' rekords elettroniċi tas-saħħa) tfisser kwalunkwe apparat jew software <b>maħsub mill-manifattur biex jintuża</b> għall-ħżin, l-intermedjar, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-konverżjoni, l-editjar jew il-wiri ta' rekords elettroniċi tas-saħħa;	(n) “sistema tal-EHR” (sistema ta' rekords elettroniċi tas-saħħa) tfisser kwalunkwe apparat jew software <b>li jintuża mill-fornitur tal-kura tas-saħħa</b> għall-ħżin, l-intermedjar, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-konverżjoni, l-editjar jew il-wiri ta' rekords elettroniċi tas-saħħa;

## Raġuni

Mhuwiex il-manifattur iżda l-fornitur tal-kura tas-saħħa li jiddefinixxi l-qafas għall-użu tas-sistemi tal-EHR. L-emenda għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza bejn il-pajjiżi u ssaħħaħ is-sikurezza tal-pazjenti.

**Emenda 3**

Artikolu 2(2)(y)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“detentur tad-<i>data</i>” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, li hija entità jew korp fis-settur tas-saħħa jew tal-kura, jew li twettaq riċerka b'rabta ma' dawn is-setturi, kif ukoll istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni li għandhom id-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, mad-dritt tal-Unjoni jew mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' <i>data</i> mhux personali, permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku ta' prodott u ta' servizzi relatati, il-kapaċità li tagħmel disponibbli, inkluż li tirreġistra, ttiprovdi, tillimita l-aċċess jew tiskambja ċerta <i>data</i>;</p>	<p>“detentur tad-<i>data</i>” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, <b>fil-livell nazzjonali jew reġjonali, skont l-organizzazzjoni tas-saħħa tal-Istat Membru</b>, li hija entità jew korp fis-settur tas-saħħa jew tal-kura, jew li twettaq riċerka b'rabta ma' dawn is-setturi, kif ukoll istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni li għandhom id-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, mad-dritt tal-Unjoni jew mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' <i>data</i> mhux personali, permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku ta' prodott u ta' servizzi relatati, il-kapaċità li tagħmel disponibbli, inkluż li tirreġistra, ttiprovdi, tillimita l-aċċess jew tiskambja ċerta <i>data</i>;</p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 4**

Artikolu 2(2)(ad)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>“kwalità tad-<i>data</i>” tfisser il-grad sa fejn il-karatteristiċi tad-<i>data</i> <b>elettronika</b> dwar is-saħħa <b>huma adatti għal</b> użu <b>sekondarju</b>;</p>	<p>“kwalità tad-<i>data</i>” tfisser il-grad sa fejn il-karatteristiċi tad-<i>data</i> dwar is-saħħa <b>jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-użu</b>;</p>

**Raġuni**

Id-definizzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni ġġenerata fis-settur tal-kura tas-saħħa ma tistax tkun ibbażata biss fuq użu sekondarju; il-kunċett tal-kwalità għandu jqis ukoll l-għan li tiġi pprovduta kura. Barra minn hekk, użi differenti jista' jkollhom rekwiżiti ta' *data* differenti; l-istess *data* tista' tiġi vvalutata bħala li għandha kwalità differenti għal użi differenti.

**Emenda 5**

Artikolu 3(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-persuni fiżiċi jistgħu <b>jdaħħlu</b> d-<i>data</i> elettronika tagħhom dwar is-saħħa fl-EHR tagħhom stess jew f'dak ta' persuni fiżiċi li tagħhom jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar is-saħħa, permezz ta' servizzi jew applikazzjonijiet tal-aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa marbuta ma' dawn is-servizzi. Dik l-informazzjoni għandha tiġi mmarkata bħal imdaħħla mill-persuna fiżika jew mir-rappreżentant tagħha.</p>	<p>Il-persuni fiżiċi jistgħu, <b>f'konformità mar-regoli tal-fornitur tal-kura tas-saħħa, idaħħlu</b> d-<i>data</i> elettronika tagħhom dwar is-saħħa fl-EHR tagħhom stess jew f'dak ta' persuni fiżiċi li tagħhom jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar is-saħħa, permezz ta' servizzi jew applikazzjonijiet tal-aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa marbuta ma' dawn is-servizzi. Dik l-informazzjoni għandha tiġi mmarkata bħal imdaħħla mill-persuna fiżika jew mir-rappreżentant tagħha.</p>

**Raġuni**

Enfasi dwar l-importanza li l-fornitur tal-kura tas-saħħa jkun jista' jikkontrolla l-informazzjoni li tista' tizzied fir-rekord mediku. Inkella, ikun hemm ir-riskju li jinġabru volumi kbar ta' *data* personali sensittiva ta' kwalità baxxa.

**Emenda 6**

Artikolu 3(9)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Minkejja l-Artikolu 6(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-persuni fiżiċi għandu jkollhom id-dritt li jirrestrinġu l-aċċess tal-professjonisti tas-saħħa għad- <i>data</i> elettronika kollha tagħhom dwar is-saħħa jew għal parti minnha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli u s-salvagwardji speċifiċi dwar tali mekkaniżmi ta' restrizzjoni.	Minkejja l-Artikolu 6(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-persuni fiżiċi għandu jkollhom id-dritt li jirrestrinġu l-aċċess tal-professjonisti tas-saħħa għad- <i>data</i> elettronika kollha tagħhom dwar is-saħħa jew għal parti minnha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli u s-salvagwardji speċifiċi dwar tali mekkaniżmi ta' restrizzjoni. <b><i>Dawn ir-regoli u l-miżuri protettivi m'għandhomx ifixklu l-kapaċità tal-kura tas-saħħa li tipprovdni kura tas-saħħa tajba, sigura, ekwa u aċċessibbli. Il-persuna fiżiċi għandhom jiġu infurmati dwar ir-riskji għas-sikurezza tal-pazjenti involuti meta d-disponibbiltà tad-data dwar is-saħħa tkun limitata.</i></b>

**Raġuni**

L-għan tal-provvediment tal-kura għandu jieħu preċedenza fuq kwalunkwe possibbiltà ta' restrizzjonijiet. Ma għandux ikun possibbli li jiġi imblukkat l-aċċess għal ċerta informazzjoni, bħall-avviżi ta' twissija, u l-kustodji legali jenħtieġ li ma jkollhomx id-dritt li jimblukkaw id-*data* tat-tfal kif jidhrilhom.

**Emenda 7**

Artikolu 3(10)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-persuni fiżiċi għandu jkollhom id-dritt li jiksbu informazzjoni dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-professjonisti tas-saħħa li jkunu aċċessaw id- <i>data</i> elettronika tagħhom dwar is-saħħa fil-kuntest tal-kura tas-saħħa. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta minnufih u mingħajr ħlas permezz ta' servizzi tal-aċċess għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa.	Il-persuni fiżiċi għandu jkollhom id-dritt li jiksbu informazzjoni dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-professjonisti tas-saħħa li jkunu aċċessaw id- <i>data</i> elettronika tagħhom dwar is-saħħa fil-kuntest tal-kura tas-saħħa, <b><i>dment li dan ma jmurx kontra l-kunsiderazzjonijiet fundamentali marbuta mal-privatezza tal-professjonisti tas-saħħa.</i></b> L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta minnufih u mingħajr ħlas permezz ta' servizzi tal-aċċess għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa.

**Raġuni**

Il-protezzjoni tal-privatezza tal-fornituri tal-kura tas-saħħa jew tal-professjonisti tas-saħħa tista' titqies bħala "kunsiderazzjonijiet fundamentali". Pereżempju, jista' jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata s-sikurezza ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa li jkunu qed jiġu mhedda minn pazjenti.

**Emenda 8**

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta jipproċessaw id- <i>data</i> f'format elettroniku, il-professjonisti tas-saħħa għandhom:	Meta jipproċessaw id- <i>data</i> f'format elettroniku, il-professjonisti tas-saħħa għandhom, <b>b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-liġi nazzjonali:</b>
(a) ikollhom aċċess għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa ta' persuni fiżiċi taħt il-kura tagħhom, irrispettivament mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni u mill-Istat Membru tat-trattament;	(a) ikollhom aċċess għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa ta' persuni fiżiċi taħt il-kura tagħhom, irrispettivament mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni u mill-Istat Membru tat-trattament;
(b) jiżguraw li d- <i>data</i> elettronika personali dwar is-saħħa tal-persuni fiżiċi li jikkuraw tiġi aġġornata b'informazzjoni relatata mas-servizzi tas-saħħa pprovduti.	(b) jiżguraw li d- <i>data</i> elettronika personali dwar is-saħħa tal-persuni fiżiċi li jikkuraw tiġi aġġornata b'informazzjoni relatata mas-servizzi tas-saħħa pprovduti.

**Raġuni**

Kjarifika tal-Artikolu. Referenza għall-GDPR (Regolament (UE) 2016/679 <sup>(1)</sup>) biex jiġi ċċarat li dawn l-obbligi joriġinaw mir-Regolament.

**Emenda 9**

Artikolu 4(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad- <i>data</i> previst fir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jipprevedu l-kategoriji ta' <i>data</i> elettronika personali dwar is-saħħa meħtieġa <b>minn professjonijiet tas-saħħa differenti. Tali regoli ma għandhom ikunu bbażati fuq is-sors ta' data elettronika dwar is-saħħa.</b>	F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad- <i>data</i> previst fir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jipprevedu l-kategoriji ta' <i>data</i> elettronika personali dwar is-saħħa meħtieġa <b>fil-kura tas-saħħa.</b>

**Raġuni**

Li r-regoli jiġu bbażati fuq sorsi ta' *data* u kategoriji professjonali jeċċedi l-kompetenzi tal-UE u jwassal biex jiġu injorati l-oqfsa regolatorji nazzjonali. Il-privatezza tal-pazjent tista' tiġi kompromessa, b'mod partikolari jekk il-prinċipji tal-kondiviżjoni jinbidlu għas-sorsi eżistenti. B'mod partikolari, ir-rabta mas-sors tista' tikkomprometti l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*.

**Emenda 10**

Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aċċess għal mill-inqas il-kategoriji ta' prijorità ta' <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa msemija fl-Artikolu 5 isir disponibbli għall-professjonisti tas-saħħa permezz ta' servizzi ta' aċċess għall-professjonisti tas-saħħa. Il-professjonisti tas-saħħa li għandhom mezz ta' identifikazzjoni elettronika rikonoxxut għandu jkollhom id-dritt li jużaw dawk is-servizzi ta' aċċess għall-professjonisti tas-saħħa, mingħajr ħlas.	L-Istati Membri <b>u, fejn applikabbli, l-awtoritajiet lokali jew reġjonali</b> , għandhom jiżguraw li l-aċċess għal mill-inqas il-kategoriji ta' prijorità ta' <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa msemija fl-Artikolu 5 isir disponibbli għall-professjonisti tas-saħħa, <b>inkluż għall-kura tas-saħħa transfruntiera</b> , permezz ta' servizzi ta' aċċess għall-professjonisti tas-saħħa. Il-professjonisti tas-saħħa li għandhom mezz ta' identifikazzjoni elettronika rikonoxxut għandu jkollhom id-dritt li jużaw dawk is-servizzi ta' aċċess għall-professjonisti tas-saħħa, mingħajr ħlas.

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad- Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

**Raġuni**

Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kompetenzi tar-reġjuni fir-rigward tas-saħħa f'diversi Stati Membri.

**Emenda 11**

Artikolu 4(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta l-aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa jkun ġie ristrett mill-persuna fiżika, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonisti tas-saħħa ma għandhomx jiġu informati dwar il-kontenut tad-<i>data</i> <b>elettronika</b> dwar is-saħħa mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-persuna fiżika, <b>inkluż fejn il-fornitur</b> jew il-professjonist ikun <b>infurmat bl-eżistenza u n-natura tad-<i>data</i> elettronika</b> dwar is-saħħa ristretta.</p> <p>F'każijiet fejn l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-<i>data</i> jew ta' persuna fiżika oħra, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonist tas-saħħa jistgħu jiksbu aċċess għad-<i>data</i> elettronika ristretta dwar is-saħħa.</p> <p>Wara tali aċċess, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonist tas-saħħa għandu jinforma lid-detentur tad-<i>data</i> u lill-persuna fiżika kkonċernata jew lit-tutori tagħha li jkun ingħata aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa. Il-liġi tal-Istati Membri tista' żżid salvagwardji addizzjonali.</p>	<p>Meta l-aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa jkun ġie ristrett mill-persuna fiżika, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonisti tas-saħħa ma għandhomx jiġu informati dwar il-kontenut tad-<i>data</i> dwar is-saħħa mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-persuna fiżika. <b>Madankollu, il-fornitur tal-kura tas-saħħa</b> jew il-professjonist <b>irid</b> ikun <b>jista' jara li teżisti tali data</b> dwar is-saħħa ristretta.</p> <p>F'każijiet fejn l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-<i>data</i> jew ta' persuna fiżika oħra, <b>jew għall-interess ġenerali pubbliku</b>, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonist tas-saħħa jistgħu jiksbu aċċess għad-<i>data</i> elettronika ristretta dwar is-saħħa.</p> <p>Wara tali aċċess, il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew il-professjonist tas-saħħa għandu jinforma lid-detentur tad-<i>data</i> u lill-persuna fiżika kkonċernata jew lit-tutori tagħha li jkun ingħata aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa. Il-liġi tal-Istati Membri tista' żżid salvagwardji addizzjonali.</p>

**Raġuni**

Il-professjonisti u l-fornituri tal-kura tas-saħħa għandhom ikunu jistgħu jaraw li l-informazzjoni tkun ġiet imblukkata, anke jekk il-kontenut ta' din l-informazzjoni ma jkunx disponibbli. Kura tajba titlob li jkun magħruf jekk l-informazzjoni kollha tkunx disponibbli jew le. "L-"*interess ġenerali pubbliku*" ġie miżjud bħala raġuni addizzjonali favur l-ġhoti ta' aċċess għad-*data* biex ikun ta' protezzjoni għal interessi oħra. Dan jista' jkun, pereżempju, tħassib dwar il-kontroll tal-infezzjonijiet.

**Emenda 12**

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex temenda l-lista ta' kategoriji ta' prijorità ta' <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa fil-paragrafu 1. [...]</p> <p>(c) jeżistu standards internazzjonali għall-kategorija li ġew eżaminati għall-possibbiltà tal-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex temenda l-lista ta' kategoriji ta' prijorità ta' <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa fil-paragrafu 1. [...]</p> <p>(c) jeżistu standards internazzjonali għall-kategorija li ġew eżaminati għall-possibbiltà tal-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni;</p> <p><b>(d) tiġi żgurata mill-Istati Membri l-ħtieġa għall-kondizzjoni tal-informazzjoni fil-kategoriji ta' prijorità.</b></p>

**Raġuni**

Il-prijoritajiet għall-kategoriji l-ġodda għandhom ikunu ggwidati minn ħtiġijiet reali fl-Istati Membri. F'ħafna pajjiżi, il-livell reġjonali u lokali huwa responsabbli għall-kura u għandu jkun involut fil-proċess ta' prijoritizzazzjoni.

**Emenda 13**

Artikolu 7(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta d- <i>data</i> tiġi pproċessata f'format elettroniku, il-professjonisti tas-saħħa jirreġistraw sistematikament id- <i>data</i> rilevanti dwar is-saħħa li taqa' taħt <b>mill-inqas</b> il-kategoriji ta' prijorità msemmija fl-Artikolu 5 dwar is-servizzi tas-saħħa pprovduti minnhom lil persuni fiżiċi, fil-format elettroniku f'sistema tal-EHR.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta d- <i>data</i> tiġi pproċessata f'format elettroniku, il-professjonisti tas-saħħa jirreġistraw sistematikament id- <i>data</i> rilevanti dwar is-saħħa li taqa' taħt il-kategoriji ta' prijorità msemmija fl-Artikolu 5 dwar is-servizzi tas-saħħa pprovduti minnhom lil persuni fiżiċi, fil-format elettroniku f'sistema tal-EHR.

**Raġuni**

Il-kelma "mill-inqas" hija vaga wisq. Ir-Regolament għandu jirregola l-kategoriji msemmija fl-Artikolu 5 f'kull ħin. Jekk ikun meħtieġ li jsir skambju ta' għadd akbar ta' kategoriji ta' *data* elettronika dwar is-saħħa għal finijiet ta' kura tas-saħħa, il-lista ta' kategoriji ta' prijorità jkollha tiġi estiża.

**Emenda 14**

Artikolu 9(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta persuna fiżika tuża servizzi tat-telemediċina jew servizzi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa personali msemmija fl-Artikolu 3(5)(a), dik il-persuna fiżika għandu jkollha d-dritt li tidentifika b'mod elettroniku, bl-użu ta' kwalunkwe mezz ta' identifikazzjoni elettronika li huwa rikonoxxut skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.	Meta persuna fiżika tuża servizzi tat-telemediċina jew servizzi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa personali msemmija fl-Artikolu 3(5)(a), dik il-persuna fiżika għandu jkollha d-dritt li tidentifika b'mod elettroniku, bl-użu ta' kwalunkwe mezz ta' identifikazzjoni elettronika li huwa rikonoxxut skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. <b>Meta jsir dan, għandhom jitqiesu l-mudelli ta' identifikazzjoni elettronika eżistenti fl-Istati Membri.</b>

**Raġuni**

Il-mudelli eżistenti fl-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati.

**Emenda 15**

Artikolu 10(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Awtorità tas-saħħa online  1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità tas-saħħa online responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan il-Kapitolu fil-livell nazzjonali. L-Istat Membru għandu jikkomunika l-identità tal-awtorità tas-saħħa online lill-Kummissjoni sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta awtorità tas-saħħa online maħtura tkun entità li tikkonsisti minn diversi organizzazzjonijiet, l-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni deskrizzjoni tas-separazzjoni tal-kompiti bejn l-organizzazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.	Awtorità tas-saħħa online  1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità tas-saħħa online responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan il-Kapitolu fil-livell nazzjonali. <b>L-Istati Membri jistgħu wkoll jaħtru wkoll awtoritajiet reġjonali tas-saħħa elettronika responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar fil-livell reġjonali.</b> L-Istat Membru għandu jikkomunika l-identità tal-awtorità tas-saħħa online lill-Kummissjoni sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta awtorità tas-saħħa online maħtura tkun entità li tikkonsisti minn diversi organizzazzjonijiet, l-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni deskrizzjoni tas-separazzjoni tal-kompiti bejn l-organizzazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

**Raġuni**

Biex tiġi introdotta l-possibbiltà li jinħatru awtoritajiet reġjonali tas-saħħa elettronika.

**Emenda 16**

Artikolu 10(2)(h)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kull awtorità tas-saħħa online għandha tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin: [...]</p> <p>(h) tikkontribwixxi, fil-livell tal-Unjoni, għall-iżvilupp tal-format Ewropew għall-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa u għat-tfassil ta' speċifikazzjonijiet komuni li jindirizzaw it-tfassil dwar l-interoperabbiltà, is-sigurtà, is-sikurezza jew id-drittijiet fundamentali f'konformità mal-Artikolu 23 u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-bażi tad-data tal-UE għas-sistemi tal-EHR u l-applikazzjonijiet tal-benessri msemmija fl-Artikolu 32;</p>	<p>Kull awtorità tas-saħħa online għandha tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin: [...]</p> <p>(h) tikkontribwixxi, fil-livell tal-Unjoni <b>u f'kooperazzjoni mal-livell reġjonali u lokali fi ħdan l-Istati Membri</b>, għall-iżvilupp tal-format Ewropew għall-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa u għat-tfassil ta' speċifikazzjonijiet komuni li jindirizzaw it-tfassil dwar l-interoperabbiltà, is-sigurtà, is-sikurezza jew id-drittijiet fundamentali <b>u mudelli ta' interazzjoni</b> f'konformità mal-Artikolu 23 u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-bażi tad-data tal-UE għas-sistemi tal-EHR u l-applikazzjonijiet tal-benessri msemmija fl-Artikolu 32;</p>

**Raġuni**

Fejn il-livell reġjonali u lokali huwa responsabbli għall-kura tas-saħħa fi Stat Membru, mhuwiex biżżejjed li awtorità tal-Istat tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-format.

**Emenda 17**

Artikolu 10(2)(k)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kull awtorità tas-saħħa online għandha tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin: [...]</p> <p>(k) <b>toffri</b>, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, servizzi tat-telemediċina u <b>tiżgura</b> li tali servizzi jkunu faċli biex jintużaw, aċċessibbli għal gruppi differenti ta' persuni fiżiċi u professjonisti tas-saħħa, inklużi persuni fiżiċi b'diżabbiltà, ma jiddiskriminawx u joffru l-possibbiltà ta' għażla bejn servizzi personali u diġitali;</p>	<p>Kull awtorità tas-saħħa online għandha tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin: [...]</p> <p>(k) <b>fil-każ li Stat Membru jaċċetta li jipprovi</b>, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, servizzi tat-telemediċina, <b>jiffaċilita l-forniment tagħhom</b> u <b>jiżgura</b> li tali servizzi jkunu faċli biex jintużaw, aċċessibbli għal gruppi differenti ta' persuni fiżiċi u professjonisti tas-saħħa, inklużi persuni fiżiċi b'diżabbiltà, ma jiddiskriminawx u joffru l-possibbiltà ta' għażla bejn servizzi personali u diġitali;</p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet tas-saħħa diġitali m'għandhomx ikunu obbligati joffru servizzi tat-telemediċina, iżda l-Istati Membri li joffru dawn is-servizzi għandhom jiffaċilitaw il-forniment tagħhom.



**Emenda 18**

Artikolu 10(2)(m)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(m) tikkoopera ma' entitajiet u korpi rilevanti oħra fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà, il-portabbiltà tad- <i>data</i> u s-sigurtà tad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa, kif ukoll ma' rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati, inklużi rappreżentanti tal-pazjenti, fornituri tal-kura tas-saħħa, professjonisti tas-saħħa, assoċjazzjonijiet tal-industrija;	(m) tikkoopera ma' entitajiet u korpi rilevanti oħra fil-livell <b>lokali, reġjonali</b> , nazzjonali jew tal-Unjoni, biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà, il-portabbiltà tad- <i>data</i> u s-sigurtà tad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa, kif ukoll ma' rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati, inklużi rappreżentanti tal-pazjenti, fornituri tal-kura tas-saħħa, professjonisti tas-saħħa, assoċjazzjonijiet tal-industrija;

**Raġuni**

Il-kompetenzi tar-reġjuni fir-rigward tas-saħħa f'diversi Stati Membri għandhom jiġu kkunsidrati.

**Emenda 19**

Artikolu 23(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, inkluż skadenza għall-implimentazzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni. Fejn rilevanti, l-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom iqisu l-ispeċifitajiet tal-apparati mediċi u tas-sistemi tal-IA ta' riskju għoli msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4).	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, inkluż skadenza għall-implimentazzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni. Fejn rilevanti, l-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom iqisu l-ispeċifitajiet tal-apparati mediċi u tas-sistemi tal-IA ta' riskju għoli msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4). <b>Fl-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet komuni, il-punt tat-tluq għandu jkun l-użu ta' sistemi elettroniċi tar-rekords tas-saħħa biex jappoġġjaw kura tajba.</b>

**Raġuni**

L-għan ewlieni tar-rekords tal-pazjenti huwa li jappoġġjaw kura tajba. Dan għandu jkun il-punt tat-tluq meta jiġu żviluppata speċifikazzjonijiet komuni bil-ħsieb li jiġu sfruttati Prattiki tajbin u l-esperjenza tal-Istati Membri li diġà żviluppaw sistema ta' rekords elettroniċi tas-saħħa.

**Emenda 20**

Artikolu 29(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-manifatturi tas-sistemi tal-EHR introdotti fis-suq għandhom jirrapportaw kwalunkwe inċident serju li jinvolvi sistema tal-EHR lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikun seħħ inċident serju bħal dan u l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew previsti mill-manifattur.	Il-manifatturi tas-sistemi tal-EHR introdotti fis-suq għandhom jirrapportaw kwalunkwe inċident serju li jinvolvi sistema tal-EHR lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikun seħħ inċident serju bħal dan u l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew previsti mill-manifattur.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Tali notifika għandha ssir, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' notifika ta' inċidenti skont id-Direttiva (UE) 2016/1148, immedjatament wara li l-manifattur ikun stabbilixxa rabta kawżali bejn is-sistema tal-EHR u l-inċident serju jew il-probabbiltà raġonevoli ta' tali rabta, u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn <b>15-il jum</b> wara li l-manifattur ikun saf jaf bl-inċident serju li jinvolvi s-sistema tal-EHR.	Tali notifika għandha ssir, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' notifika ta' inċidenti skont id-Direttiva (UE) 2016/1148, immedjatament wara li l-manifattur ikun stabbilixxa rabta kawżali bejn is-sistema tal-EHR u l-inċident serju jew il-probabbiltà raġonevoli ta' tali rabta, u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn <b>7 ijiem</b> wara li l-manifattur ikun saf jaf bl-inċident serju li jinvolvi s-sistema tal-EHR.

### Raġuni

Il-perjodu ma għandux ikun itwal minn ġimgħa. Il-15-il jum proposti biex jiġi nnotifikat inċident serju żżid b'mod konsiderevoli r-riskju li tikkawża ħsara ta' severità kbira.

### Emenda 21

Artikolu 33(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<b>Id-detenturi tad-data</b> għandhom <b>jagħmlu</b> l-kategoriji ta' <b>data</b> elettronika li <b>għejjin</b> disponibbli għall-użu sekondarju f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu: <b>(a) [...] (o)</b>	<b>L-Istati Membri</b> għandhom, <b>f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jiddeterminaw</b> il-kategoriji ta' <b>data</b> elettronika <b>li d-detenturi tad-data għandhom jagħmlu</b> disponibbli għall-użu sekondarju f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu. <b>Dan jista' jiġi rregolat permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 68(2).</b>

### Raġuni

Ir-Regolament ma għandux jispeċifika l-kategoriji kollha. Jinħtieġu aktar ħidma u analiżi biex jiġu ddeterminati t-tipi ta' **data** li għandhom jiġu kondiviżi, u għalhekk huma aktar adatti għall-atti ta' implimentazzjoni. Il-lista tinterferixxi b'mod sinifikanti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti.

### Emenda 22

Artikolu 33(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta l-kunsens tal-persuna fiżika jkun meħtieġ mil-liġi nazzjonali, il-korpi tal-aċċess għad- <b>data</b> dwar is-saħħa għandhom jiddependu fuq l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu biex jipprovdu aċċess għad- <b>data</b> elettronika dwar is-saħħa.	Meta l-kunsens tal-persuna fiżika jkun meħtieġ mil-liġi nazzjonali, <b>anke permezz tar-rappreżentant tagħha</b> , il-korpi tal-aċċess għad- <b>data</b> dwar is-saħħa għandhom jiddependu fuq l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu biex jipprovdu aċċess għad- <b>data</b> elettronika dwar is-saħħa.

### Raġuni

Huwa suġġerit li jkun hemm dispożizzjoni espliċita għall-każ fejn il-persuna fiżika tixtieq jew ikollha taġixxi permezz tar-rappreżentant personali tagħha.

**Emenda 23**

Artikolu 35(e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>(e) l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-individwi u lis-soċjetajiet b'mod ġenerali, inkluż, iżda mhux limitat għal, drogi illeċiti, xorb alkoħoliku, prodotti tat-tabakk, <b>jew oġġetti jew servizzi li jkunu mfassla jew immodifikati b'tali mod li jiksru l-ordni pubbliku jew il-moralità.</b></p>	<p>(e) l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-individwi u lis-soċjetajiet b'mod ġenerali, inkluż, iżda mhux limitat għal, drogi illeċiti, xorb alkoħoliku <b>jew</b> prodotti tat-tabakk;</p> <p>(f) <b><i>l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi li jistgħu joħlqu diskriminazzjoni (f' termini ta' razza, ġeneru, età jew orjentazzjoni sesswali).</i></b></p>

**Raġuni**

Dak li jikkostitwixxi l-ordni pubbliku u l-moralità huwa kwistjoni ta' valutazzjoni. Għalhekk mhuwiex mixtieq li l-UE tintroduċi regoli dwar il-moralità fl-EHDS. Fejn huma kkonċernati oġġetti u servizzi speċifiċi, dawn għandhom minflok jiġu speċifikati b'mod espliċitu, possibbilment permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Għall-punt (f), ir-raġunijiet għat-tressiq tal-emenda huma evidenti mit-test innifsu.

**Emenda 24**

Artikolu 36(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. Fit-tweqqiq tal-kompiti tagħhom, il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jikkooperaw b'mod attiv mar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati, speċjalment mar-rappreżentanti tal-pazjenti, tad-detenturi tad-<i>data</i> u tal-utenti tad-<i>data</i>. Il-persunal tal-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jevita kwalunkwe kunflitt ta' interess. Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa ma għandhom ikunu marbuta b'ebda struzzjoni, meta jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.</p>	<p>3. Fit-tweqqiq tal-kompiti tagħhom, il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jikkooperaw b'mod attiv mar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati, speċjalment mar-rappreżentanti tal-pazjenti, tad-detenturi tad-<i>data</i> u tal-utenti tad-<i>data</i>. Il-persunal tal-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jevita kwalunkwe kunflitt ta' interess. <b><i>“Kunflitt ta' interess” tfisser l-eżistenza ta' rabta formali, diretta jew indiretta, ma' waħda jew aktar mill-entitajiet li huma d-detenturi jew il-benefiċjarji tad-<i>data</i> kkonċernata.</i></b> Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa ma għandhom ikunu marbuta b'ebda struzzjoni <b><i>mingħand entità esterna oħra</i></b>, meta jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.</p>

**Raġuni**

Huwa meħtieġ li jiġi definit b'mod aktar ċar il-kunċett ta' “kunflitt ta' interess”. L-espressjoni “ma għandhom ikunu marbuta b'ebda struzzjoni” teħtieġ kjarifika. Ir-regolamenti jew ir-regoli interni ma għandhomx jidħlu f'din il-kategorija.

**Emenda 25**

Artikolu 38(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa jkun infurmat minn utent tad- <i>data</i> b'sejba li jista' jkollha impatt fuq is-saħħa ta' persuna fiżika, il-korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa <b>jista'</b> jinforma lill-persuna fiżika u lill-professjonist tas-saħħa li jkun qed jikkuraha <b>dwar dik is-sejba</b> .	Meta korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa jkun infurmat minn utent tad- <i>data</i> b'sejba li jista' jkollha impatt fuq is-saħħa ta' persuna fiżika, il-korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa <b>għandu</b> jinforma lill-persuna fiżika u lill-professjonist tas-saħħa li jkun qed jikkuraha <b>li tkun saret</b> sejba, <b>u tingħata l-opportunità lill-persuna fiżika li tirċievi informazzjoni dwar x'tinvolvi s-sejba, jew li toġġezzjona li tirċeviha, anke permezz tar-rappreżentant tagħha.</b>

**Raġuni**

Għandu jsir obligatorju li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-eżistenza ta' sejba. Fl-istess ħin, il-persuna għandha tingħata l-opportunità li tikkunsidra jekk tixtieqx tirċievi aktar informazzjoni dwar is-sejba jew le.

**Emenda 26**

Artikolu 43(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-korpi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandu jkollhom is-setgħa li jirrevokaw il-permess tad- <i>data</i> maħruġ skont l-Artikolu 46 u jwaqqfu l-operazzjoni tal-ipproċessar tad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa affettwata mwettqa mill-utent tad- <i>data</i> sabiex jiżguraw il-waqfien tan-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 3, immedjatament jew f'terminu raġonevoli, u għandhom jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati mmirati biex jiżguraw proċessar konformi mill-utenti tad- <i>data</i> . F'dan ir-rigward, il-korpi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandhom ikunu jistgħu, fejn xieraq, jirrevokaw il-permess tad- <i>data</i> u jeskludu l-utent tad- <i>data</i> minn kwalunkwe aċċess għal <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa għal perjodu sa ħames snin.	Il-korpi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandu jkollhom is-setgħa li jirrevokaw il-permess tad- <i>data</i> maħruġ skont l-Artikolu 46 u jwaqqfu l-operazzjoni tal-ipproċessar tad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa affettwata mwettqa mill-utent tad- <i>data</i> sabiex jiżguraw il-waqfien tan-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 3, immedjatament jew f'terminu raġonevoli, u għandhom jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati mmirati biex jiżguraw proċessar konformi mill-utenti tad- <i>data</i> . F'dan ir-rigward, il-korpi tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandhom ikunu jistgħu, fejn xieraq, <b>jimmultaw (sa 10 % tal-fatturat annwali tal-utent tad-<i>data</i> fis-sena finanzjarja preċedenti) jew</b> jirrevokaw il-permess tad- <i>data</i> u jeskludu l-utent tad- <i>data</i> minn kwalunkwe aċċess għal <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa għal perjodu sa ħames snin.

**Raġuni**

Is-sanzjonijiet għandhom jissaħħu f'każ ta' użu ħażin tar-Regolament.

**Emenda 27**

Artikolu 44

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandu jiżgura li l-aċċess jiġi pprovdut biss għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa mitluba rilevanti għall-iskop tal-ipproċessar indikat fl-applikazzjoni għall-aċċess għad- <i>data</i> mill-utent tad- <i>data</i> u f'konformità mal-permess tad- <i>data</i> mogħti.	1. Il-korp tal-aċċess għad- <i>data</i> dwar is-saħħa għandu jiżgura li l-aċċess jiġi pprovdut biss għad- <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa mitluba rilevanti għall-iskop tal-ipproċessar indikat fl-applikazzjoni għall-aċċess għad- <i>data</i> mill-utent tad- <i>data</i> u f'konformità mal-permess tad- <i>data</i> mogħti.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>2. Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu d-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'format anonimizzat, meta l-iskop tal-ipproċessar mill-utent tad-<i>data</i> jista' jinkiseb b'tali <i>data</i>, waqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-utent tad-<i>data</i>.</p> <p>3. Meta l-iskop tal-ipproċessar tal-utent tad-<i>data</i> ma jkunx jista' jinkiseb b'<i>data</i> anonimizzata, filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta mill-utent tad-<i>data</i>, il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'format psewdonimizzat. L-informazzjoni meħtieġa biex titreġġa' lura l-psewdonimizzazzjoni għandha tkun disponibbli biss għall-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa. L-utenti tad-<i>data</i> ma għandhomx jergġu jidentifikaw id-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa pprovduta lilhom f'format psewdonimizzat. In-nuqqas tal-utent tad-<i>data</i> li jirrispetta l-miżuri tal-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa li jiżguraw l-psewdonimizzazzjoni għandu jkun suġġett għal penali xierqa.</p>	<p>2. Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu d-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'format anonimizzat, meta l-iskop tal-ipproċessar mill-utent tad-<i>data</i> jista' jinkiseb b'tali <i>data</i>, waqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-utent tad-<i>data</i>.</p> <p>3. Meta l-iskop tal-ipproċessar tal-utent tad-<i>data</i> ma jkunx jista' jinkiseb b'<i>data</i> anonimizzata, filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta mill-utent tad-<i>data</i>, il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'format psewdonimizzat. L-informazzjoni meħtieġa biex titreġġa' lura l-psewdonimizzazzjoni għandha tkun disponibbli biss għall-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa. L-utenti tad-<i>data</i> ma għandhomx jergġu jidentifikaw id-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa pprovduta lilhom f'format psewdonimizzat. In-nuqqas tal-utent tad-<i>data</i> li jirrispetta l-miżuri tal-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa li jiżguraw l-psewdonimizzazzjoni għandu jkun suġġett għal penali xierqa.</p> <p><b>4. Fejn meħtieġ, il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jistgħu jipprovdu <i>data</i> elettronika personali dwar is-saħħa, filwaqt li jqisu r-Regolament (UE) 2016/679 u l-liġi nazzjonali.</b></p>

### Raġuni

F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni jista' jkun hemm bżonn li jingħata aċċess għal *data* elettronika personali dwar is-saħħa għall-użu sekondarju, eż. b'rabta mar-riċerka fl-interess pubbliku. Huwa evidenti li dan irid isir b'konformità mal-GDPR tal-UE [ir-Regolament (UE) 2016/679] u l-liġi nazzjonali.

### Emenda 28

#### Artikolu 46(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>3. Korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu joħroġ jew jirrifjuta permess tad-<i>data</i> fi żmien <b>xahrejn</b> minn meta jirċievi l-applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i>. B'deroga minn dak ir-Regolament [...] [l-Att dwar il-Governanza tad-<i>Data</i> COM/2020/767 final], il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jestendi l-perjodu biex iwieġeb għal applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> b'<i>xahrejn</i> oħra fejn meħtieġ, filwaqt li jqis il-kumplessità tat-talba. F'każijiet bħal dawn, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jinnotifika lill-applikant mill-aktar fis possibbli li jeħtieġ aktar żmien biex jeżamina l-applikazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. Meta korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jonqos milli jipprovdi deċiżjoni fit-termi nu mogħti, il-permess tad-<i>data</i> għandu jinħareġ.</p>	<p>3. Korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu joħroġ jew jirrifjuta permess tad-<i>data</i> fi żmien <b>3 xhur</b> minn meta jirċievi l-applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i>. B'deroga minn dak ir-Regolament [...] [l-Att dwar il-Governanza tad-<i>Data</i> COM/2020/767 final], il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jestendi l-perjodu biex iwieġeb għal applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> b'<i>xahrejn</i> oħra fejn meħtieġ, filwaqt li jqis il-kumplessità tat-talba. F'każijiet bħal dawn, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jinnotifika lill-applikant mill-aktar fis possibbli li jeħtieġ aktar żmien biex jeżamina l-applikazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. Meta korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jonqos milli jipprovdi deċiżjoni fit-termi nu mogħti, il-permess tad-<i>data</i> għandu jinħareġ.</p>

**Raġuni**

Il-korp tal-aċċess għad-*data* dwar is-saħħa jista' jkollu bżonn ftit żmien biex jivvaluta l-applikazzjonijiet.

**Emenda 29**

Artikolu 46(9)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Permess tad-<i>data</i> għandu jinħareġ għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-iskopijiet mitluba li ma għandux jaqbeż <b>il-ħames</b> snin. Dan it-tul ta' żmien jista' jiġi estiż darba, fuq talba tal-utent tad-<i>data</i>, abbażi ta' argumenti u dokumenti li jiġġustifikaw din l-estensjoni ppreżentati xahar qabel ma jiskadi l-permess tad-<i>data</i>, <b>għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-ħames snin</b>. B'deroga mill-Artikolu 42, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jimponi tariffi addizzjonali biex jirriflettu l-kostijiet u r-riskji tal-ħżin tad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa għal perjodu itwal ta' żmien li jaqbeż l-ewwel <b>ħames</b> snin. Sabiex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u t-tariffi, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jipproponi wkoll lill-utent tad-<i>data</i> biex jaħżen is-sett tad-<i>data</i> f'sistema tal-ħżin b'kapaċitajiet imnaqqsa. Id-<i>data</i> fl-ambjent tal-ipproċessar sigur għandha titħassar fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza tal-permess tad-<i>data</i>. Fuq talba tal-utent tad-<i>data</i>, il-formula dwar il-ħolqien tas-sett tad-<i>data</i> mitlub għandha tinħażen mill-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa.</p>	<p>Permess tad-<i>data</i> għandu jinħareġ għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-iskopijiet mitluba li ma għandux jaqbeż <b>l-għaxar</b> snin. Dan it-tul ta' żmien jista' jiġi estiż darba <b>għal massimu ta' sentejn</b>, fuq talba tal-utent tad-<i>data</i>, abbażi ta' argumenti u dokumenti li jiġġustifikaw din l-estensjoni ppreżentati xahar qabel ma jiskadi l-permess tad-<i>data</i>. B'deroga mill-Artikolu 42, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jimponi tariffi addizzjonali biex jirriflettu l-kostijiet u r-riskji tal-ħżin tad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa għal perjodu itwal ta' żmien li jaqbeż l-ewwel <b>għaxar</b> snin. Sabiex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u t-tariffi, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa jista' jipproponi wkoll lill-utent tad-<i>data</i> biex jaħżen is-sett tad-<i>data</i> f'sistema tal-ħżin b'kapaċitajiet imnaqqsa. Id-<i>data</i> fl-ambjent tal-ipproċessar sigur għandha titħassar fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza tal-permess tad-<i>data</i>. Fuq talba tal-utent tad-<i>data</i>, il-formula dwar il-ħolqien tas-sett tad-<i>data</i> mitlub għandha tinħażen mill-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa.</p>

**Raġuni**

Ħafna proġetti ta' riċerka jirrikjedu li d-*data* tinħażen għal aktar minn ħames snin. L-emenda tippermetti valutazzjoni aktar flessibbli dwar it-tul tal-*“perjodu meħtieġ”*, sabiex id-*data* tkun tista' tinħażen sa perjodu ta' għaxar snin. Min-naħa l-oħra, il-perjodu ta' estensjoni għandu jkun inqas mill-ħames snin proposti.

**Emenda 30**

Artikolu 47(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta applikant ikun talab riżultat f'forma anonimizzata, inkluż format ta' statistika, abbażi ta' talba għad-<i>data</i>, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jivvaluta, fi żmien xahrejn u, fejn possibbli, jipprovdi r-riżultat lill-utent tad-<i>data</i> fi żmien xahrejn.</p>	<p>Meta applikant ikun talab riżultat f'forma anonimizzata, inkluż format ta' statistika, abbażi ta' talba għad-<i>data</i>, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jivvaluta, fi żmien xahrejn u, fejn possibbli, jipprovdi r-riżultat lill-utent tad-<i>data</i> fi żmien xahrejn. <b>Meta ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta tali data, il-korp tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandu jipprovdi lill-applikant b'ġustifikazzjoni għar-rifjut tiegħu.</b></p>

**Raġuni**

L-Artikolu jipprevedi li d-*data* tiġi pprovduta “fejn possibbli”. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-applikant għandu jiġi pprovdut b’ġustifikazzjoni li tispijega għaliex dan ma huwiex possibbli.

**Emenda 31**

Artikolu 49(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>1. Meta applikant jitlob aċċess għal <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa mingħand detentur tad-<i>data</i> uniku fi Stat Membru wieħed biss, b’deroga mill-Artikolu 45(1), dak l-applikant jista’ jippreżenta applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> jew talba għad-<i>data</i> direttament lid-detentur tad-<i>data</i>. L-applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 u t-talba għad-<i>data</i> għandha tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikolu 47. It-talbiet għal diversi pajjiżi u t-talbiet li jirrikjedu l-kombinazzjoni ta’ settijiet ta’ <i>data</i> minn diversi detenturi tad-<i>data</i> għandhom jiġu indirizzati lill-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa.</p>	<p>1. Meta applikant jitlob aċċess għal <i>data</i> elettronika dwar is-saħħa mingħand detentur tad-<i>data</i> uniku fi Stat Membru wieħed biss, b’deroga mill-Artikolu 45(1), dak l-applikant jista’ jippreżenta applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> jew talba għad-<i>data</i> direttament lid-detentur tad-<i>data</i>. <b><i>Id-detentur uniku tad-data għandu jirrifjuta l-awtorizzazzjoni tad-data li fiċ-ċirkostanzi tagħha każijiet individwali jistgħu jiġu attribwiti lil persuna speċifika minkejja l-psewdonimizzazzjoni.</i></b> L-applikazzjoni għall-aċċess għad-<i>data</i> għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 u t-talba għad-<i>data</i> għandha tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikolu 47. It-talbiet għal diversi pajjiżi u t-talbiet li jirrikjedu l-kombinazzjoni ta’ settijiet ta’ <i>data</i> minn diversi detenturi tad-<i>data</i> għandhom jiġu indirizzati lill-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa.</p>

**Raġuni**

L-anonimità hija kruċjali fir-rigward tad-*data* dwar is-saħħa.

**Emenda 32**

Artikolu 50(1)(f)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa biss permezz ta’ ambjent ta’ pproċessar sigur, b’miżuri tekniċi u organizzattivi u rekwiżiti ta’ sigurtà u interoperabbiltà. B’mod partikolari, huma għandhom jieħdu l-miżuri ta’ sigurtà li ġejjin:</p> <p>[...]</p> <p>(f) jiżguraw il-konformità u jimmonitorjaw il-miżuri ta’ sigurtà msemmija f’dan l-Artikolu biex <b><i>itaffu t-theddid</i></b> potenzjali għas-sigurtà.</p>	<p>Il-korpi tal-aċċess għad-<i>data</i> dwar is-saħħa għandhom jipprovdu aċċess għad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa biss permezz ta’ ambjent ta’ pproċessar sigur, b’miżuri tekniċi u organizzattivi u rekwiżiti ta’ sigurtà u interoperabbiltà. B’mod partikolari, huma għandhom jieħdu l-miżuri ta’ sigurtà li ġejjin:</p> <p>[...]</p> <p>(f) jiżguraw il-konformità u jimmonitorjaw il-miżuri ta’ sigurtà msemmija f’dan l-Artikolu biex <b><i>jimminimizzaw it-theddid</i></b> potenzjali għas-sigurtà.</p>

**Raġuni**

Il-miżuri ta’ sigurtà għandu jkollhom l-għan li jimminimizzaw, u mhux itaffu, it-theddid potenzjali għas-sigurtà.

**Emenda 33**

## Artikolu 65(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Kompiti tal-Bord tal-EHDS</p> <p>1. Il-Bord tal-EHDS għandu jkollu l-kompiti li ġejjin relatati mal-użu primarju tad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'konformità mal-Kapitoli II u III:</p> <p>[...]</p> <p>(b) joħroġ kontribuzzjonijiet bil-miktub u jaqsam l-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati mal-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan, b'mod partikolari fir-rigward ta':</p> <p>[...]</p>	<p>Kompiti tal-Bord tal-EHDS</p> <p>1. Il-Bord tal-EHDS għandu jkollu l-kompiti li ġejjin relatati mal-użu primarju tad-<i>data</i> elettronika dwar is-saħħa f'konformità mal-Kapitoli II u III:</p> <p>[...]</p> <p>(b) joħroġ kontribuzzjonijiet bil-miktub u jaqsam l-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati mal-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan, <b>abbażi tal-ħtiġijiet tal-livell reġjonali u lokali</b>, b'mod partikolari fir-rigward ta':</p> <p>[...]</p>

**Raġuni**

Biex issir enfasi dwar l-importanza li jiġi inkluż il-livell reġjonali u lokali.

**II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

**Dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data***

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għal Spazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, u jshaq fuq il-ħtieġa li s-servizzi tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jibbenefikaw minn tali infrastruttura, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-privatezza tal-pazjenti u d-drittijiet tagħhom relatati mad-*data* <sup>(2)</sup>;
2. jenfasizza li l-aspettattivi dwar is-saħħa li ċ-ċittadini għandhom fil-konfront tal-UE kienu riflessi fil-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kwalità tas-sistemi tas-saħħa, billi jinholq Spazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, li jiffaċilita l-iskambju tad-*data* dwar is-saħħa; ir-rekords tas-saħħa individwali jistgħu jsiru disponibbli — fuq bażi volontarja — permezz ta' ċertifikat tas-saħħa individwali Ewropew f'format elettroniku u li jkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*;
3. jilqa' b'sodisfazzjon l-ambizzjoni tal-proposta li toħloq opportunitajiet ġodda u akbar għall-użu primarju u sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa għall-benefiċċju tal-pazjenti, il-kura tas-saħħa, ir-riċerka u s-soċjeta' inġenerali. Access akbar għad-*data* dwar is-saħħa huwa prerekwiżit għall-iżvilupp tal-kura tas-saħħa moderna;
4. huwa tal-fehma li l-aċċess tal-pazjenti għad-*data* dwar is-saħħa tagħhom stess u l-possibbiltà li din tiġi kondiviża mas-servizzi tal-kura tas-saħħa jiffaċilitaw kura konsistenti, itejbu s-sikurezza tal-pazjenti u jżidu l-possibbiltà li l-pazjenti jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-kura tagħhom stess. L-użu kkontrollat u li jirrispetta l-privatezza tad-*data* dwar is-saħħa għar-riċerka, it-fassil tal-politika u l-iżvilupp tal-prodotti huwa wkoll prerekwiżit importanti għal progress mediku ġdid, aktar sikurezza tal-pazjenti u monitoraġġ imtejjeb tal-eżiti tal-kura tas-saħħa;
5. josserva li l-għan ġenerali tad-*data* dwar is-saħħa, u l-kondiviżjoni tagħha huwa li l-pazjenti jiġu pprovduti bl-aħjar kura tas-saħħa possibbli u li tiġi żgurata l-kwalità tal-kura tas-saħħa pprovduta; Barra minn hekk, huwa rakkomandat li ssir valutazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-sistema tas-saħħa, b'enfasi partikolari fuq l-irħula u l-bliet, u li jiġu żviluppjati u organizzati sistemi tas-saħħa bbażati fuq ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni, bil-għan li jiġu minimizzati d-differenzi fil-kwalità tal-kura;

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-KtR dwar Strateġija Farmaceutika għall-Ewropa u proposta leġiżlattiva biex jinbidel il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (ĠU C 300, 27.7.2021, p. 87).



6. iqis li l-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi m'għandux jingħata prijorità ogħla mill-aċċess tal-pazjenti għal kura tas-saħħa tajba f'pajjiżhom, u li dan jeħtieġ li jitqies fil-ħidma li għaddejja dwar ir-Regolament;
7. jenfasizza l-fatt li r-rekords mediċi huma waħda mill-aktar għodod importanti użati mill-fornituri tal-kura tas-saħħa u mill-professionisti tas-saħħa biex jorganizzaw u jipprovdu kura tas-saħħa ta' kwalità tajba u sikura għall-pazjent u li, għal din ir-raġuni, irid ikun possibbli li d-dokumentazzjoni medika titfassal f'konformità mal-istandards komuni stabbiliti fil-kuntest tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, iżda wkoll ma' dawk definiti minn kull Stat Membru, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, skont il-ħtiġijiet lokali speċifiċi;
8. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi ċċarat jekk is-servizzi soċjali humiex koperti mir-regolament il-ġdid, peress li ċerti Stati Membri jirreġistraw id-data kemm soċjali kif ukoll tas-saħħa f'daqqa, filwaqt li oħrajn jagħmlu distinzjoni;
9. huwa tal-fehma li r-Regolament se jirrikjedi ħidma kbira ta' żvilupp fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, li se tkun ibbażata fuq riżorsi finanzjarji, ta' ħin u umani sostanzjali. L-istimi tal-ispejjeż inklużi fil-Proposta ma jidentifikawx b'mod ċar l-ispejjeż lokali u reġjonali. Għalkemm huwa minnu li l-ispejjeż jistgħu ċertament jiġu parzjalment iffinanzjati taħt programmi differenti tal-UE, mhuxwiegħ ċar sa liema punt l-Istati Membri se jiġu koperti għall-ispejjeż ta' tranżizzjoni tagħhom u kif għandhom jiġu ġestiti l-ispejjeż ta' atturi differenti;
10. jenfasizza li peress li d-diġitalizzazzjoni tad-data dwar is-saħħa żżid ir-riskji taċ-ċibersigurtà, il-partijiet kollha kkonċernati għandhom jirrispettaw l-ogħla standards fil-qasam tal-protezzjoni u s-sigurtà tad-data. Iċ-ċittadini għandhom ikunu kunfidenti li d-data medika personali tagħhom se tiġi pproċessata bl-akbar attenzjoni, abbażi ta' qafas sod u sistema robusta ta' protezzjoni u sigurtà tad-data, b'salvagwardji adegwati;
11. isostni li fir-rigward tal-ġhoti ta' mezzi liċ-ċittadini biex jaċċessaw u jikkontrollaw aħjar id-data elettronika tagħhom dwar is-saħħa, jeħtieġ li r-Regolament jiżgura li ma jintesewx il-gruppi vulnerabbli u, b'mod partikolari, il-persuni akbar fl-età b'ħiliet diġitali limitati jew dawk b'aċċess limitat għal mezzi diġitali<sup>(3)</sup>;
12. iqis li d-dritt tal-awtodeterminazzjoni tal-persuni fiżiċi huwa ta' importanza kbira, u jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi garanziji fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR);
13. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħolqien ta' Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa jsir iżjed diffiċli minħabba n-nuqqas ta' esperti u għarfien tekniku u l-għadd limitat ta' atturi li għandhom l-għarfien speċjalizzat mehtiegħ biex jiżviluppaw u jżommu sistemi u infrastrutturi tad-data dwar is-saħħa li jissodisfaw standards għoljin ta' sigurtà u protezzjoni tad-data;
14. jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti u tressaq ukoll suġġerimenti dwar kif l-Unjoni tista' tappoġġja l-użu ta' infrastruttura fiżika addizzjonali meħtieġa għall-ħżin tad-data fl-Istati Membri, inkluż fil-livell lokali u reġjonali;

### Dwar l-interoperabbiltà

15. jesprimi tħassib li, fin-nuqqas ta' gwida ċara, l-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa tista', kif kien il-każ bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), twassal għal approċċi frammentati minħabba implimentazzjoni mhux uniformi u interpretazzjonijiet differenti fil-livell nazzjonali jew saħansitra reġjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
16. iqis, għalhekk, li għandhom jiġu previsti regoli komuni speċifiċi, mudelli operazzjonali u soluzzjonijiet biex jiġi żgurat li r-Regolament jiġi implimentat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha u li l-użu transfruntier tad-data dwar is-saħħa jirrispetta d-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza. F'dan ir-rigward, il-Kumitat bi pjaċir jinnota wkoll li fil-proposta attwali, l-użu ta' format elettroniku sar obligatorju għall-iskambju ta' rekords mediċi;

<sup>(3)</sup> Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).

**Dwar il-kwalità tad-data**

17. jirrimarka li *d-data* użata għar-riċerka jew it-tfassil tal-politika, kif ukoll dik użata għall-provvista tal-kura tas-saħħa, għandha tkun affidabbli, f'format uniformi, koerenti, adatta għall-iskop tagħha, rappreżentattiva u tista' titkejjel. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir il-kriterji stabbiliti fil-proposta għad-determinazzjoni tat-tipoloġija u l-karatteristiċi speċifiċi ewlenin tad-*data* dwar is-saħħa, iżda jemmen li għandha tingħata aktar attenzjoni lir-reqwiziti tal-kwalità;

18. jinnota, madankollu, li diversi Stati Membri diġà qed jaħdmu, fil-livell nazzjonali jew dak deċentralizzat, biex isibu soluzzjonijiet diġitali għall-iskambju ta' *data* bejn setturi differenti, kif ukoll għal ħafna mill-elementi l-oħra indirizzati fir-Regolament. Għalhekk, ikun jaqbel li tiġi sfruttata l-esperjenza miksuba minn inizjattivi bħal dawn fil-futur, fil-kuntest tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa;

19. jindika wkoll li l-iżvilupp tal-qafas għall-iskambju tad-*data* bejn l-Istati Membri jrid jkun ibbażat fuq standards internazzjonali, bħat-tfassil ta' profili tar-Riżorsi għall-interoperabbiltà rapida tal-kura tas-saħħa (FHIR) jew dawk tan-Nomenklatura Sistematizzata tal-Mediċina — Terminoloġija Klinika (SNOMED-CT). B'dan il-mod, il-ħidma mwettqa fil-livell Ewropew ser issir rilevanti wkoll għall-pajjiżi terzi li diġà huma ispirati minn diversi Stati Membri, jew jikkooperaw magħhom, b'mod partikolari biex jitwettaq skambju bla xkiel ta' *data* bejn is-sistemi tagħhom, eċċ.;

20. iqis li l-għoti tad-dritt u l-possibbiltà lill-persuni fiżiċi li jimmodifikaw jew jintroduċu xi *data* fir-rekords tas-saħħa tagħhom jista' jagħti lok għal problemi bil-kwalità tar-rekords ikkonċernati, u jħeġġeġ li ssir analiżi ulterjuri ta' kif dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati;

**Dwar il-governanza**

21. jissottolinja li sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, jeħtieġ li jiġi adottat approċċ ta' governanza f'diversi livelli u li jiġu adottati approċċi li ma jkunux biss fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, iżda wkoll fil-livell reġjonali u lokali;

22. iqis li waħda mill-isfidi għall-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa se tkun li jiġu pprovduti riżorsi u infrastruttura adegwati, inklużi dawk fiżiċi, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex tinħażen id-*data* dwar is-saħħa u jiġi pprovdut aċċess għaliha, u biex tiġi skambjata għall-provvista tal-kura tas-saħħa, ir-riċerka, it-tfassil tal-politika u l-azzjonijiet regolatorji;

23. jinsisti fuq il-hteġa li jiġu ċċarati aħjar ir-rwol u l-kompetenzi tal-Bord tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa. Filwaqt li se jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-saħħa diġitali u tal-korpi tal-aċċess għad-*data* dwar is-saħħa mill-Istati Membri kollha, ma huwiex ċar la x'se jkun ir-rwol tal-osservaturi, l-esperti, il-partijiet ikkonċernati u partijiet terzi rilevanti oħra, u lanqas kif se jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu;

24. jirrimarka li l-proposta tirrikjedi li jkun hemm standardizzazzjoni tad-*data* bejn l-Istati Membri, sabiex tkun tista' tiġi skambjata. Dan jista' jkollu konsegwenzi amministrattivi u finanzjarji sinifikanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li, jekk ikun hemm bżonn, ser ikunu jeħtieġu jinkorporaw standards ġodda tad-*data* fis-sistemi tal-IT tagħhom li diġà qed jaħdmu u jħarrġu lill-persunal tagħhom biex ikunu jistgħu jaħdmu b'dawn l-istandards;

25. jitlob li jkun preżenti fil-Bord tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

26. peress li l-proposta attwali tħalli lok għal manuvrar biex jiġi żgurat li ħafna mill-aspetti konkreti tagħha jiġu implimentati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li jeżistu bħalissa biex wieħed jifhem xi jfisser ir-Regolament fil-prattika għall-pazjenti, il-kura tas-saħħa, ir-riċerka, l-innovaturi u utenti oħra tad-*data* dwar is-saħħa;

**Dwar is-sussidjarjetà**

27. iqis li, fil-forma attwali tagħha, il-Proposta għal Regolament ma tidhirx li toħloq problemi fir-rigward tal-konformità tagħha mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-rigward tal-oġġettivi proposti tal-portabbiltà u l-interoperabbiltà tad-*data*, peress li dawn l-aspetti ma jistgħux jiġu rregolati b'mod adegwat la mill-Istati Membri u lanqas mill-awtoritajiet reġjonali u lokali li jaġixxu waħedhom. Barra minn hekk, il-karatteristiċi pożittivi tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni differenti tal-Unjoni Ewropea u biex tiġi pprovduta informazzjoni affidabbli għat-tfassil ta' politiki tas-saħħa adattati għall-ħtiġijiet lokali. Lanqas m'għandhom jgħid il-benefiċċji xjentifiċi tiegħu fir-rigward tal-effetti pożittivi u negattivi (avversi) tad-diversi teknoloġiji tas-saħħa użati, li r-riżultati tagħhom jistgħu jiġu implimentati malajr anke fl-iżjed reġjuni remoti jew żvantaġġati. Madankollu, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li r-Regolament propost ma jagħtix setgħat eċċessivi lill-Unjoni u jirrispetta d-drittijiet tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali li jiddeċiedu fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tagħhom, peress li diversi pajjiżi għażlu li jagħtu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali aktar responsabbiltà għall-organizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa, sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku”

(2023/C 157/11)

<b>Relatur:</b>	Muhterem ARAS (DE/Il-Ħodor), President tal-Parlament tal-Land ta' Baden-Württemberg, il-Ġermanja
<b>Dokumenti ta' referenza:</b>	<p>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98</p> <p>COM(2022) 459 final</p> <p>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009 u (UE) Nru 305/2011 fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku</p> <p>COM(2022) 461 final</p> <p>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku</p> <p>COM(2022) 462 final</p>

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98**

COM(2022) 459 final

**Emenda 1**

Emenda għall-Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Barra minn hekk, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' oġġetti rilevanti għall-kriżijiet matul l-emerġenza tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda li l-Istati Membri jiddistribwixxu riżervi strateġiċi, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-prinċipji tas-solidarjetà, tan-neċessità u tal-proporzjonalità.	Barra minn hekk, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' oġġetti rilevanti għall-kriżijiet matul l-emerġenza tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda li l-Istati Membri jiddistribwixxu riżervi strateġiċi, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-prinċipji tas-solidarjetà, tan-neċessità u tal-proporzjonalità. <b>Dan għandu jqis il-ħtiġijiet lokali u reġjonali differenti bħal dawk tar-reġjuni ultraperiferiċi, il-bliet b'densità għolja ta' popolazzjoni, iż-żoni rurali u r-reġjuni tal-fruntiera.</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 2**

## Emenda għall-Artikolu 1(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejniethom u mal-Kummissjoni.	L-Istati Membri għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejniethom u mal-Kummissjoni, <b>kif ukoll mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.</b>

**Raġuni**

L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma mistiedna jimplementaw ħafna mill-miżuri attivati taħt l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku. Għalhekk, dawn għandhom tal-anqas jiġu infurmati dwar il-KtR.

**Emenda 3**

## Emenda għall-Artikolu 2(8)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri li jissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali jew is-setgħa tagħhom li jissalvagwardjaw funzjonijiet tal-Istat essenzjali, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat u ż-żamma tal-ordni pubbliku.	Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet <b>ġenerali</b> tal-Istati Membri li jissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali jew is-setgħa tagħhom li jissalvagwardjaw funzjonijiet tal-Istat essenzjali, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat u ż-żamma tal-ordni pubbliku.

**Raġuni**

Il-kelma "ġenerali" għandha tiddied għal kjarifika sabiex jiġu ppreservati r-regoli dwar il-moviment liberu fl-Artikolu 16 et seq.

**Emenda 4**

## Emenda u żieda għall-Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-grupp konsultattiv u tiżgura s-segretarjat tiegħu. Il-Kummissjoni tista' tistieden <b>rappreżentant tal-Parlament Ewropew</b> , rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea 49, rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, sħab soċjali u esperti, biex jattendu l-laqqgħat tal-grupp konsultattiv bħala osservaturi. Din għandha tistieden lir-rappreżentanti ta' korpi oħrajn rilevanti għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi għal-laqqgħat rilevanti tal-grupp konsultattiv.	Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-grupp konsultattiv u tiżgura s-segretarjat tiegħu. <b>Il-membri permanenti tal-grupp konsultattiv jinkludu wkoll rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.</b> Il-Kummissjoni tista' tistieden rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea 49, rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, sħab soċjali u esperti, biex jattendu l-laqqgħat tal-grupp konsultattiv bħala osservaturi. Din għandha tistieden lir-rappreżentanti ta' korpi oħrajn rilevanti għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi għal-laqqgħat rilevanti tal-grupp konsultattiv.

**Raġuni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandhom ikunu rappreżentati fil-grupp konsultattiv b'siġġijiet permanenti sabiex jiġi żgurat skrutinju parlamentari u jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-post. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma wkoll dawk esposti direttament għall-problemi u l-impatti tal-kriżijiet u jistgħu jirrapportaw dan direttament. Permezz tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, l-interessi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jiġu rappreżentati fil-grupp konsultattiv.

**Emenda 5**

## Emenda għall-Artikolu 5(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jaħtru uffiċċji ċentrali ta' kollegament responsabbli għal kuntatti, koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni mal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ta' Stati Membri oħrajn u mal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament fil-livell tal-Unjoni skont dan ir-Regolament. Tali uffiċċji ta' kollegament għandhom jikkoordinaw u jiġbru l-inputs mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti.	L-Istati Membri għandhom jaħtru, <b>flimkien ma' awtoritajiet lokali u reġjonali</b> , uffiċċji ċentrali ta' kollegament responsabbli għal kuntatti, koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni mal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ta' Stati Membri oħrajn u mal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament fil-livell tal-Unjoni skont dan ir-Regolament. Tali uffiċċji ta' kollegament għandhom jikkoordinaw u jiġbru l-inputs mill-awtoritajiet nazzjonali, <b>reġjonali u lokali</b> kompetenti rilevanti.

**Raġuni**

L-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa importanti, peress li l-uffiċċji nazzjonali ta' kollegament waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni. Skont l-istruttura politika u kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jistgħu jiġu involuti uffiċċji reġjonali jew lokali.

**Emenda 6**

## Emenda għall-Artikolu 6(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-modalitajiet ta' viġilanza u ta' emerġenza tas-Suq Uniku fis-setturi kollha tas-Suq Uniku;	(a) il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, <b>lokali, reġjonali</b> u tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-modalitajiet ta' viġilanza u ta' emerġenza tas-Suq Uniku kollha tas-Suq Uniku;

**Raġuni**

L-involvement tal-livell lokali u reġjonali huwa importanti.

**Emenda 7**

## Emenda għall-Artikolu 6(2)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
inventarju tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament maħtura f'konformità mal-Artikolu 5 u tal-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 21, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet assenjati matul il-modalitajiet ta' viġilanza u ta' emerġenza ta' dan ir-Regolament skont il-liġi nazzjonali;	inventarju tal-awtoritajiet nazzjonali <b>lokali u reġjonali</b> kompetenti rilevanti, tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament maħtura f'konformità mal-Artikolu 5 u tal-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 21, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet assenjati matul il-modalitajiet ta' viġilanza u ta' emerġenza ta' dan ir-Regolament skont il-liġi nazzjonali;

**Raġuni**

L-involvement tal-livell lokali u reġjonali, skont l-istruttura tal-Istati Membri.

**Emenda 8**

Emenda u żieda għall-Artikolu 8(3)(c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
iż-żona ġeografika; il-proporzjon tas-Suq Uniku affettwat mit-tfixkil jew mit-tfixkil potenzjali; l-impatt fuq żoni ġeografiċi speċifiċi partikolarment vulnerabbli jew esposti għal interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE;	iż-żona ġeografika; il-proporzjon tas-Suq Uniku affettwat mit-tfixkil jew mit-tfixkil potenzjali; l-impatt fuq żoni ġeografiċi speċifiċi partikolarment vulnerabbli jew esposti għal interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista inklużi <b>r-reġjuni tal-fruntiera u r-reġjuni</b> ultraperiferiċi tal-UE;

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 9**

Emenda għall-Artikolu 9(1)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta l-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni pprovduta mill-grupp konsultattiv, tqis li hemm it-theddida msemija fl-Artikolu 3(2), hija għandha tattiva l-modalità ta' viġilanza għal tul ta' żmien massimu ta' sitt xhur permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Tali att ta' implimentazzjoni għandu jkun fih dan li ġej: (a) valutazzjoni tal-impatt potenzjali tal-kriżi;	Meta l-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni pprovduta mill-grupp konsultattiv, tqis li hemm it-theddida msemija fl-Artikolu 3(2), hija għandha tattiva l-modalità ta' viġilanza għal tul ta' żmien massimu ta' sitt xhur permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Tali att ta' implimentazzjoni għandu jkun fih dan li ġej: (a) valutazzjoni tal-impatt potenzjali tal-kriżi, <b>inkluża s-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni tal-fruntiera;</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 10**

Emenda għall-Artikolu 11(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu kif xieraq il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u b'mod partikolari l-SMEs, li jistgħu jkunu assoċjati mat-talbiet għall-informazzjoni u jiżguraw li <b>jinżamm baxx kemm jista' jkun.</b>	L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu kif xieraq il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u b'mod partikolari l-SMEs, li jistgħu jkunu assoċjati mat-talbiet għall-informazzjoni u jiżguraw li <b>l-kontenut ta' talbiet bħal dawn ikun proporzjonat u strettament limitat għal dak meħtieġ għall-konformità mal-Artikolu 9.</b>

**Raġuni**

L-evitar ta' burokrazija bla bżonn fuq in-negozji.

**Emenda 11**

## Emenda għall-Artikolu 12(2)(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar l-oġġetti elenkati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 9(1), fir-rigward ta' dan kollu li ġej:</p> <p>(a) l-istokk attwali fit-territorju tagħhom;</p>	<p>Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar l-oġġetti elenkati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 9(1), fir-rigward ta' dan kollu li ġej:</p> <p>(a) l-istokk attwali <b>u s-siti</b> fit-territorju tagħhom;</p>

**Raġuni**

Huwa importanti li jiġi vverifikat fejn l-Istati Membri jaħżnu l-oġġetti rilevanti għall-kriżijiet sabiex, f'każ ta' emerġenza, dawn ikunu jistgħu jitqassmu wkoll f'żoni remoti fil-ħin.

**Emenda 12**

## Emenda għall-Artikolu 12(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Filwaqt li jqisu l-ħażniet miżmuma jew li qegħdin jinbnew mill-operaturi ekonomiċi fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jibnu riżervi strateġiċi tal-oġġetti ta' importanza strateġika identifikati f'konformità mal-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw u jissimplifikaw l-isforzi tagħhom.</p>	<p>Filwaqt li jqisu l-ħażniet miżmuma jew li qegħdin jinbnew mill-operaturi ekonomiċi fit-territorju tagħhom, <b>inkluż il-bilanċ territorjali b'attenzjoni speċjali għaż-żoni insulari u muntanjużi u żoni remoti oħra</b>, l-Istati Membri għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jibnu riżervi strateġiċi tal-oġġetti ta' importanza strateġika identifikati f'konformità mal-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw u jissimplifikaw l-isforzi tagħhom.</p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 13**

## Emenda għall-Artikolu 15(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Meta l-Kummissjoni tqis, filwaqt li tqis l-opinjoni pprovduta mill-grupp konsultattiv, li tkun neċessarja estensjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex jestendi l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku. Soġġetta għal bidliet urġenti u eċċezzjonali fiċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tagħmel dan mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-iskadenza tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku. Il-Kunsill jista' jestendi l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku b'mhux aktar minn sitt xhur fi żmien partikolari permezz ta' att ta' implimentazzjoni.</p>	<p>Meta l-Kummissjoni tqis, filwaqt li tqis l-opinjoni pprovduta mill-grupp konsultattiv, li tkun neċessarja estensjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex jestendi l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku. Soġġetta għal bidliet urġenti u eċċezzjonali fiċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tagħmel dan mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-iskadenza tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku. Il-Kunsill jista' jestendi l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku b'mhux aktar minn sitt xhur fi żmien partikolari permezz ta' att ta' implimentazzjoni. <b>Fin-nuqqas ta' estensjoni, il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tiskadi awtomatikament.</b></p>



**Raġuni**

Il-miżuri f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandhom dejjem ikunu limitati fiż-żmien u jintemmu awtomatikament biex jiġi evitat l-abbuż. Dan huwa msemmi fl-Artikolu 14(3) dwar l-attivazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, iżda mhux fl-Artikolu dwar id-diżattivazzjoni tagħhom, u għalhekk qed tiġi pprovduta kjarifika.

**Emenda 14**

Emenda għall-Artikolu 16(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta jadottaw u japplikaw miżuri nazzjonali b'reazzjoni għal emerġenza tas-Suq Uniku u għall-kriżi sottostanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom jikkonformaw bis-sħiħ mat-Trattat u mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.	Meta jadottaw u japplikaw miżuri nazzjonali b'reazzjoni għal emerġenza tas-Suq Uniku u għall-kriżi sottostanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom jikkonformaw bis-sħiħ mat-Trattat u mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti <b>prijoritarji</b> stabbiliti f'dan l-Artikolu, <b>speċjalment fir-rigward ta' miżuri skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen</b> .

**Raġuni**

Sabiex ir-regoli dwar il-moviment liberu tal-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku jkunu effettivi, dawn irid ikollhom preċedenza parzjali fuq il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inkella l-Istati Membri jistgħu jintroduċu kontrolli unilaterali u mhux koordinati fuq il-fruntieri, li fin-natura tagħhom jistgħu jfissru wkoll l-għeluq tal-fruntieri.

**Emenda 15**

Emenda għall-Artikolu 16(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kwalunkwe restrizzjoni għandha tkun limitata fiż-żmien u titneħħa malli s-sitwazzjoni tkun tippermetti dan. Barra minn hekk, kwalunkwe restrizzjoni jenħtieġ li tqis is-sitwazzjoni tar-regġuni tal-fruntiera.	Kwalunkwe restrizzjoni għandha tkun limitata fiż-żmien, <b>riveduta regolarment</b> u titneħħa malli s-sitwazzjoni tkun tippermetti dan. Barra minn hekk, kwalunkwe restrizzjoni jenħtieġ li tqis is-sitwazzjoni tar-regġuni tal-fruntiera.

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 16**

Emenda u żieda għall-Artikolu 16(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati affettwati kollha jiġu informati b'miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni, inklużi l-ħaddiema u l-fornituri tas-servizzi, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, inkluża komunikazzjoni mas-sħab soċjali u mas-sħab internazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati <b>u l-awtoritajiet lokali u reġjonali</b> affettwati kollha jiġu informati b'miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni, inklużi l-ħaddiema u l-fornituri tas-servizzi, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, inkluża komunikazzjoni <b>mal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni</b> , mas-sħab soċjali u mas-sħab internazzjonali.

**Raġuni**

Niżguraw l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

**Emenda 17**

Emenda għall-Artikolu 19(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tar-Raġunijiet li jagħmlu l-promulgazzjoni ta' tali miżura ġġustifikata u proporzjonata, fejn dawk ir-Raġunijiet ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fil-miżura notifikata. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test sħiħ <b><i>tad-dispożizzjonijiet leġislattivi jew regolatorji nazzjonali li jinkludu</i></b> l-miżura jew li <b><i>huma modifikati</i></b> minnha	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tar-Raġunijiet li jagħmlu l-promulgazzjoni ta' tali miżura ġġustifikata u proporzjonata, fejn dawk ir-Raġunijiet ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fil-miżura notifikata. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test sħiħ <b><i>tal-leġislazzjoni applikabbli f'dak ir-rigward fl-Istat Membru tagħhom</i></b> li <b><i>tinkludi</i></b> l-miżura jew li <b><i>hija modifikata</i></b> minnha.

**Raġuni**

F'xi Stati Membri, ir-reġjuni jistgħu jadottaw ir-regoli tagħhom stess jew addizzjonali, u għalhekk m'għandhiex tisemma biss il-leġislazzjoni nazzjonali, iżda l-leġislazzjoni kollha applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.

**Emenda 18**

Emenda għall-Artikolu 21(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, għall-operaturi ekonomiċi u għall-ħaddiema u għar-rappreżentanti tagħhom li jirċievu, fuq talba tagħhom u permezz tal-punti uniċi ta' kuntatt rispettivi, informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-mod li bih il-miżuri nazzjonali rispettivi ta' rispons għall-kriżijiet jiġu interpretati u applikati b'mod ġenerali. Fejn xieraq, tali informazzjoni għandha tinkludi gwida pass b'pass. L-informazzjoni għandha tingħata b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem. Din għandha tkun aċċessibbli faċilment mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi u għandha tinżamm aġġornata.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, <b><i>għall-awtoritajiet lokali u reġjonali</i></b> , għall-operaturi ekonomiċi u għall-ħaddiema u għar-rappreżentanti tagħhom li jirċievu, fuq talba tagħhom u permezz tal-punti uniċi ta' kuntatt rispettivi, informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-mod li bih il-miżuri nazzjonali rispettivi ta' rispons għall-kriżijiet jiġu interpretati u applikati b'mod ġenerali. Fejn xieraq, tali informazzjoni għandha tinkludi gwida pass b'pass. L-informazzjoni għandha tingħata b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem. Din għandha tkun aċċessibbli faċilment mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi u għandha tinżamm aġġornata.

**Raġuni**

Kulħadd għandu jkollu aċċess għall-punti uniċi ta' kuntatt tal-Istati Membri. Dan jista' jiġi ffaċilitat mil-livell reġjonali. Dan huwa partikolarment essenzjali fir-reġjuni tal-fruntiera u ż-żoni periferiċi.

**Emenda 19**

Emenda għall-Artikolu 22(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-punt uniku ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għandu jipprovdi liċ-ċittadini, lill-konsumaturi, lill-operaturi ekonomiċi, lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom bl-assistenza li ġejja: [...]	Il-punt uniku ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għandu jipprovdi liċ-ċittadini, lill-konsumaturi, <b><i>l-awtoritajiet lokali u reġjonali</i></b> , lill-operaturi ekonomiċi, lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom bl-assistenza li ġejja: [...]

**Raġuni**

Niżguraw l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

**Emenda 20**

Emenda għall-Artikolu 24(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Fejn ikun hemm nuqqasijiet kbar relatati ma' kriżi jew theddida immedjata tagħha, il-Kummissjoni tista' tistieden lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi jew operaturi ekonomiċi fi ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżi biex jibagħtu fuq bażi volontarja, flimitu ta' żmien stabbilit, informazzjoni speċifika lill-Kummissjoni dwar il-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-ħażniet eżistenti possibbli ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi u l-komponenti tagħhom f'faċilitajiet ta' produzzjoni tal-Unjoni u f'faċilitajiet ta' pajjiżi terzi li hija topera, għandha kuntratt magħhom jew tixtri provvista mingħandhom, kif ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe tfixkil rilevanti fil-katina tal-provvista fi ħdan skadenza partikolari.</p>	<p>Fejn ikun hemm nuqqasijiet kbar relatati ma' kriżi jew theddida immedjata tagħha, il-Kummissjoni tista' tistieden lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi jew operaturi ekonomiċi fi ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżi biex jibagħtu fuq bażi volontarja, flimitu ta' żmien stabbilit, informazzjoni speċifika lill-Kummissjoni dwar il-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-ħażniet eżistenti possibbli ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi u l-komponenti tagħhom f'faċilitajiet ta' produzzjoni tal-Unjoni u f'faċilitajiet ta' pajjiżi terzi li hija topera, għandha kuntratt magħhom jew tixtri provvista mingħandhom, kif ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe tfixkil rilevanti fil-katina tal-provvista fi ħdan skadenza partikolari. <b><i>Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-piż amministrattiv u kummerċjali għall-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari l-SMEs, jiġi minimizzat, li l-iskadenzi għat-tweġiba jkunu realistiċi u li l-kontenut tas-sejthiet ikun proporzjonat u strettament meħtieġ.</i></b></p>

**Raġuni**

L-evitar ta' burokrazija bla bżonn fuq in-negożji.

**II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA****IL-KUMMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)**

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq uniku, inkluż il-moviment liberu tal-persuni, f'sitwazzjonijiet futuri ta' kriżi;
2. jenfasizza kif l-azzjoni koordinata tal-UE ppermettiet li l-libertajiet tas-suq uniku jiġu restawrati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u kif il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bi ksur tad-dritt internazzjonali, turi kemm tista' tfeġġ malajr kriżi ġdida;
3. jirrimarka kif il-kriżijiet jista' jkollhom konsegwenzi serji għas-suq uniku; jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri bbażati fuq il-ħtiġijiet biex jiġu indirizzati d-diverġenzi relatati mal-kriżi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali u politika ta' koeżjoni bbażata fuq il-ħtiġijiet li tippromovi r-reżiljenza għall-kriżijiet bl-istess objettivi;
4. itenni l-fehma tiegħu li, b'mod partikolari, il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni u tas-servizzi jrid jiġi ssalvagwardjat kontra l-kriżijiet; jenfasizza r-rwol partikolari tar-reġjuni tal-fruntiera għall-funzjonament tas-suq uniku;
5. jenfasizza li l-oqsma koperti mill-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma partikolarment affettwati mill-impatt tal-kriżijiet, peress li diġà qed jiffaċċjaw sfidi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni tagħhom;
6. iqis, għalhekk, il-ħtieġa ta' qafas tal-UE b'saħħtu u ġenerali għall-kriżijiet għas-suq uniku li jikkomplementa r-regoli eżistenti u ppjanati speċifiċi għas-settur;

### **Il-ġestjoni tal-fruntieri fl-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku**

7. jenfasizza li r-reġjuni tal-fruntiera, b'mod partikolari, ibatu minn għeluq tal-fruntieri b'rabta mal-kriżi u, b'mod partikolari, unilaterali u fuq terminu qasir; dan jikkonċerna l-kooperazzjoni transfruntiera kollha f'oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-enerġija, kif ukoll it-trasport ta' oġġetti, ħaddiema transfruntiera, fornituri ta' servizzi, iżda wkoll familji u relazzjonijiet interpersonali oħra;
8. jirrimarka, b'mod partikolari, li l-kontrolli fil-fruntieri mhumiex tant differenti mill-għeluq tal-fruntieri minħabba l-konġestjoni twila kilometri fil-qsim tal-fruntieri;
9. jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea tagħti prijorità parzjali lir-regoli dwar il-moviment liberu tal-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku fuq il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-merkanzija fi żminijiet ta' kriżi;
10. jistieden lill-Kunsill, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, biex jibda negozjati ma' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni tal-UE sabiex jiġu infurzati tali regoli dwar il-moviment liberu;
11. ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-Opinjoni tiegħu dwar *Governanza riveduta taż-żona Schengen*<sup>(1)</sup>, li tappella sabiex il-kontrolli fil-fruntieri interni jkunu strettament limitati għal massimu ta' 24 xahar b'kolloxx u li jispjegaw għaliex miżuri alternattivi mhumiex adegwati;
12. iħeġġeġ ukoll lill-Kunsill ineħħi l-ostakli għall-ħolqien tal-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew sabiex jiġu implimentati soluzzjonijiet intergovernattivi sempliċi tul il-fruntieri;

### **L-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku minn perspettiva reġjonali**

13. jilqa' b'mod ġenerali l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-proposta u l-enfasi tagħha fuq l-attivitajiet tal-ivvjaġġar u tan-negozju; jappella, fl-istess ħin, għal fokus territorjali aktar qawwi tal-istrument f'sitwazzjoni ta' emerġenzi sabiex tiġi żgurata l-effettività tiegħu fuq il-post;
14. filwaqt li jibni fuq dan, jappella għall-involviment permanenti tar-rappreżentanti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fil-grupp konsultattiv;
15. jappella wkoll sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fit-tfassil tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament u l-aċċess ugwali għall-punti ta' kuntatt nazzjonali u uniċi fil-livell tal-UE;
16. ifakkar li l-oġġetti rilevanti għall-kriżi huma (potenzjalment) distribwiti b'mod mhux uniformi fi ħdan is-suq uniku; jenfasizza l-hteġa assoluta għal solidarjetà Ewropea fl-azzjoni sabiex tiġi żgurata d-distribuzzjoni ta' tali oġġetti liż-żoni l-aktar affettwati; jilqa' f'dan ir-rigward il-projbizzjoni fuq ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni;
17. jipproponi li d-definizzjonijiet u l-kriterji rilevanti jsiru aktar konsistenti fil-proposta kollha u li, f'dan il-kuntest, it-tħassib reġjonali għandu jiġi kkunsidrat aktar;

### **Governanza tal-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku**

18. jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-hteġa li jiġu ċċarati d-definizzjonijiet individwali sabiex tinkiseb ċertezza legali u jiġi ċċarat taħt liema kundizzjonijiet, ċirkostanzi u kriżijiet għandu jintuża l-istrument għall-emerġenzi;
19. jilqa' s-sistema proposta tad-dawl tat-traffiku bit-tliet fażijiet tal-ippjanar ta' kontinġenza, is-sorveljanza tas-suq uniku u l-emerġenzi fis-suq uniku għal prevenzjoni, thejjiha u ġestjoni aħjar tal-kriżijiet;
20. jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-enfasi fuq l-iskambju ta' informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita interfaċċa ta' informazzjoni online komuni għal kriżijiet futuri, fuq il-linji ta' "Re-open EU" li nħolqot matul il-pandemija tal-COVID-19;
21. jenfasizza l-hteġa li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-koerenza ma' regoli speċifiċi għas-settur u regoli ġenerali oħra, b'mod partikolari l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, sabiex ma jwassalx għal inċertezza legali akbar;

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Governanza riveduta taż-żona Schengen (COR-2022-01129-00-01) (ĠU C 498, 30.12.2022, p. 114).

22. ifakkar fil-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni hijaestensiva ħafna; jenfasizza, għalhekk, l-importanza li jiġu żgurati skrutinju u trasparenza suffiċjenti fl-implimentazzjoni tal-istrument, anke sabiex tiġi vverifikata u kkompensata l-estensjoni potenzjalment wiesgħa tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni; jirrimarka li dan jista' jinkiseb biss permezz ta' kriterji ċari u mhux ambigwi u limiti kwantifikabbli flimkien ma' proċess ġust li ma jiggwarantixxix biss l-involvement tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew, iżda wkoll tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali;
23. jenfasizza li kwalunkwe miżura f'sitwazzjoni ta' emerġenza trid tirrispetta u tiggwarantixxi l-infurzar effettiv u r-rispett sħiħ tal-liġijiet tax-xogħol u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet soċjali, tal-ħaddiema u tat-trade unions;
24. jappella għal rieżami tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista, il-ġbir ta' informazzjoni mill-kumpaniji u t-tweqqif ta' ordnijiet ta' prijorità; huwa preċiżament fi żminijiet ta' kriżi li l-piżijiet addizzjonali fuq in-negozji, speċjalment l-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju, għandhom jiġu minimizzati; bħala minimu, għandhom jiġu estiżi skadenzi stretti għat-tweġiba;
25. jilqa' l-aċċellerazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-konformità ta' prodotti strateġikament importanti; jissuġġerixxi li dan jiġi estiż għal gruppi oħra ta' prodotti;
26. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel l-akkwist konġunt trasparenti u tislet tagħlimiet min-nuqqas li jiġu konklużi kuntratti mal-manifatturi tal-vaċċini kontra l-COVID-19;
27. fl-aħħar nett, jilqa' d-dibattiti reċenti dwar it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika Ewropea indipendentement mill-kriżi u jstenna bil-ħerqa l-abbozz ta' liġi tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-materja prima kritika; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex fl-abbozz ta' leġiżlazzjoni tagħha tinkludi l-proposti tal-Opinjoni tal-KtR dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika <sup>(2)</sup>.

Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Vasco ALVES CORDEIRO

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni*

---

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni — Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika (COR-2020-04292-00-01) (ĠU C 175, 7.5.2021, p. 10).





ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT